

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10064/22
ADD 1

FIN 648

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 401 final/ANNEXES 1 to 3
Suġġett:	ANNESI tar- "Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri: Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena finanzjarja 2021"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 401 final/ANNEXES 1 to 3.

Mehmuż: COM(2022) 401 final/ANNEXES 1 to 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 7.6.2022
COM(2022) 401 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESI

tar-

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

**LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-QORTI TAL-
AUDITURI**

**Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Sena finanzjarja
2021**

Rapport Annwali dwar il- Ġestjoni u l- Prestazzjoni għall-Baġit tal- UE

Volum II
Annessi

Sena finanzjarja
2021

#EUBUDGET

Rapporti Integrati Finanzjarji u ta'
Akkontabilità 2021

Il-Kummissjoni Ewropea mhijiex responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza li tista' tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: I-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

© L-Unjoni Ewropea, 2022



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39). Dment li ma jiġix indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat permezz ta' liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata l-kreditu xieraq u dment li kwalunkwe bidla tiġi indikata.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jaf ikun hemm bżonn li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

Ir-ritratti kollha © I-Unjoni Ewropea, dment li ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum II – Annessi – Sena finanzjarja 2021

Stampat	ISBN 978-92-76-51013-0	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/733952	KV-AQ-22-002-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-51012-3	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/285345	KV-AQ-22-002-EN-N

Huwa disponibbli wkoll:

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum I – Sena finanzjarja 2021


Stampat	ISBN 978-92-76-49919-0	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/022851	KV-AQ-22-001-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-49892-6	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/093153	KV-AQ-22-001-EN-N

Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE – Volum III – Annessi tekniċi – Sena finanzjarja 2021

Stampat	ISBN 978-92-76-51105-2	ISSN 2599-7084	doi:10.2761/762638	KV-AQ-22-003-EN-C
PDF	ISBN 978-92-76-51104-5	ISSN 2599-7092	doi:10.2761/064137	KV-AQ-22-003-EN-N

Werrej

ANNES 1 – PRIJORITAJIET ORIZZONTALI FL-2021	5
1. L-irkupru u t-titjib tar-reżiljenza	8
2. L-ixprunar tat-tranżizzjonijiet doppji għal futur sostenibbli	12
3. Il-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies	21
4. It-tisħiħ tal-Ewropa bħala attur ġeopolitiku	29
ANNES 2 – KONTROLL INTERN U ĠESTJONI FINANZJARJA	37
1. Għodod b'saħħithom għall-ġestjoni u għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE f'ambjent kumpless ..	38
2. Riżultati tal-kontroll	51
3. Aċċertament tal-ġestjoni	68
4. Żviluppi ulterjuri: prospettiva għall-2022 u lil hinn minnha	73
ANNES 3 – FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA STRUMENT ĠDID IBBAŻAT FUQ IL- PRESTAZZJONI GĦAS-SERVIZZ TAL-IRKUPRU TAL-UE	75




Annex 1 – Prijoritajiet orizzontali fl-2021

Prijoritajiet orizzontali fl-2021

Il-baġit tal-UE qiegħed isir għodda dejjem aktar importanti għat-tweġiq tal-prijoritajiet tal-UE. Permezz tal-programmi tiegħu, il-baġit jappoġġa l-politiki interni u esterni tal-UE u joħloq valur miżjud Ewropew billi jikseb riżultati li ma jistgħux jinkisbu b'infiq nazzjonali mhux koordinat. Il-programmi tal-UE huma mfasslin sabiex jaħdmu flimkien bl-għan li jisfruttaw is-sinerġiji, jikkatalizzaw il-finanzjament privat u pubbliku u jipprovdu spinta koordinata għal numru ta' prijoritajiet politiċi ġenerali, li huma ċentrali għall-ambizzjonijiet il-kbar tal-Kummissjoni von der Leyen⁽¹⁾.

Il-baġit tal-2021 kien l-ewwel wieħed taħt il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027. Kien fil-qalba tar-rispons komprensiv tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19, li ppermettelha tirrispondi malajr u b'mod flessibbli għal ħtiġijiet urġenti. Kompla wkoll jistabbilixxi l-pedamenti għas-sostenibbiltà u għall-prosperità futuri tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-investimenti fl-irkupru ekoloġiku u diġitali. Dan se jippermetti lill-ekonomija soċjali Ewropea ssir aktar reżiljenti u se jsaħħaħ il-fohloqien tax-xogħol. Il-baġit tal-UE għall-2021 ammonta għal EUR 164 biljun f'impjenji allokatu taħt l-intestaturi li ġejjin.

Qafas finanzjarju multiannwali fl-2021
Total EUR 162 526



Il-qafas finanzjarju pluriennali: l-appropriazzjonijiet ta' impenn tal-baġit tal-UE għall-2021 skont l-intestatura tal-baġit (f'miljuni ta' EUR).


Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Il-baġit tal-UE huwa msaħħaħ minn NextGenerationEU sabiex jindirizza l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija. NextGenerationEU huwa strument temporanju għall-irkupru ta' EUR 807 biljun⁽²⁾ li jikkonsisti f'appoġġ addizzjonali għall-baġit fit-tul tal-UE, b'enfasi fuq l-ewwel snin kruċjali tal-irkupru. Il-finanzjament minn NextGenerationEU huwa investit f'diversi programmi u, għalhekk, huwa deskritt f'dan l-anness kollu.

⁽¹⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/political-guidelines-next-commission_mt_0.pdf

⁽²⁾ EUR 807 biljun bil-prezzijiet kurrenti, EUR 750 biljun bil-prezzijiet tal-2018.

NextGenerationEU fl-2021
Total **EUR 421 070**



L-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' NextGenerationEU skont l-intestatura tal-baġit (f'miljuni ta' EUR).
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

L-analiżi tal-prestazzjoni f'dan l-anness tiddeskrivi kif il-programmi tal-UE kkontribwew għal diversi prijoritajiet ta' politika trasversali u interkonnessi. Hija mqassma fuq il-bażi ta' erba' temi ewlenin:

- I-irkupru u t-titjib tar-reżiljenza;
- I-ixprunar tat-tranżizzjonijiet doppji għal futur sostenibbli;
- il-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies;
- it-tiżni tal-Ewropa bħala attur ġeopolitiku.

Dan is-sommarju jikkomplementa r-rapportar programm bi programm fl-Anness 4, li l-Kummissjoni Ewropea tippreżenta bħala sit web [link].

1. L-irkupru u t-titjib tar-reżiljenza



NextGenerationEU huwa ħafna aktar minn irkupru, u se jsawwar il-kontinent tagħna għall-għexieren ta' snin li ġejjin. Se nkunu qegħdin inħejju lis-soċjetajiet tagħna u l-ekonomiji tagħna sabiex isiru aktar b'saħħithom u sabiex ikunu aktar reżiljenti.

Ursula von der Leyen

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat l-importanza strateġika tat-tisħiħ tar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali tal-UE. Enfasizzat ukoll il-ħtieġa urġenti li tiżdied il-kapaċità ta' tnejjija u ta' rispons tal-UE għall-kriżijiet, inkluż permezz ta' investiment f'sistemi tas-saħħa b'saħħithom u permezz ta' titjib fil-kapaċità tal-UE li twieġeb għal diżastri naturali u għal emerġenzi oħrajn.

Din it-taqsimha tkopri l-komponenti ewlenin tar-rispons tal-UE, l-ewwel f'termini ta' appoġġ għall-irkupru u mbagħad fir-rigward tal-istabbiliment tal-pedamenti għal UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti.

L-appoġġ għall-irkupru immedjatament wara l-pandemija

Għan ewlieni tal-azzjoni baġitarja tal-UE fl-2021 kien li jiġi sostnut l-irkupru mix-xokk ekonomiku kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u mir-restrizzjonijiet stabbiliti sabiex irażżnu t-tixrid tagħha. Dan inkiseb essenzjalment permezz ta' approċċ mifruq fuq żewġ friegħi: (1) l-għoti lill-Istati Membri ta' kemm jista' jkun flessibbiltà sabiex jirridirezzjonaw ir-riżorsi kollha disponibbli taħt il-baġit fit-tul tal-2014-2020 sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi tas-saħħa u ekonomiċi tal-pandemija; u (2) l-għoti ta' riżorsi ġodda tal-UE sabiex isostnu l-irkupru fuq terminu qasir sakemm jirranka r-rispons fit-tul (deskritt hawn taħt).

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ippermettew lill-Istati Membri sabiex jirridirezzjonaw ir-riżorsi li jifdal mill-baġit fit-tul tal-2014-2020 bl-għan li jiffinanzjaw ir-rispons tagħhom għall-pandemija.

- **L-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus** ipprovdiet madwar EUR 8 biljun f'likwidità immedjata sabiex jiġu mmobilizzati l-investimenti bl-għan li jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, tingħata flessibbiltà akbar fl-applikazzjoni tar-regoli tal-infiq tal-UE u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE.
- B'mod simili, **L-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus Plus** introduċiet flessibbiltà straordinarja billi ppermettiet il-mobilizzazzjoni sħiħa tal-appoġġ mhux użat kollu mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, billi offriet li tkopri 100 % tan-nefqa mill-baġit tal-UE għal sena kontabilistika waħda, u ssimplifikat il-passi proċedurali marbutin mal-implimentazzjoni tal-programm, mal-użu tal-istrumenti finanzjarji u mal-awditjar.

Riżorsi ġodda li jammontaw għal EUR 50,6 biljun tqiegħdu għad-dispożizzjoni permezz tal-inizjattiva ta' Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU)⁽³⁾. REACT-EU huwa wieħed mill-akbar programmi taħt NextGenerationEU. Tfassal sabiex jipprovdi finanzjament għal proġetti li jrawmu kapaċitajiet ta' tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-COVID-19, flimkien ma' investiment f'operazzjonijiet li jikkontribwixxu għat-tnejn ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti. Mil-lat operazzjonali, REACT-EU saħħaħ il-programmi rilevanti tal-2014-2020 u huwa supplimentari għall-allokazzjonijiet ta' koeżjoni tal-2021-2027. Fl-2021, għen sabiex jiġi pprovdut appoġġ kontinwu għas-settur tas-saħħa, għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u għall-iskemi ta' impjieg għal terminu qasir, filwaqt li fl-istess ħin iffoka fuq l-irkupru fit-tul permezz ta' investiment diġitali u ekoloġiku bħala parti mit-tiswija tad-dannu kkawżat mill-kriżi.

Il-baġit tal-UE kellu wkoll rwol importanti fl-indirizzar dirett tal-emerġenza tas-saħħa, b'mod partikolari permezz tal-finanzjament ta' parti mill-kostijiet bil-quddiem mill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza ta' EUR 2,7 biljun. L-UE nnegożjat ftehimiet ta' xiri bil-quddiem ma' tmien manifatturi tal-vaċċini (AstraZeneca, BioNTech–Pfizer, CureVac, Johnson & Johnson, Moderna u Sanofi–GlaxoSmithKline, Novavax u Valneva) bħala parti minn strateġija diversifikata ta' vaċċini li għandha l-għan li tiżgura aċċess għal vaċċini sikuri u effettivi mill-aktar fis possibbli. Permezz ta' dan l-approċċ koordinat tal-UE, l-Istati Membri setgħu jaqsmu r-riskju inerenti ta' investiment f'dak li sa dak iż-żmien kien żvilupp ta' vaċċini mhux ipprovat, u kellhom aċċess għal portafoll wiesa' ta' teknoloġiji u ta' kumpaniji tal-vaċċini potenzjali.

Il-baġit tal-UE ħallas parzjalment għal dawn il-vaċċini permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza. Dan huwa strument imfassal sabiex jappoġġa, parzjalment permezz ta' mekkaniżmi ta' akkwist rapidi, varjetà ta' miżuri mmirati meta l-iskala, il-veloċità jew in-natura transfruntiera tal-ħtieġa tkun indirizzata bl-aħjar mod permezz ta' intervent koordinat tal-UE.

Illum, l-UE għandha waħda mill-ogħla rati ta' penetrazzjoni tal-vaċċini fid-dinja, bi 82 %⁽⁴⁾ tal-popolazzjoni adulta tal-UE li tlaqqmet tal-anqas darba.

L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza ffinanzja wkoll⁽⁵⁾ l-infrastruttura għall-ħruġ u għall-verifika ta' ċertifikati interoperabbli tal-vaċċin kontra l-COVID-19, tal-ittejtjar u tal-fejqa mill-marda (b'kost ta' EUR 16-il miljun). Ir-regolament tal-UE dwar iċ-ċertifikat tal-COVID diġitali daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021, u kien strumentali għall-iffaċilitar tal-moviment sikur u liberu taċ-ċittadini fl-UE matul il-pandemija, u, b'hekk, għall-ftuħ mill-ġdid tal-UE – prekundizzjoni għall-irkupru ekonomiku.

Il-bini ta' UE aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti għat-tul

Il-kriżi enfasizzat ukoll l-importanza li jittieħdu passi deċiżivi sabiex jinbena futur aktar b'saħħtu, aktar reżiljenti u aktar sostenibbli. Għal dik ir-raġuni, il-maġġoranza tal-fondi minn NextGenerationEU (sa EUR 724 biljun)⁽⁶⁾ huma assenjati għall-Faċilità għall-irkupru u r-Reżiljenza. Dan huwa strument innovattiv, ta' natura eċċezzjonali u temporanja, imfassal sabiex jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw investiment u riformi sabiex isawru t-trajettorja tat-tkabbir ekonomiku fit-tul tagħhom f'konformità mal-prijoritajiet ewlenin tal-UE, b'mod partikolari billi jaċċelleraw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-faċilità hija msejsa fuq sitt pilastri: it-tranżizzjoni ekoloġika; it-trasformazzjoni

⁽³⁾ REACT-EU huwa maqsum fuq żewġ friegħi: il-maġġoranza hija disponibbli għall-programmazzjoni fl-2021 (EUR 39,6 biljun), u l-bqija fl-2022 (EUR 10,8 biljun).

⁽⁴⁾ Sat-13 ta' Mejju 2022, it-tilqim sħiħ tal-popolazzjoni adulta laħaq it-62,4 %.

⁽⁵⁾ Inizjattivi oħrajn ffinanzjati permezz tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza huma msemmijin hawn: https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/coronavirus-response/emergency-support-instrument_mt.

⁽⁶⁾ Din tikkonsisti f'għotjiet (EUR 338 biljun) u f'self (EUR 386 biljun), b'ammonti bil-prezzijiet kurrenti.

diġitali; il-koeżjoni ekonomika, il-produttività u l-kompetittività; il-koeżjoni soċjali u territorjali; ir-reżiljenza tas-saħħa, ekonomika, soċjali u istituzzjonali; u l-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss.

Ir-regolament li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stieden lill-Istati Membri jissottomettu pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni. F'dawn il-pjanijiet, l-Istati Membri ressqo l-aġendi ta' riforma u ta' investment tagħhom sabiex jappoġġaw l-irkupru u jsaħħu r-reżiljenza, b'mod partikolari billi jindirizzaw l-isfidi identifikati mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u billi jikkontribwixxu b'mod xieraq għas-sitt pilastru ta' politika stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-regolament. Ir-regolament jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jispjegaw kif il-pjanijiet tagħhom ikunu mistennijin jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u diġitali, għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-opportunitajiet indaqs għal kulħadd. L-Anness III ta' dan ir-rapport jispjega l-proċedura għall-valutazzjoni tal-pjanijiet.

Fl-2021, il-Kunsill approva 22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Dawn il-pjanijiet approvati jammontaw għal allokkazzjoni totali ta' EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u ta' EUR 154 biljun f'self⁽⁷⁾. Żewġ terzi tal-ammont tal-finanzjament u tas-self huma relatati mal-investimenti u terz minnhom jinkludu miżuri li jikkonċernaw ir-riformi. Il-miżuri jiġu segwiti permezz ta' sett ta' objettivi intermedji u ta' miri li għandhom jintlaħqu sa Awwissu 2026. F'innovazzjoni importanti, il-finanzjament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiġi żborżat f'diversi pagamenti parzjali mal-ilħuq mill-Istati Membri tal-objettivi intermedji u tal-miri miftehmin.

F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni għamlet l-ewwel pagament ta' EUR 10 biljun – f'konformità mal-objettivi intermedji u mal-miri– lil Spanja. Dan l-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli tħallas mal-ilħuq ta' Spanja tat-52 objettiv intermedju rilevanti, li jkopru r-riformi fl-oqsma tal-mobilità sostenibbli, tal-effiċjenza enerġetika, tad-dekarbonizzazzjoni, tal-konnettività, tal-amministrazzjoni pubblika, tal-ħiliet, tal-edukazzjoni u tal-aspetti soċjali, tar-riċerka u l-iżvilupp, tal-politika tax-xogħol u fiskali, flimkien mat-tiżni tas-sistema ta' awditjar u ta' kontroll ta' Spanja għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Ir-reżiljenza fir-rigward ta' emerġenzi tas-saħħa futuri tjebet permezz tal-istabbiliment tal-Awtorità għat-Tħejija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa. Pilastru ewlieni tal-unjoni Ewropea tas-saħħa mħabbra mill-President von der Leyen fid-diskors tagħha tal-2021 dwar l-Istat tal-Unjoni, l-għanijiet tal-awtorità huma li tantiċipa, tipprevjeni, tidentifika u twieġeb għat-theddid u għall-kriżijiet potenzjali tas-saħħa permezz tal-ġbir ta' intelligence u l-bini tal-kapaċitajiet. Qiegħda taħdem mill-qrib mal-aġenziji tas-saħħa tal-UE u dawk nazzjonali, mal-industrija u mas-sħab internazzjonali sabiex ittejjeb il-livell ta' tħejija tal-UE għal emerġenzi tas-saħħa. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, l-awtorità ngħatat baġit ta' madwar EUR 6 biljun x'timplimenta minn diversi programmi (bħal EU4health, Orizzont Ewropa u l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili) matul il-perjodu 2022-2027.

Il-bini tar-reżiljenza jeħtieġ ukoll li tiżdied it-tħejija sabiex jiġu indirizzati d-diżastri. Għal dan l-għan, il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jsaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-protezzjoni ċivili bejn l-Istati Membri tal-UE u sitt stati parteċipanti oħrajn. Filwaqt li tirrikonoxxi li r-responsabbiltà primarja għall-protezzjoni ċivili hija tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi appoġġ komplementari lill-awtoritajiet nazzjonali bl-għan aħħari li ttejjeb il-prevenzjoni, it-tħejija, u r-rispons għad-diżastri billi tagħti spinta lill-kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet (kemm jekk ikunu nirien fil-foresti, emerġenzi tas-saħħa u mediċi jew inċidenti kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi jew nukleari) li jisbqu l-kapaċità ta' rispons individwali ta' pajjiż. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha rwol importanti fil-koordinazzjoni tar-rispons għad-diżastri madwar id-dinja, u tikkontribwixxi għal tal-anqas 75 % tal-kostijiet tat-trasport u/jew operazzjonali tal-mobilizzazzjoni. Proposta ġdida, adottata f'April 2021,

(7) Sitt Stati Membri talbu self (il-Greċja, l-Italja, Ċipru, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja).

tippermetti lill-UE taqdi rwol aktar attiv, filwaqt li l-mekkaniżmu se jkun aktar flessibbli fl-appoġġ lill-Istati Membri, speċjalment meta jiġu affettwati fl-istess ħin minn emerġenzi fuq skala kbira u kumplessi.

- Bi tfejjija għall-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2021, il-Kummissjoni kkofinanzjat id-disponibbiltà ta' riżerva ta' **flotta tat-tifi tan-nar ta' rescEU** sabiex tindirizza n-nuqqasijiet potenzjali fir-rispons għal nirien fil-foresti. Sitt Stati Membri tal-UE (il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja u l-Iżvezja) għamlu total ta' 11-il ajruplan u sitt ħelikopters tat-tifi tan-nar għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn f'każ ta' emerġenza, bi skambju għal kontribuzzjoni finanzjarja għall-kostijiet tal-modalità stennija ta' dawn il-kapaċitajiet. Bħalissa għaddejjin it-tfejjijiet għall-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2022.
- Taħt l-umbrella tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili, il-Kummissjoni ħolqot **mekkaniżmu strateġiku ta' riżerva medika u ta' distribuzzjoni medika ta' rescEU**, li l-ħażna tiegħu hija ospitata minn disa' Stati Membri. Ir-riżerva tippermetti l-konsenja rapida ta' tagħmir mediku (bħal ventilaturi u tagħmir ta' sikurezza personali) fi kwalunkwe post fl-UE u f'pajjiżi terzi.
- L-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza ntuża wkoll fl-akkwist ta' **materjal relatat mal-kura tas-saħħa, fl-assistenza għall-persunal mediku u fl-appoġġ operazzjonali għall-kapaċitajiet mobbli ta' rispons mediku**. Dan jagħmel il-persunal u t-timijiet mediċi disponibbli fejn ikunu l-aktar meħtieġa fl-Ewropa, u jassisti fit-trasport tal-merkanzija.

2. L-ixprunar tat-tranżizzjonijiet doppji għal futur sostenibbli



Irridu nħallu lill-ġenerazzjoni li jmiss pjaneta f'saħħitha kif ukoll impjegji tajbin u tkabbir li ma jagħmlux ħsara lin-natura tagħna.

Ursula von der Leyen

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali huma fil-qalba tal-politika tal-UE u tal-istrateġija ta' rkupru tagħha. It-tqegħid tal-protezzjoni tal-klima u tal-bijodiversità kif ukoll tat-tranżizzjoni diġitali fiċ-ċentru tal-mudell tat-tkabbir soċjali u ekonomiku tal-UE huwa essenzjali sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha. B'kompetizzjoni globali dejjem aktar ħarxa għall-kontroll tat-teknoloġiji diġitali, huwa ta' importanza assoluta li n-negozji, is-setturi pubbliċi u r-riċerkaturi tal-UE jkollhom aċċess għad-*data* tal-computing, għall-intelliġenza artifiċjali u għall-infrastruttura diġitali minn ġewwa l-UE. Barra minn hekk, sabiex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030, hemm bżonn li jiġu appoġġati u inċentivati teknoloġiji innovattivi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-baġit tal-UE għandu rwol vitali f'dawn l-oqsma kollha.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa pjan ta' azzjoni għat-tkabbir sostenibbli

It-tranżizzjoni ekoloġika tinsab fil-qalba tal-istrateġija tat-tkabbir tal-UE. Bħala l-muftieħ għal futur sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika hija strumentali fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea u fit-tmexxija tal-kompetittività tal-industrija tal-UE, filwaqt li hija l-bażi tal-indipendenza enerġetika fit-tul tal-UE. Din tinvolvi sforzi fir-rigward tal-oġġettivi klimatiċi u tal-bijodiversità, filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal kulħadd.

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima min-natura tagħha stess taqsam il-konfini nazzjonali, u tesiġi azzjoni fil-livelli tal-UE u internazzjonali. L-azzjoni tal-UE tista' tisfrutta ekonomiji ta' skala sinifikanti, tiġbor flimkien ir-riżorsi sabiex tilħaq il-massa kritika u tikkontribwixxi għat-tiġi tal-UE fix-xena internazzjonali.

Klima	Bijodiversità
Sal-aħħar tal-2020, inkisbet żieda ta' aktar minn 2 735 megawatt siegħa ta' kapaċità addizzjonali għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli bis-saħħa ta' fondi reġjonali.	Sa tmiem l-2020, aktar minn 15 000 km ² ta' ħabitats ġew irrestawrati jew raw titjib fl-istat ta' konservazzjoni tagħhom bis-saħħa tal-finanzjament mill-programm LIFE.
F'pajjiżi sħab, 18 000 megawatt ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli kienu ppjanati li jiġu installati bl-appoġġ tal-UE matul l-	909 620 km ² ta' żoni għonja fil-bijodiversità u tal-foresti ġew protetti f'pajjiżi sħab bl-appoġġ ta'

2014-2020.

proġetti ta' żvilupp tal-UE bejn l-2013 u l-2021.

L-UE hija impenjata li tiddedika sehem sinifikanti mill-baġit tagħha għall-finanzjament ta' interventi rilevanti għall-klima. L-aħħar informazzjoni disponibbli turi li, bejn l-2014 u l-2020, l-UE ddedikat l-ekwivalenti ta' EUR 221 biljun, jew 20,6 % tal-baġit pluriennali ġenerali tagħha, għal miżuri relatati mal-klima⁽⁸⁾. Għall-perjodu 2021-2027, il-Kummissjoni żiedet il-mira ġenerali tagħha għall-kontribut għall-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika mill-baġit tal-UE (kif miżjuda minn NextGenerationEU) għal 30 %. Din il-mira hija appoġġata wkoll permezz tal-politika reġjonali, li għaliha ġie stabbilit sehem baġitarju legalment vinkolanti ta' 30 % għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u ta' 37 % għall-Fond ta' Koeżjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni żviluppat u ppubblikat metodoloġija ġdida bbażata fuq il-koeffiċjenti tal-UE sabiex tiżgura approċċ effettiv u sod għall-kalkolu tal-ilħuq ta' din il-mira.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tagħmel kontribuzzjoni importanti għall-mira klimatika. Il-faċilità tffaslet sabiex tgħin lill-UE tilħaq il-mira tagħha tan-newtralità klimatika sal-2050 billi talloka 37 % tal-pakkett tagħha għall-investiment u għar-riformi rilevanti għall-klima. Fost it-22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvati fl-2021, l-Istati Membri allokaw kważi 40 % tal-infiq għall-klima, ferm ogħla mill-mira ta' 37 %. L-investimenti koperti mill-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kunsill ikopru firxa wiesgħa ta' setturi. Pereżempju, huwa ppjanat li jintnefqu madwar EUR 70,7 biljun fuq it-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistema Ewropea tal-mobilità, inkluż permezz tal-aġġornament u permezz tal-modernizzazzjoni tan-networks ferrovjarji u permezz tal-bini ta' infrastruttura ġdida għall-fjuwils alternattivi.



Il-kontribuzzjoni għall-klima fl-2021 (f'miljuni ta' EUR).
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.


⁽⁸⁾ Din hija aġġornament taċ-ċifra pprovduta fir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni tal-2020, li tirrifletti l-informazzjoni disponibbli ġdida dwar id-destinazzjoni tal-fondi tal-UE minfuq in taft ġestjoni kondiviża u għal korrezzjonijiet tekniċi (inkluż l-għadd ta' kofinanzjament fil-Fond Soċjali Ewropew, kif identifikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-aħħar rapport speċjali tagħha dwar il-klima).

Il-Kummissjoni tikkalkula li l-baġit tal-UE ffinanzja interventi rilevanti għall-klima li jiswew madwar EUR 138 biljun fl-2021 (32 % tal-baġit totali). L-eżempji jinkludu dawn li ġejjin.

- **Appoġġ kontinwu għall-bidliet strutturali li l-ekonomija tal-UE teħtieġ sabiex tilħaq in-neutralità klimatika u l-indipendenza enerġetika** permezz tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.
- **Proġetti ġodda ta' riċerka u ta' innovazzjoni** mnedijin fl-2021 kemm minn Orizzont 2020 kif ukoll minn Orizzont Ewropa, inklużi proġetti importanti ta' ajruporti u ta' portijiet ekoloġiċi, sħubijiet ġodda/impriżi konġunti (eż. rigward SESAR 3, is-sistema ferrovjarja Ewropea, l-avjazzjoni nadifa, l-idroġenu nadif, it-trasport bit-triq mingħajr emmissjonijiet u fuq l-ilma b'emmissjonijiet żero), kif ukoll it-tnedija ta' missjonijiet rilevanti għall-klima (eż. rigward l-adattament għall-klima, bliet newtrali għall-klima u intelliġenti, oċeani nodfa).
- **Appoġġ għal innovazzjoni radikali.** L-Aċċeleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni nieda sejħa fl-2021 imfassla speċifikament sabiex tappoġġa l-innovazzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Is-sejħa tiffoka fuq il-prijoritajiet tal-UE għat-tranżizzjoni lejn soċjetà ekoloġika, diġitali u b'saħħitha, b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-innovazzjonijiet f'wieħed mill-oqsma li ġejjin: industriji b'livell baxx ta' emmissjonijiet ta' karbonju; ir-rinnovazzjoni profonda tal-bini; l-enerġija rinnovabbli; il-batteriji u sistemi oħrajn ta' ħżin tal-enerġija. Il-varar tal-innovazzjoni huwa l-ixprunatur sabiex jintlaħqu l-miri tal-UE.
- **Appoġġ għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju.** Mit-30 ta' Settembru 2021, il-faċilità ta' ekwità għat-tkabbir skont il-programm tal-UE għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kien investa EUR 6,7 miljun f'[fond ta' kapital ta' riskju li jiffoka l-attivitajiet tiegħu fuq teknoloġiji nodfa](#) sabiex jiżgura li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jkunu jistgħu jikbru lejn futur sostenibbli.
- **L-akkwist ta' ħiliet li jappoġġaw l-oġettivi tal-UE ta' mitigazzjoni.** Diversi lawrji ta' master konġunt ta' Erasmus Mundus huma relatati direttament ma' kwistjonijiet dwar it-tidbil fil-klima, pereżempju il-[master fil-klima urbana u fis-sostenibbiltà urbana](#), li jipproduċi gradwati ta' kalibru għoli li jistgħu jiffhmu, jivvalutaw u jimmaniġġaw ir-reżiljenza għall-klima fil-bliet sabiex jgħixu f'dinja li tkun 1,5 °C aktar sħuna, u l-[master fl-enerġija rinnovabbli fl-ambjent tal-baħar](#), li huwa mfassal sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet tal-kumpaniji fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli offshore, u se jkollu orjentazzjoni internazzjonali sostnuta mill-parteċipazzjoni diretta, bħala sħab assoċjati, ta' ċentri ta' riċerka magħrufin mad-dinja kollha, ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u ta' kumpaniji kbar mill-industrija. Eżempju ieħor huwa l-appoġġ ipprovdut mill-Fond Soċjali Ewropew mill-2016 f'Sardinja, l-Italja, lil aktar minn 5 000 persuna li kienet qed tftitx impjeg, li għenhom isibu xogħol fl-ekonomija ekoloġika u blu tal-Ewropa; l-ewwel billi jsaħħaħ il-ħiliet tagħhom permezz ta' taħriġ fix-xogħol, permezz ta' internships u permezz ta' taħriġ li jwassal għal ċertifikazzjoni, u mbagħad billi għenhom jiftħu n-negozju tagħhom stess.
- **L-appoġġ u l-investiment f'teknoloġiji innovattivi u b'livell baxx ta' emmissjonijiet tal-karbonju meħtieġa għat-tranżizzjoni tal-UE lejn livelli baxxi ta' emmissjonijiet tal-karbonju.** Il-Fond għall-Innovazzjoni joħloq l-inċentivi finanzjarji u jappoġġa proġetti b'teknoloġiji, bi proċessi jew bi prodotti innovattivi ħafna li huma maturi biżżejjed u li għandhom potenzjal sinifikanti sabiex inaqqsu l-emmissjonijiet ta' gassijiet serra. Fl-ewwel żewġ sejħiet għal proġetti waslu aktar minn 540 proposta u fl-2021 ġew iffirmati l-ewwel 30 ftehim ta' għotja għall-espansjoni ta' proġetti żgħar ta' teknoloġija nadifa.

Il-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027 għandu wkoll enfasi akbar fuq il-protezzjoni tal-bijodiversità. Permezz tal-ambizzjoni tiegħu li jalloka 7,5 % tar-riżorsi annwali tiegħu għal dan l-għan sa mill-2024, u 10 % tar-riżorsi annwali tiegħu mill-2026 'il quddiem, il-baġit tal-UE qiegħed jagħti sehem għall-ilħuq tal-għanijiet tal-istrateġija tal-UE għall-bijodiversità għall-2030. Fl-2021, il-Kummissjoni tikkalkola li EUR 18-il biljun kienu dedikati għall-integrazzjoni tal-bijodiversità, jew 4,3 % tal-baġit tal-UE inkluż NextGenerationEU.

Total EUR 18 350



Il-kontribuzzjoni għall-bijodiversità fl-2021 (f'miljuni ta' EUR).
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

- L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tipprovdi **prodotti ġeospazjalment dettaljati dwar informazzjoni pan-Ewropea u lokali dwar il-kopertura tal-art u l-użu tal-art** bħala parti mis-servizz ta' monitoraġġ tal-art ta' Copernicus. Il-komponent lokali jiffoka fuq oqsma li huma suxxettibbli għal sfidi u għal kwistjonijiet ambjentali speċifiċi fl-UE. Taħt dan il-komponent lokali, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent toffri informazzjoni dwar il-hotspots protetti skont Natura2000, li tintuża sabiex jiġu vvalutati l-preservazzjoni u l-istatus ta' dawn is-siti u jekk it-tnaqqis fil-kopertura tal-art bil-ħaxix ikunx evidenti. L-istatus tal-hotspots ta' Natura2000 jiżgura li dawn jiġu mmappjati b'mod akkurat, u jista' jintuża sabiex tingħbed l-attenzjoni lejn avvenimenti li jheddu l-preservazzjoni tas-siti.
- F'termini ta' protezzjoni tal-bijodiversità, il-**proġett integrat tan-natura LIFE – MarHa għal ġestjoni effettiva u ekwa tal-ħabitats tal-baħar fi Franza** għandu l-għan li jtejjeb l-istat ta' konservazzjoni tat-tipi kollha ta' ħabitats tal-baħar Franċiżi elenkati fid-direttiva dwar il-ħabitats. Il-proġett qiegħed jaħdem fuq l-għan ta' terminu qasir sabiex tal-anqas nofs il-ħabitats ikollhom stat ta' konservazzjoni tajjeb sal-2025. Minbarra LIFE, il-proġett jiffaċilita l-użu koordinat ta' madwar EUR 50 miljun f'finanzjament komplementari mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-fondi nazzjonali.
- L-Irlanda se tappoġġa r-**restawr tat-torbieri**, miżura li għandha l-potenzjal li tippromwovi u tneġġeġ ir-ritorn tal-flora u tal-fawna f'dawn iż-żoni. Fil-pjan Irlandiż, huwa stmat li fuq perjodu ta' żmien ta' 30 sena għandhom jiġu evitati 3,3 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO² bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-miżuri msaħħin ta' riabilitazzjoni.

L-allinjament tal-baġit tal-UE mal-objettivi ambjentali tal-UE ssaħħaħ permezz ta' rekwiżit li jkun hemm konformità mal-prinċipju ta' “la tagħmilx ħsara”. Skont [il-ftehim interistituzzjonali](#) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-2021-2027 jeħtieġ li tikkonforma ma' dan il-prinċipju, kif stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għandu l-għan li jiżgura li l-ebda parti mill-baġit – irrispettivament minn jekk titqiesx rilevanti għall-klima jew le – ma tagħmel ħsara, jew tmur kontra, l-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE.

Il-baġit tal-UE jirrifletti wkoll l-importanza li l-effetti soċjetali u ekonomiċi tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima jeftieg li jiġu indirizzati b'mod ġust, mill-ġdid f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁽⁹⁾. Il-Mekkaniżmu l-ġdid għal Tranżizzjoni Ġusta huwa mfassal sabiex jassisti billi jappoġġa r-reġjuni, l-industriji u l-ħaddiema milqutin b'mod avvers mit-tranżizzjoni. L-appoġġ mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa disponibbli għar-reġjuni l-aktar affettwati f'kull Stat Membru, mas-sottomissjoni ta' pjanijiet territorjali li jiġu approvati mill-Kummissjoni bħala parti mill-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Minħabba l-adozzjoni tard tiegħu, għadhom ma ġewx adottati programmi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, u l-implimentazzjoni hija ttardjata ⁽¹⁰⁾. Ladarba jibda jopera, il-mekkaniżmu huwa mistenni jimmobilizza madwar EUR 55 biljun bejn l-2021 u l-2027 permezz ta' tliet pilastru differenti.

Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta	L-Iskema ta' Tranżizzjoni Ġusta	Il-Faċilità ta' Self tas-Settur Pubbliku
<ul style="list-style-type: none"> • Il-fond se jiffinanzja azzjonijiet azzjonijiet bħall-investiment investiment f'intrapriżi żgħir u żgħir u ta' daqs medju, attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni, ir-riabilitazzjoni u t-riabilitazzjoni u t-titjib tan-networks tat-tisħin distrettwali, distrettwali, id-diġitalizzazzjoni, diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni innovazzjoni diġitali u l-konnettività diġitali, u t-tisħin tisħin tal-ekonomija ċirkolari. ċirkolari. 	<ul style="list-style-type: none"> • L-iskema se timmobilizza r-r-riżorsi fis-settur privat, parzjalment bis-saħħa ta' ċentru ċentru konsultattiv ta' InvestEU, InvestEU, li se jaġixxi bħala punt bħala punt ta' dħul ċentrali għal għal talbiet ta' appoġġ konsultattiv. 	<ul style="list-style-type: none"> • Il-faċilità se tiffinanzja l-investiment fl-enerġija rinnovabbli, fil-mobilità ekoloġika u sostenibbli, fl-infrastruttura ambjentali għall-għall-immuniġġjar intelliġenti intelliġenti tal-iskart u tal-ilma, u ilma, u fit-tiġdid urban, fost oqsma oħrajn.

Il-proposta għal Fond Soċjali għall-Klima l-ġdid hija mfassla sabiex tgħin fl-indirizzar tal-impatti soċjali u distribuzzjonali tat-tranżizzjoni klimatika skont “Lesti għall-Mira ta' 55 %”⁽¹¹⁾. B'mod aktar speċifiku, il-fond għandu l-għan li jtaffi l-effetti fuq l-aktar persuni vulnerabbli fis-soċjetà minħabba l-introduzzjoni proposta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u għat-trasport bit-triq. Il-proposta tal-Fond Soċjali għall-Klima tikkomplementa l-miżuri taħt il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali Ewropew+.


Tranżizzjoni diġitali sabiex tingħata spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tal-UE

Il-varar ta' teknoloġiji diġitali joffri opportunitajiet sinifikanti ta' tkabbir għall-UE. L-għan tal-Kummissjoni huwa li tipprovdi Ewropa lesta għall-era diġitali billi tagħti s-setgħa liċ-ċittadini, lin-negożji u lill-amministrazzjonijiet b'ġenerazzjoni ġdida ta' teknoloġiji diġitali u bit-titjib tal-ħiliet u bit-taħriġ mill-ġdid xierqa li jkunu ta' benefiċċju għal kulħadd. Għal din ir-raġuni, il-leġislaturi qablu li jiddedikaw tal-anqas 20 % tal-fondi taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal riformi u għal investimenti li jappoġġaw l-oġettivi diġitali. L-indikazzjonijiet bikrin huma promettenti, peress li t-22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza adottati sal-aħħar tal-2021 jiddedikaw 26 % tal-fondi għal riformi u għal investimenti li jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali.

⁽⁹⁾ [Pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.](#)

⁽¹⁰⁾ Mill-2021, ma sar l-ebda pagament għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

⁽¹¹⁾ Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni – “Lesti għall-Mira ta' 55 %”: nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika ([COM\(2021\) 550 final](#)).







Rappreżentazzjoni viżwali tal-kontribut tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-prijoritajiet differenti. Il-kalkoli huma bbażati fuq il-metodoloġiji stabbiliti fl-annessi VI u VII tar-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

- Il-kisbiet ewlenin kienu jinkludu l-investiment rifless fil-**pjan Taljan dwar it-tisħiħ tal-grilja u d-diġitalizzazzjoni tan-network tal-elettriku** sabiex tiżdied il-kapaċità tan-network, li tippermetti aktar integrazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Dan huwa eżempju ta' proġett li jgħaqqad iż-żewġ aspetti tat-tranżizzjonijiet doppji, fejn kemm il-klima kif ukoll il-qasam diġitali huma previsti bħala partijiet importanti tal-irkupru tal-Ewropa ta' wara l-pandemija.
- It-tkomplija tal-varar tal-konnettività lokali mingħajr fili permezz tal-**iskema WiFi4EU**, li issa taqbeż it-8 000 network installat u għandha aktar minn 83 000 punt ta' aċċess attiv fl-Ewropa.
- F'Ġunju 2021, il-**kejbil tal-fibra sottamarin il-ġdid EllaLink** li jgħaqqad l-Ewropa u l-Amerika Latina ġie inawgurat u beda jopera. Permezz ta' sħubija diġitali vera, din l-awtostrada ta' *data* taħt l-ilma ta' 6 000 km tqarreb iż-żewġ reġjuni aktar minn qatt qabel. Bis-saħħa tal-programm BELLA⁽¹²⁾, kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, il-komunitajiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni fuq iż-żewġ naħat tal-Oċean Atlantiku bdew jagħmlu użu minn din il-konnessjoni ta' network b'kapaċità għolja u b'latenza baxxa.

Il-programm Ewropa diġitali jifforma t-trasformazzjoni diġitali tal-Ewropa. Il-missjoni tal-programm hija li jsaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa u l-kompetittività tal-UE u li jsaħħaħ il-kapaċitajiet diġitali kritiċi tal-UE billi jiffoka fuq l-oqsma ewlenin ta': il-computing ta' prestazzjoni għolja; l-infrastruttura mill-cloud sal-edge; l-isparzji tad-*data* u l-intelliġenza artifiċjali; iċ-ċibersigurtà; it-titjib tal-ħiliet neċessarju sabiex tiġi pprovduta forza tax-xogħol għal dawn it-teknoloġiji avvanzati; il-varar ta' dawn it-teknoloġiji u l-aħjar użu tagħhom għal setturi kritiċi bħall-enerġija jew il-klima; u l-appoġġ għall-industrija, għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fit-trasformazzjoni diġitali tagħhom. Minkejja l-adozzjoni aktar tard milli mistennija tar-regolament ta' stabbiliment, il-Kummissjoni xorta rnexxielha tibda bl-operat u tadotta sett ta' programmi ta' ħidma fl-2021, segwiti immedjatament mill-ewwel sett ta' sejħiet għal għotjiet.

⁽¹²⁾ BELLA ġeja minn "building the Europe link to Latin America" (il-bini tal-konnessjoni tal-Ewropa mal-Amerka Latina) u tipprovi appoġġ għall-interkonnettività fit-tul tal-komunitajiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni Ewropej u tal-Amerka Latina, filwaqt li ttejjeb b'mod sinifikanti l-kollaborazzjoni bejn ir-riċerkaturi u l-akkademiċi fiż-żewġ reġjuni.

 <p>Computing ta' prestazzjoni għolja</p> <p>L-użu ta' kapaċitajiet tas-supercomputing fuq skala eksa u posteksa tal-ogħla klassi u l-iżgurar tal-aċċess għalihom.</p>	 <p>Intelliġenza artifiċjali</p> <p>L-użu ta' spazji komuni tad-<i>data</i> madwar l-UE kollha bbażati fuq infrastruttura federata mill-cloud sal-edge u l-promozzjoni tal-ittestjar u tal-adozzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-intelliġenza artifiċjali.</p>
 <p>Ċibersigurtà</p> <p>Il-bini ta' kapaċitajiet avvanzati taċ-ċibersigurtà, l-iżgurar tal-varar wiesa' ta' soluzzjonijiet taċ-ċibersigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fl-ekonomija Ewropea kollha.</p>	 <p>Filiet diġitali avvanzati</p> <p>L-għoti ta' spinta lill-eċċellenza akkademika fid-diġitali, billi tiżdied l-offerta tal-edukazzjoni fit-teknoloġiji, bħall-computing ta' prestazzjoni għolja, iċ-ċibersigurtà u l-intelliġenza artifiċjali u jiġi promoss il-litteriżmu diġitali.</p>

L-aċċellerazzjoni tal-aħjar użu tat-teknoloġiji



Il-varar ta' network ta' ċentri Ewropej tal-innovazzjoni diġitali li jappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati Ewropej. Se jindirizza wkoll l-isfidi ewlenin tas-soċjetà permezz ta' varar b'impatt għoli, filwaqt li jippermetti servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli transfruntiera u jipromwovi spazju diġitali inklużiv u affidabbli.

Il-programm Ewropa Diġitali, eżempji ta' azzjonijiet.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

L-avvanzi teknoloġiċi u r-riċerka jippermettu applikazzjonijiet innovattivi bbażati fuq l-ispazju li huma ta' benefiċċju għall-ħajja tagħna ta' kuljum. Sar progress b'Galileo u b'EGNOS⁽¹³⁾, is-sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-UE, u b'Copernicus, is-sistema ta' osservazzjoni tad-Dinja tal-UE, filwaqt li ġew promossi l-affidabbiltà u l-prestazzjoni tas-servizzi pprovduti. L-utenti finali jibbenefikaw minn pożizzjonament aktar akkurat u affidabbli u minn *data* u minn informazzjoni dwar il-monitoraġġ tad-Dinja robusti u affidabbli, sħaħ u miftuħin, li jimmodernizzaw it-trasport, jiffaċilitaw il-biedja ta' preċiżjoni u jipromwovu s-sostenibbiltà. Copernicus jgħin fil-valutazzjoni tal-impatt tat-tibdil fil-klima, anki billi jappoġġa azzjonijiet matul diżastri kbar. Galileo jista' jkun strumentali fil-promozzjoni ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, fl-għoti ta' għajjnuna lill-baħħara u lill-bdoti fl-attivitajiet normali tagħhom jew matul tfitxijiet għal persuni f'diffikultà.

Il-programm spazjali: il-kisbiet ewlenin fl-2021

- Fi tmiem l-2021, kienu qegħdin jintużaw 2,5 biljun apparat li jaħdmu b'Galileo.
- Il-prestazzjoni ta' Galileo fuq l-akkuratezza tal-pożizzjonament hija tliet darbiet aħjar minn dik ta' sistemi oħrajn ta' dan it-tip.
- Fl-2021 ġew varati żewġ satelliti ġodda ta' Galileo, sabiex b'hekk in-numru ta' satelliti fl-orbita tela' għal 28.

⁽¹³⁾ Is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja

- Sal-2021 kien hemm tmien satelliti ta' Copernicus.
- Is-servizz dwar it-tibdil fil-klima ta' Copernicus għandu 100 000 utent.

3. Il-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies



Il-qafas ta' politika tal-UE u s-suq uniku partikolari tagħha jiffurmaw il-pedament ta' ekonomija b'saħħitha li taħdem għas-servizz taċ-ċittadini tal-UE. Il-mudell tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE għandu fil-mira kemm it-tkabbir ekonomiku kif ukoll it-tnaqqis tal-faqar u tal-inugwaljanzi fir-reġjuni tal-UE. It-tiżiż tas-suq uniku u tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju huwa essenzjali sabiex l-ekonomija tal-UE tkun tista' twieġeb għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini tagħha. Ekonomija b'saħħitha hija wkoll prerekwiżit sabiex jiġu indirizzati l-aktar sfidi importanti ta' żminijietna, inklużi t-tranżizzjonijiet doppji u t-tiżiż tal-awtonomija strateġika miftuħa u tar-rwol globali tal-UE. L-għarfien u s-soluzzjonijiet li jirriżultaw mir-riċerka u mill-innovazzjoni jistgħu jgħinu sabiex tittejjeb il-kompetittività, u b'hekk jiġi promoss it-tkabbir, jinħolqu l-impjiegi u jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà.

Il-baġit tal-UE jikkontribwixxi permezz tal-ħafna programmi tiegħu li jkopru diversi dimensjonijiet. L-isforzi kontinwi ta' investiment jiżguraw l-approfondiment ulterjuri tas-suq uniku, li jrendi qligħ sinifikanti għall-konsumaturi u għan-negozji tal-UE. Il-politika ta' koeżjoni tippermetti sabiex mijiet ta' eluf ta' proġetti jgħinu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fir-reġjuni kollha tal-UE. Permezz ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, ħafna azzjonijiet jinvestu fin-nies u jappoġġaw l-integrazzjoni (mill-ġdid) tagħhom fl-impjiegi, filwaqt li jħeġġu proġetti importanti dwar l-ekonomija reali u jikkontribwixxu għall-bidla strutturali, għar-riċerka u għall-innovazzjoni fl-Istati Membri tal-UE. F'soċjetà li qiegħda tiffaċċja sfidi kumplessi tan-negozju, politiċi, xjentifiċi, teknoloġiċi, tas-saħħa u ambjentali, dan l-appoġġ multidimensjonali huwa xprunatur kruċjali tat-tkabbir ekonomiku, li jwassal għal skoperti li jiġġeneraw kemm il-profitti kif ukoll il-benesseri tal-ekonomija tal-UE. Dawn l-investimenti fil-infrastruttura u fil-kapital uman għandhom rwol importanti fit-trawwim tat-tranżizzjoni lejn Ewropa ambjentalment u ekonomikament sostenibbli, fil-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-opportunitajiet irrispettivament mill-ġeneru u fit-tiftix tat-tliet miri ewlenin fil-livell tal-UE li għandhom jintlaħqu sal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar stabbiliti **fil-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**⁽¹⁴⁾.

Lejn ekonomija aktar b'saħħitha u aktar ġusta

L-ekonomija tal-UE reġgħet lura għal-livell ta' output prepandemiku tagħha fis-sajf tal-2021, wara rkupru b'saħħtu ta' 5,3 % fl-2021⁽¹⁵⁾. Fl-2021, l-impjiegi f'termini ta' numru ta' ħaddiema fl-UE żdiedu b'0,9 %, biż-żieda ta' madwar 1,8 miljun impjieg. L-impjiegi żdiedu fil-gruppi kważi kollha tal-edukazzjoni, tal-età u tal-ġeneru, b'madwar miljun (1) persuna li ħarġu mill-qgħad lejn it-tielet trimestru tal-2021. Dan wassal sabiex id-daqs tal-forza tax-xogħol tal-UE qabeż il-livell tiegħu ta' qabel il-pandemija b'0,3 % fit-tielet trimestru tal-2021. Madankollu, l-impjiegi naqsu fis-setturi l-aktar affettwati mill-miżuri ta' lockdown, bħas-setturi tal-akkomodazzjoni, tal-ikel u tal-ivvjaġġar. Barra minn hekk, iż-

⁽¹⁴⁾ [Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.](#)

⁽¹⁵⁾ Ara t-[Tbassir Ekonomiku Ewropew – ix-Xitwa 2022.](#)

żieda fil-prezz tal-materja prima u tal-enerġija – aggravata ħafna mill-gwerra mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna – baxxiet⁽¹⁶⁾ l-aspettattivi tat-tkabbir b'mod konsiderevoli.

Il-Fond Soċjali Ewropew tal-2014-2020 kompla jagħti kontribut pożittiv għat-tnaqqis tar-rati tal-qgħad u tal-faqar, li għadhom fost l-akbar tħassib għaċ-ċittadini tal-UE. Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew Plus ġiet ittardjata minħabba l-adozzjoni tard tal-bażi legali tiegħu, kif inhu l-każ għall-fondi l-oħrajn kollha tal-politika ta' koeżjoni, il-programm predeċessur tiegħu, mill-2014, għen lil 45,3 miljun persuna, li minnhom 5,4 miljun persuna sabu impjieg, inkluż impjieg indipendenti, filwaqt li l-bqija laħqet stadji importanti oħrajn kif ippreżentati fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati jikkontribwixxi għal ekonomija tal-UE aktar dinamika u kompetittiva billi jtejjeb il-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-persuni spostati. Bis-saħħa tal-ambitu estiż tal-fond fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027, fl-2021 ġew sottomessi tmien applikazzjonijiet minn erba' Stati Membri sabiex tingħata assistenza lil 3 500 ħaddiem mogħti s-sensja. F'ħamsa minn dawn il-każijiet, il-pandemija tal-COVID-19 kienet il-fattur ewlieni li wassal għas-sensji. Barra minn hekk, fl-2021 l-awtorità baġitarja approvat sitt applikazzjonijiet riċevuti fl-2020 skont ir-regolament preċedenti. Erbgħa minn dawn l-applikazzjonijiet kienu relatati mal-kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija. L-assistenza mill-fond tinkludi pakketti ta' servizzi personalizzati għar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja f'impjieg sostenibbli malajr kemm jista' jkun.

Il-baġit tal-UE jikkontribwixxi għat-tiżiħ tas-suq uniku permezz tal-programm tas-suq uniku. Maħluq sabiex isaħħaħ il-governanza tas-suq uniku, il-baġit ta' EUR 4,24 biljun għal dan il-programm ikopri firxa kbira ta' attivitajiet differenti li qabel kienu ffinanzjati minn programmi separati (il-programm tal-UE għall-kompetittività tal-intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-programm Ewropew tal-istatistika, l-istandards tar-rapportar u tal-awditjar finanzjarji u mhux finanzjarji, l-involvement tal-konsumatur fit-tfassil tal-politika fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, il-programm tal-konsumatur u l-ikel u l-għalf) u **l-linji baġitarji tal-prerogattivi tal-Kummissjoni.** Minkejja l-adozzjoni tard tal-bażi legali tagħha, il-Kummissjoni rnexxietha tkopri l-linji kollha tal-programm fl-2021.

Il-baġit tal-UE jfittex li jimmobilizza l-investment pubbliku u privat billi jggarantixxi l-investment mis-sħab ta' implimentazzjoni bħall-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. Dan huwa r-rwol tal-Fond InvestEU, li jinkludi wkoll tiegħa għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Permezz ta' garanzija baġitarja tal-UE ta' EUR 26,15 biljun, sostnuta minn EUR 10,46 biljun mill-baġit tal-UE, se jindirizza d-diskrepanzi kbar fl-investment f'oqsma li huma kruċjali għall-futur. Barra minn hekk, tal-anqas 30 % tal-Fond InvestEU huwa mistenni jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Minkejja negozjati avvanzati dwar il-ftehim ta' garanzija ta' InvestEU mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment, flimkien mat-tnedija tal-ewwel sejħa għal espressjonijiet ta' interess f'April 2021, sa tmiem l-2021 ma ġie ffirmat l-ebda ftehim ta' garanzija mas-sħab ta' implimentazzjoni. Il-ftehim ta' garanzija mal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment ġie ffirmat f'Marzu 2022, u huma mistennijin aktar ftehimiet fil-futur.

⁽¹⁶⁾ Fit-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa 2022, it-tkabbir reali tal-prodott domestiku gross kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro issa huwa mistenni li jkun ta' 2,7 % fl-2022 u ta' 2,3 % fl-2023, li naqas minn 4,0 % u 2,8 % (2,7 % fiż-żona tal-euro), rispettivament, [fit-tbassir interim tax-Xitwa 2022](#).

Il-politika ta' koeżjoni: I-indirizzar tal-inugwaljanzi filwaqt li tiġi indirizzata l-pandemija

Minbarra r-rwol tradizzjonali tagħhom li jappoġġaw l-investiment u jindirizzaw l-inugwaljanzi fir-reġjuni tal-UE, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni komplew jaqdu rwol importanti fl-għoti ta' għajjnuna lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u tas-saħħa immedjati tal-kriżi tal-COVID-19. Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tradizzjonalment jappoġġaw ir-reġjuni u l-bliet kollha fl-UE, jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, lill-kompetittività tan-negozji, lit-tkabbir ekonomiku u lill-iżvilupp sostenibbli, u jtejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Kif kien il-każ fl-2020, il-Kummissjoni estendiet ukoll flessibilità akbar fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni fl-2021, sabiex tipprovdni likwidità addizzjonali lill-Istati Membri hekk kif dawn issieltu sabiex irażżnu l-implikazzjonijiet avversi tal-pandemija tal-COVID-19.

Il-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn tal-2014-2020 għen sabiex jittaffew l-agħar forum ta' faqar fl-UE billi għen lill-persuni l-aktar fil-bżonn b'ikel, b'oġġetti bażiċi u b'appoġġ għall-inklużjoni soċjali. Fl-2020⁽¹⁷⁾, kważi 428 000 tunnellata ta' ikel tqassmu lil madwar 15-il miljun persuna, 1,96 miljun persuna rċiew assistenza materjali u 30 000 persuna bbenefikaw minn appoġġ għall-inklużjoni soċjali. Din hija żieda meta mqabbla mas-snin ta' qabel, li tista' tiġi parzjalment attribwita għall-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li ħalliet lil ħafna persuni mingħajr xogħol u f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali.

Il-bidu tal-programmi tal-2021-2027 kien diffiċli ħafna. It-tnejn tal-programmi nazzjonali u reġjonali tal-2021-2027 ġiet affettwata mill-adozzjoni tard tal-qafas finanzjarju pluriennali tal-2021-2027. Il-Kummissjoni ħadmet b'mod intensiv mal-Istati Membri sabiex tħejji u tiffinalizza l-programmi l-ġodda malajr kemm jista' jkun. It-tnejn għad li jkollha l-Istati Membri seħħew b'mod parallel, pereżempju, mat-tnejn tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, li f'xi Stati Membri kienu sfida operazzjonali.

L-implimentazzjoni fl-2021 kienet tirrifletti l-aktar il-proġetti u r-riżorsi mill-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti⁽¹⁸⁾. Minbarra t-tħaffif tal-pagamenti taħt il-fondi preċedenti tal-politika ta' koeżjoni, ir-riżultati mill-programmi preċedenti issa qegħdin jakkumulaw malajr.

B'appoġġ mill-fond reġjonali mill-2014⁽¹⁹⁾:

- Ġew iffrankati 4,4 miljun tunnellata CO₂;
- 5,5 miljun dar kisbu aċċess għal veloċitajiet tal-broadband ta' mill-inqas 30 megabyte fis-sekonda;
- inħolqu 238 000 impjieg f'intrapriżi appoġġati;
- 52 miljun persuna bbenefikaw minn servizzi tas-saħħa ġodda jew modernizzati.

⁽¹⁷⁾ L-aħħar *data* magħrufa, bħal fil-każ tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ.

⁽¹⁸⁾ EUR 350 biljun taħt il-baġit fit-tul tal-2014-2020 u EUR 392 biljun taħt il-baġit fit-tul tal-2021-2027.

⁽¹⁹⁾ Dawn iċ-ċifri huma kisbiet kumulattivi għall-2014-2020 sal-aħħar tal-2020, għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u għall-Fond ta' Koeżjoni.

L-għoti ta' appoġġ għall-edukazzjoni u għat-taħriġ

Minbarra l-investiment fl-infrastruttura fiżika, il-baġit tal-UE jipprovdi wkoll appoġġ essenzjali għall-bini tal-kapital uman u għall-għoti ta' opportunitajiet, pereżempju permezz tal-Fond Soċjali Ewropew u l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, li kienu appoġġaw 45,3 miljun persuna sal-2020. Sa tmiem l-2020, 7,4 miljun persuna kienu kisbu kwalifika, 2,2 miljun persuna kienu fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ bħala riżultat tal-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ u 3,4 miljun żaġżuġ(a) kienu bbenefikaw mill-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ. Sa tmiem l-2021, l-Istati Membri kienu rċievew EUR 4,5 biljun fir-rigward tal-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE jgħinu sabiex jiproteġu liċ-ċittadini u lill-valuri tal-UE u qed ikollhom rwol dejjem akbar fl-ekonomija tal-UE. Jipprovdu benefiċċji kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-ħaddiema, joħolqu impjiegi aħjar, jibnu soċjetà aktar ekoloġika u jtejbju l-kwalità tal-ħajja fl-UE. Huma wkoll kruċjali fiż-żamma tal-kompetittività tal-UE fis-suq globali. Il-politika tal-innovazzjoni li sservi bħala l-interfaċċa bejn ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku u l-politika industrijali għandha l-għan li toħloq qafas li jwassal sabiex l-ideat jitwasslu fis-suq. Il-baġit tal-UE jipprovdi finanzjament għar-riċerka u għall-innovazzjoni, inkluż appoġġ immirat għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju, li jirrappreżentaw 99 % tan-negozji fl-UE⁽²⁰⁾. Wieħed mill-oġġettivi ta' Orizzont Ewropa huwa li jrawwem il-forom kollha ta' innovazzjoni, li jiffaċilita l-iżvilupp teknoloġiku, id-dimostrazzjoni, l-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija filwaqt li jsaħħaħ il-varar u l-isfruttament ta' soluzzjonijiet innovattivi.

FI-2021, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel programm ta' ħidma taħt Orizzont Ewropa. F'dan il-kuntest, għażlet 65 negozju għdid u intrapriża żgħira u ta' daqs medju innovattivi sabiex jirċievu EUR 363 miljun f'finanzjament għal innovazzjonijiet rivoluzzjonarji permezz tal-Aċċeleratur tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni, sabiex tgħin hom idañħlu l-innovazzjonijiet tagħhom fis-suq u sabiex jespandu.

- F'Novembru, il-Kummissjoni ħabbret ir-rebbieħ tal-Premju tal-UE tal-2021 għall-Innovaturi Nisa u l-Belt Kapitali Ewropea tal-Innovazzjoni. L-impreditriċi ċċelebrata fl-2021 kienet Merel Boers (in-Netherlands), kofundatriċi u kap uffiċjal eżekuttiv ta' NICO-LAB, kumpanija li toffri teknoloġija mill-aktar avvanzata li tgħin lit-tobba jtejbju l-kura ta' emerġenza. Il-belt ta' Dortmund fil-Ġermanja għet irrikonoxxuta bħala l-Belt Kapitali Ewropea tal-Innovazzjoni tal-2021 għall-promozzjoni tagħha tal-innovazzjoni fil-komunità.

It-titjib tal-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri


FI-2021, il-Kummissjoni ħadet passi ulterjuri sabiex timplimenta l-istrateġija tagħha għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-2020-2025⁽²¹⁾, li tistabbilixxi l-impenn imsaħħaħ tal-Kummissjoni sabiex tinkiseb Unjoni ta' ugwaljanza. B'mod partikolari, il-Kummissjoni saħħet l-identifikazzjoni u l-analiżi tal-impatti tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fi proċeduri ta' ffassil aħjar tal-liġijiet (kemm għall-valutazzjonijiet tal-impatt kif ukoll għall-evalwazzjonijiet).

⁽²⁰⁾ Ara <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.LI.2020.433.01.0028.01.MLT&toc=OJ%3AL%3A2020%3A433I%3ATOC>

⁽²¹⁾ Ara https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/gender-equality/gender-equality-strategy_mt

Il-baġit tal-UE jagħti kontribuzzjoni importanti għall-oġġettivi tal-ugwaljanza. NextGenerationEU u l-baġit fit-tul tal-2021-2027 jipprovdu firxa wiesgħa ta' strumenti ta' finanzjament u ta' garanzija baġitarja tal-UE sabiex jappoġġaw azzjonijiet li jipromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-investiment f'faċilitajiet tal-kura, l-appoġġ għall-intraprenditorija tan-nisa, il-ġlieda kontra s-segregazzjoni tas-sessi f'ċerti professjonijiet u l-indirizzar tal-iżbilanċ fir-rappreżentanza tal-bniet u tas-subien f'xi setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huma ta' importanza kbira. Permezz ta' ċerti inizjattivi, bħall-fergħa Daphne taċ-ċittadini, il-programm dwar l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri, jingħata finanzjament dedikat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-istituzzjonijiet pubbliċi li jappoġġaw l-oġġettivi tal-ugwaljanza, inkluż f'oqsma speċifiċi ta' rilevanza għolja, bħall-indirizzar tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru.

Il-Kummissjoni żviluppat – qabel iż-żmien previst – metodoloġija pilota sabiex tkejjel in-nefqa relatata mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Skont il-ftehim interistituzzjonali li jakkumpanja l-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, il-Kummissjoni kienet ħadet impenn li tiżviluppa metodoloġija bħal din. Għal kull programm, fl-aktar livell granulari possibbli, l-interventi jingħataw punteġġ ta' 0, ta' 1, ta' 2 jew ta' 0*. Il-punteġġi ta' 0, ta' 1 u ta' 2 jirriflettu l-punt sa fejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri tkun fil-mira ta' interventi tal-baġit tal-UE. Il-punteġġ ta' 0* huwa attribwit għal dawk l-interventi li jista' jkollhom impatt fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iżda li fihom il-Kummissjoni bħalissa ma hijiex f'pożizzjoni li tivvaluta u tissostanzja dak l-impatt. Dan il-punteġġ jiġi aġġornat jekk u meta ssir disponibbli informazzjoni suffiċjenti. Il-Kummissjoni qiegħda tirrapporta dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija pilota f'dan il-pakkett. Il-graff ta' hawn taħt tippreżenta d-distribuzzjoni tal-programmi fuq il-bażi tal-punteġġ massimu attribwit għall-interventi tagħhom (jew għal xi wħud minnhom).



In-numru ta' programmi li jikkwalifikaw għal kull wieħed mill-erba' punteġġi (0, 0*, 1 u 2) proposti mill-metodoloġija. Programm jista' jikkwalifika għal aktar minn punteġġ wieħed. F'dan il-każ, l-impenji annwali implimentati tiegħu jiġu ddiżaggregati skont il-punteġġ.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija mfassla wkoll sabiex tippromwovi l-prinċipji tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. It-22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza adottati fl-2021 jinkludu 115-il miżura b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Miżuri bħal dawn jinkludu riformi sabiex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, tiġi miġġielda l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, jiġi appoġġat it-titjib tal-ħiliet tan-nisa u jitfegġu arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Fir-rigward tal-investimenti, il-faċilità

tikkontribwixxi permezz ta' firxa wiesgħa ta' interventi. Pereżempju, il-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza fihom miżuri għat-titjib tal-infrastruttura soċjali u tal-indukrar bikri tat-tfal, l-introduzzjoni ta' ċertifikati tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-kumpaniji, l-għoti ta' taħriġ sabiex tingħata spinta lill-ħiliet intraprenditorjali tan-nisa, l-istabbiliment ta' linja ta' appoġġ għan-nisa f'żoni rurali u urbani u t-titjib tar-regolamentazzjoni ta' professjonijiet tradizzjonalment okkupati min-nisa (bħax-xogħol domestiku u l-kura soċjali).

It-twettiq tal-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli

Il-baġit tal-UE u NextGenerationEU jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-miri stipulati fl-aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-iżvilupp sostenibbli, li għandha l-għan li tinkiseb bidla trasformattiva sal-2030 li ma tħalli lil ħadd lura. L-aġenda 2030 hija l-pjan direzzjonali komuni adottat taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti għal dinja paċifika u għanja, u hija ta' importanza fundamentali għall-valuri tal-UE u għall-ġejjieni tal-Ewropa. Sa mill-adozzjoni tal-aġenda fl-2015, l-UE għamlet progress sinifikanti fit-twettiq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, fl-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli kemm fil-politiki interni tagħha kif ukoll fil-politiki esterni tagħha, u qiegħda tkompli ssaħħaħ l-isforzi tagħha. Il-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-implimentazzjoni sħiħa tal-aġenda 2030 hija kruċjali sabiex nerġgħu nibnu aħjar wara l-kriżi. L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli jipprovdu l-pjan universali għal irkupru sostenibbli.

L-UE bdiet tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari li tmur id f'id ma' aktar sigurtà, prosperità, ugwaljanza u inklużjoni. F'dan id-dawl, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE għandhom l-għan li jilħqu l-oġettivi f'kull qasam ta' politika, filwaqt li jipromwovu s-sostenibbiltà permezz tal-azzjonijiet u tal-interventi tal-programmi rilevanti. Permezz tal-kunsens Ewropew dwar l-iżvilupp, l-UE allinjat ukoll l-approċċ tagħha għall-politika dwar il-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali mal-aġenda 2030, billi poġġiet l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi fil-qalba tal-azzjoni esterna tagħha.

Fid-dawl tan-natura interkonnessa ta' dawn l-għanijiet, il-biċċa l-kbira tal-programmi baġitarji tal-UE huma mfasstin sabiex jindirizzaw bosta għanijiet ta' żvilupp sostenibbli. Bħalissa, aktar minn 85 % tal-programmi (41 minn 48) jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet. Dawk il-41 programm kienu jirrappreżentaw 96 % tal-baġit kollu tal-UE. Eżempji tal-kontribut tal-baġit tal-UE għall-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli jinsabu hawn taħt.



Minn Marzu 2020 sa Diċembru 2021, il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni I-Aktar fil-Bżonn ikkofinanzja l-proġett “Distribuzzjoni tal-pakketti tal-ikel lill-istudenti” b’ammont ta’ EUR 1,4 miljun. Il-proġett kien immirat lejn l-aktar studenti żvantaġġati fl-edukazzjoni għolja fir-reġjun ta’ Nouvelle-Aquitaine ta’ Franza.



Il-politika agrikola komuni tikkontribwixxi għall-objettiv li tinkiseb nutrizzjoni mtejba. Permezz tal-iskema tagħha għall-iskejjel tal-UE, hija tappoġġa d-distribuzzjoni tal-frott, tal-ħxejjex u tal-ħalib lill-iskejjel madwar l-UE flimkien ma’ miżuri edukattivi dwar l-agrikoltura tal-UE u l-benefiċċji ta’ ikel tajjeb għas-saħħa. Għall-2017-2023, il-baġit totali allokat tal-UE jammonta għal EUR 220,8 miljun għal kull sena skolastika.



Fl-2021, ġew immobilizzati madwar EUR 16-il miljun taħt l-Istrument għall-Appoġġ ta’ Emerġenza sabiex tiġi stabbilita l-infrastruttura neċessarja għall-ħruġ u għall-verifika ta’ ċertifikati COVID-19 diġitali interoperabbli tal-UE, bl-għan li jiġi ffaċilitat il-moviment sigur u liberu taċ-ċittadini fl-UE matul il-pandemija.



L-inizjattiva “Education cannot wait”, appoġġata mill-UE b’EUR 27,5 miljun sa mill-bidu tagħha fl-2016, ippermettiet il-forniment ta’ edukazzjoni lil 4,6 miljun tifel u tifla u żaġħżuġħ u żaġħżuġħa, nofshom bniet, f’34 pajjiż affettwati mill-kriżi, u ta’ taħriġ lil aktar minn 70 000 għalliem. Taħt azzjonijiet ta’ rispons immirati tal-COVID-19, din l-inizjattiva laħqet id-29,2 miljun tifel u tifla u żaġħżuġħ u żaġħżuġħa u appoġġat lil aktar minn 88 000 għalliem.




Fl-lżvezja, proġett li ddekorra bejn l-2016 u l-2019 u ffinanzjat b’EUR 1,6 miljun mill-Fond Soċjali Ewropew Plus għen lil madwar 700 migrant femminili li kienu għadhom kif waslu sabiex iħaffef il-proċess ta’ sejbien ta’ xogħol jew ta’ taħriġ filwaqt li xejjen ukoll l-isterjotipi tal-ġeneru.



Fl-2021, is-servizz ta’ monitoraġġ tal-art ta’ Copernicus ipprova b’mod sistematiku informazzjoni kważi f’ħin reali dwar il-korpi tal-ilma interni globali u r-riforniment staġunali tagħhom, inklużi d-disponibbiltà potenzjali ta’ ilma minn borra u l-kopertura tas-silġ.



Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa pprovdiet assistenza finanzjarja li ammontat għal EUR 1 052 miljun sal-aħħar tal-2020 għall-proġett ta’ sinkronizzazzjoni tal-Baltiku, li se jippermetti lit-tliet stati Baltiċi jiksibu kontroll sħiħ tan-networks tal-elettriku tagħhom u jsaħħu s-sigurtà tal-enerġija.



Mill-2020, taħt l-appoġġ tal-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni għall-programm “Inklużjoni soċjali” fl-Albanija, 173 091 impjegat u 65 574 individwu bbenefikaw minn miżuri sabiex jittaffa l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija.



Sal-31 ta’ Diċembru 2020, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi kien appoġġa l-investment fl-infrastruttura tat-trasport li ammonta għal madwar EUR 9,3 biljun sabiex jipromwovi n-networks tat-trasport u flotat aktar nodfa u sabiex inaqqas il-konġestjonijiet.








Fl-2020, il-programm ta’ għajjuna umanitarja pprova EUR 900 miljun f’għajjuna lil popolazzjonijiet spostati b’mod furzat u lill-komunitajiet ospitanti tagħhom.



Bejn l-2021 u l-2024, Erasmus+ ipprova EUR 1 miljun f’ appoġġ għall-proġett “Reżiljenza u adattament urbani għall-Indja u għall-Mongolja”. Dan il-proġett għandu l-għan li jipromwovi infrastruttura ekoloġika u blu permezz ta’ edukazzjoni terzjarja mtejba bit-teknoloġija tal-informazzjoni marbuta mas-wieq tax-xogħol.



Taħt il-proġett Ecodex ta’ LIFE fi Spanja, ġiet żviluppata sistema ta’ riċiklaġġ innovattiva, ekoefċjenti u replikabbli ħafna għall-iskart mit-tessuti tal-poliester. Is-sistema żiedet iċ-ċirkolarità tal-industrija taż-żraben u naqqset l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra.

	<p>Skont l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi u għat-territorji ekstra-Ewropej, l-EUR 4 miljun f'finanzjament li għandu jiġi pprovdut bejn l-2021 u l-2027 fil-kuntest tal-kooperazzjoni tal-UE mat-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika għandu l-protezzjoni tal-bijodiversità bħala prijorità.</p>		<p>Matul il-perjodu 2021-2027, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura jipprovdi EUR 6,1 biljun f'appoġġ sabiex l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura fl-ilmijiet tal-UE jsiru sostenibbli, kif ukoll sabiex il-popolazzjonijiet tal-ħut u l-bijodiversità tal-habitats tal-baħar tagħna jiġu rrestawrati u jinżammu b'mod progressiv.</p>
	<p>Mill-2016 sal-2019, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ta EUR 763 292 f'appoġġ għall-proġett "Atlas Pollakk tal-intensitajiet tax-xita". Din hija sistema online, diġitali u komprensiva ta' mmappjar tax-xita mfassla sabiex tipproteġi aħjar lill-bliet u lill-irħula Pollakki kontra l-effetti tax-xita qalila.</p>		<p>Il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika, stabbilit b'finanzjament mill-programm tal-ġustizzja, jiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja madwar l-UE u qeda lil 4,4 miljun viżitatur fl-2021.</p>
	<p>In-network tal-UE ta' għarfien dwar il-protezzjoni ċivili ġie stabbilit f'Diċembru 2021 taħt il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. L-għan tiegħu huwa li jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-esperjenzi u t-tagħlimiet meħudin, u t-teħid ta' deċiżjonijiet informati aħjar għal prevenzjoni, għal thejġija u għal rispons aktar effiċjenti u effettivi.</p>		

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

4. It-tiżni tal-Ewropa bħala attur ġeopolitiku



L-UE tappoġġa l-multilateraliżmu u ordni globali bbażat fuq ir-regoli permezz ta' rwol aktar attiv u permezz ta' vuċi aktar b'saħħitha għall-UE fid-dinja. Tfittex approċċ koordinat għall-azzjoni esterna – mill-kooperazzjoni għall-iżvilupp sal-politika estera u ta' sigurtà komuni – li jiżgura vuċi aktar b'saħħitha u magħquda għall-Ewropa fid-dinja. Wieħed mill-għanijiet tal-UE huwa li tappoġġa l-valuri tagħha, il-libertà u d-demokrazija fil-pajjiżi ġirien u fid-dinja b'mod ġenerali. L-iżviluppi reċenti jservu biss sabiex jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ Ewropew koordinat għal sfidi ġeopolitiċi urġenti.

FI-2021, il-Kummissjoni użat il-flessibbiltà kollha pprovduta mill-baġit tal-UE sabiex twieġeb għal dak li diġà kien ambjent ġeopolitiku estremament volatili. L-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni fil-fruntieri tal-Lvant tal-UE kienet teħtieġ rispons immedjat, u l-UE kienet involuta bis-sħiħ fl-għoti ta' għajnuna lill-pajjiżi ġirien u lis-sħab internazzjonali sabiex isaħħu r-reżiljenza tagħhom fid-dawl ta' firxa ta' sfidi oħrajn, inklużi b'mod partikolari l-pandemija tal-COVID-19, il-kriżijiet umanitarji u l-movimenti migratorji li rriżultaw.

Il-baġit tal-UE jinsab fuq quddiem nett fl-isforzi tal-Unjoni Ewropea sabiex tappoġġa lill-pajjiżi sħab, tipromwovi l-oġġettivi ġeopolitiċi usa' tagħha u xxerred il-valuri tagħha globalment. L-Istrument integrat il-ġdid ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali jsaħħaħ il-kapaċità tal-UE bħala attur ġeopolitiku fi żmien ta' sfidi eċċezzjonali fil-viċinat tal-Ewropa u lil hinn. Il-ħtieġa għal dan tintwera b'mod ċar mill-invażjoni mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja tal-Ukrajna, li titlob rispons Ewropew b'saħħtu u koordinat. Il-baġit tal-UE ġie mmobilizzat kemm sabiex jipprovdi assistenza immedjata lill-Ukrajna kif ukoll lill-poplu tagħha u sabiex jgħin lill-Istati Membri jappoġġaw lil dawk li jaħarbu mill-Ukrajna.

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali

- EUR 60 biljun **għall-programmi ġeografiċi**, inklużi tal-anqas EUR 19-il biljun għall-viċinat u EUR 29 biljun għall-Afrika sub-Saħarjana.
- EUR 6 biljun għal **programmi tematiċi** (id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; il-paċi, l-istabbiltà u l-prevenzjoni tal-konflitti; u sfidi globali).
- EUR 3 biljun għal **mekkaniżmu ta' rispons rapidu** li jippermetti lill-UE twieġeb malajr għall-kriżijiet, jikkontribwixxi għall-paċi, għall-istabbiltà u għall-prevenzjoni tal-kunflitti, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-istati, tas-soċjetajiet, tal-komunitajiet u tal-individwi, filwaqt li jorbot l-għajnuna umanitarja u l-azzjoni ta' żvilupp. Jiżgura wkoll azzjoni bikrija sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-politika estera tal-UE.
- EUR 10 biljun għal **“riżerva” ta' fondi mhux allokat** sabiex jiġi ssupplimentat kwalunkwe wieħed mill-programmi msemmijin hawn fuq u l-mekkaniżmu ta' rispons rapidu f'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti, ta' ħtiġijiet ġodda, ta' sfidi emerġenti jew ta' prijoritajiet ġodda.

Il-baġit tal-UE bħala katalizzatur għar-reżiljenza msaħħa fil-pajjiżi sħab

Lil hinn mill-kriżi emerġenti fil-fruntieri tal-UE, fl-2021 l-UE kompliet tappoġġa lill-pajjiżi sħab sabiex iżommu l-istabbiltà u jippromwovu l-iżvilupp tagħhom. It-tfassib primarju matul is-sena kien il-pandemija tal-COVID-19 u l-impatti li rriżultaw fuq diversi setturi tas-soċjetà u ekonomiċi. Il-pandemija kompliet iżżid mal-kriżijiet eżistenti, u ħolqot ambjent ta' sfida kbira. Għalhekk, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-pajjiżi sħab kien ta' importanza kbira għall-azzjonijiet esterni tal-UE. Dan inkiseb permezz ta' varjetà ta' mezzi ta' assistenza finanzjarja sabiex jiġu miġġielda l-effetti ekonomiċi tal-lockdowns u sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-setturi tas-saħħa.

Bl-użu ta' approċċ ta' Tim Ewropa⁽²²⁾, ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 jammonta għal EUR 46 biljun u mess lil aktar minn 130 pajjiż madwar id-dinja. Il-fondi ntużaw sabiex jgħinu lill-pajjiżi jindirizzaw l-emerġenza tas-saħħa, isaħħu s-sistemi tas-saħħa tagħhom, jistabbilixxu miżuri tal-ilma u tas-sanità u jtaffu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija. L-approċċ ta' Tim Ewropa għen lill-UE u lill-Istati Membri tagħha sabiex isiru l-akbar donatur għall-inizjattiva dwar l-Aċċess Globali għall-Vaċċini Kontra l-COVID-19 (COVAX) fl-2021 b'aktar minn EUR 3 biljun previsti għax-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19. B'riżultat ta' dan, intlaħqet il-mira stabbilita li jiġu kondiviżi aktar minn 250 miljun doża ta' vaċċini ma' pajjiżi b'introjtu baxx u medju sa tmiem l-2021. Barra minn hekk, il-Kummissjoni appoġġat ir-riċerka u l-innovazzjoni għat-terapewtiċi, għad-dijanostika u għall-vaċċini u nediet inizjattiva ta' Tim Ewropa sabiex tagħti spinta lill-produzzjoni lokali tal-prodotti tas-saħħa u tal-vaċċini fl-Afrika, bħala riżultat importanti tas-Summit Unjoni Ewropea-Unjoni Afrikana. Fil-pajjiżi tat-tkabbir u tal-veċinat, l-UE mmobilizzat aktar minn EUR 4,5 biljun sabiex tgħin sabiex jittaffew l-effetti tal-pandemija. Fl-Ukrajna biss, qabel il-bidu tal-invażjoni mhux ġustifikata u mhux provokata mir-Russja, l-UE kienet żborżat EUR 600 miljun f'assistenza makrofinanzjarja għal dan l-għan.

L-UE għandha sħubija umanitarja robusta man-Nazzjonijiet Uniti u kienet minn ta' quddiem nett fid-donazzjonijiet umanitarji globali fl-2021, b'operazzjonijiet fil-pajjiżi affettwati bħall-Afganistan, l-Etjopja, is-Sudan t'Isfel, is-Sirja, it-Turkija, l-Ukrajna, il-Venezwela u l-Jemen, flimkien mar-reġjun tas-Saħel. Matul is-sena, l-UE mmobilizzat EUR 2,19 biljun għall-għajnuna umanitarja bis-saħħa ta' żidiet baġitarji mdaqqsin.

Is-sitwazzjoni umanitarja fl-Afganistan u fir-reġjun iddeterjorat drastikament fl-2021, u kienet teħtieġ l-adattament tal-prijoritajiet u assistenza urġenti. Sa minn qabel il-kriżi kurrenti, il-kunflitt li għadu għaddej, in-nuqqas ta' sigurtà, in-nixfa estrema u l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżaw tbatija u spostament fuq skala kbira tal-persuni fl-Afganistan u fir-reġjun. Il-ħtif ta' Kabul mit-Taliban fil-15 ta' Awwissu żied saff addizzjonali ta' kumplessità. L-Unjoni Ewropea żiedet b'erba' darbiet il-finanzjament umanitarju tagħha fl-2021 għal total ta' EUR 222 miljun, u huwa mistenni li dan jilħaq tal-anqas il-5 miljun benefiċjarju fi bżonn estrem. Barra minn hekk, bejn Settembru u Diċembru, 280 tunnellata ta' merkanzija – prinċipalment tagħmir mediku, provvisti kontra l-COVID-19 u oġġetti tal-ikel – ġew ittrasportati lejn Kabul permezz tal-pont bl-ajru umanitarju tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ffokat l-isforzi tagħha fuq il-prevenzjoni tal-kollass tal-pajjiż u fuq ir-riperkussjonijiet soċjoekonomiċi ġewwa u barra l-fruntieri tal-Afganistan, b'attenzjoni partikolari għad-drittijiet tan-nisa u tal-bniet. Il-proġetti li kienu għadhom għaddejjin ġew orjentati mill-ġdid u ġew allokati EUR 250 miljun għall-ħtiġijiet bażiċi u għall-appoġġ għall-għajxien (inizjalment imsejħin assistenza umanitarja+) immirati sabiex iżommu servizzi essenzjali minimi (inklużi l-edukazzjoni u ż-żamma tal-għajxien bażiku). Fir-

⁽²²⁾ L-approċċ ta' Tim Ewropa jikkonsisti fl-Unjoni Ewropea, fl-Istati Membri tal-UE – inklużi l-aġenziji ta' implimentazzjoni u l-banek tal-iżvilupp pubbliku tagħhom – kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ). L-approċċ ta' Tim Ewropa japplika kemm fuq livell internazzjonali kif ukoll fil-livell tal-pajjiżi u huwa proċess inklużiv miftuħ għall-Istati Membri kollha tal-UE, għall-organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u għall-istituzzjonijiet ta' finanzjament.

rigward tal-iżviluppi riċenti dwar l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni sekondarja, il-biċċa l-kbira tal-għalliema fil-mira tal-appoġġ tal-UE rċievew appoġġ ta' emerġenza fi flus matul ix-xhur tax-xitwa (meta ma rċievewx salarji).

Appoġġ ieħor fl-2021

- **EUR 3 biljun ġew ipprovduti f'assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza sabiex jillimitaw il-konsegwenzi ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19** f'10 pajjiżi sħab tat-tkabbir u tal-viceinat.
- **Total ta' 82 pajjiż** irċievew appoġġ għall-kooperazzjoni umanitarja mill-UE.
- **2,3 miljun żagħżuġ u żagħżuġha** li jgħixu fi kriżijiet umanitarji bbenefikaw minn aċċess għall-edukazzjoni.
- **Ingħataw 5,5 miljun doża ta' tilqim** lil trabi refuġjati fit-Turkija taħt il-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.
- **4,2 miljun doża ta' vaċċini** kontra l-COVID-19 ġew ipprovduti mill-Istati Membri, u 2,2 miljun permezz tal-COVAX fil-Balkani tal-Punent.
- Ġie stabbilit **pakkett ta' EUR 3,4 biljun ta' assistenza finanzjarja sabiex jiġu miġġielda l-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti soċjoekonomiċi tagħha** fil-Balkani tal-Punent.
- **EUR 1 biljun** tqiegħdu għad-dispożizzjoni għax-xiri ta' vaċċini permezz tal-Faċilità tal-COVAX.
- Ġew ikkonsenjati **500 tunnellata** provvisti mediċi essenzjali u merkanzija umanitarja sabiex jappoġġaw uħud mill-aktar komunitajiet vulnerabbli tad-dinja bl-użu tal-pont bl-ajru umanitarju.
- Saret 78 sejħa sabiex jintuża l-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili** bħala tweġiba għan-nirien tal-foresti fil-Balkani tal-Punent, għat-**terremot** u għall-**uragan** fil-Haiti u għall-**pandemija tal-COVID-19** f'pajjiżi mhux tal-UE.

L-appoġġ għall-valuri tal-UE fil-viceinat u lil hinn

Il-baġit tal-UE jgħin sabiex jipromwovi l-valuri tal-UE barra mill-UE, jappoġġa l-ekonomiji tal-pajjiżi sħab u jstabilizza l-pajjiżi ġirien billi jsaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom għall-isfidi kurrenti u futuri. Għalhekk, it-tiżni tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni ta' governanza tajba u ta' prijoritajiet ġenerali bħat-tranżizzjonijiet doppji huma l-oġettivi ewlenin tal-politika ta' azzjoni esterna tal-Kummissjoni. B'allokazzjoni ta' EUR 80 biljun għall-2021-2027, l-Istrument ta' Viceinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa globali se jgħin sabiex jiġu stimolati rkupru soċjoekonomiku sostenibbli fit-tul u l-ħolqien tal-impjegi fil-viceinat tal-UE.

Għall-Georgia, għall-Moldova u għall-Ukrajna, l-avvenimenti tal-2021 u tal-2022 – b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna – komplew isaħħu l-aspirazzjonijiet tagħhom li jissieħbu fl-Unjoni. Diġà ppreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal sħubija, u l-Kummissjoni se ttiprovdli l-opinjonijiet tagħha dalwaqt. Kandidati oħrajn għall-adeżjoni fil-biċċa l-kbira wrew progress, b'xi eċċezzjonijiet. L-ippremjar tal-progress meta jkun xieraq, billi jsir avvanz għall-istadju rispettiv li jkun imiss fil-proċessi rispettivi tagħhom, huwa kruċjali għall-kredibbiltà u għall-influenza ġeopolitika tal-Unjoni. B'baġit ta' programmazzjoni għall-2021 ta' EUR 1,9 biljun, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III huwa faċilitatur essenzjali għall-adozzjoni u għall-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, legali, amministrattivi, soċjali u

ekonomiċi meħtieġa fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali bħall-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kosovo⁽²³⁾, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u t-Turkija.

Il-kisbiet fil-viċinat immedjat tal-UE sal-aħħar tal-2021

- Inbnew 8 826 unità residenzjali.
- Inbnew 75 stazzjon ta' monitoraġġ tal-ilma f'konformità mad-direttiva qafas tal-UE dwar l-ilma.
- 400 organizzazzjoni kienu qegħdin jaħdmu fuq il-prevenzjoni u fuq l-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa.
- 12 000 faċilità edukattiva mtejbmin fit-Turkija.

Minbarra dawn, il-baġit tal-UE appoġġa lil persuni vulnerabbli billi pprova assistenza li ssalva l-ħajjiet f'pajjiżi mifnijin bil-kunflitti, bħall-Afganistan, l-Etjopja u l-Jemen. L-UE kompliet tappoġġa lill-persuni vulnerabbli fis-Sirja, flimkien mar-refuġjati Sirjani fit-Turkija u f'pajjiżi oħrajn fir-reġjun. Sabiex tindirizza sett mingħajr preċedent ta' sfidi li kienu qegħdin jiffaċċjaw l-isforzi umanitarji, f'Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat perspettiva strateġika mġedda sabiex issaħħaħ l-impatt umanitarju globali tal-UE u tkompli tipprovdi tmexxija. Dawn l-inizjattivi se jippermettu użu aktar effiċjenti tar-riżorsi; jiżguraw twassil aktar mgħaġġel tal-għajnuna umanitarja billi jingħata appoġġ lis-sħab umanitarji – inkluż billi tiġi stabbilita kapaċità Ewropea ta' rispons umanitarju bl-użu ta' approċċ ta' Tim Ewropa; jespandu l-bażi tad-donaturi ġewwa u barra l-Ewropa; u jindirizzaw l-għeruq ta' dak li jwassal għall-kriżijiet billi tipprovdi għajnuna umanitarja f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp u tal-bini tal-paċi.

L-UE tiddedika madwar 10 % tal-baġit tagħha għall-azzjoni esterna, billi tipprovdi finanzjament lil pajjiżi sħab fil-forma ta' għotjiet, ta' akkwist pubbliku, ta' strumenti finanzjarji, ta' garanziji baġitarji u ta' appoġġ baġitarju. Il-Kummissjoni taħdem id f'id ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, ma' korpi privati u ma' Stati Membri sabiex iżżid l-impatt tal-appoġġ tal-UE. L-eżempji jinkludu dawn li ġejjin.

- Fil-qasam kruċjali tat-tibdil fil-klima, l-UE pprovdiet appoġġ tekniku lil 60 pajjiż sieħeb fl-2021, għall-aġġornament u għall-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom, b'enfasi partikolari fuq is-settur tal-enerġija sostenibbli.
- L-implimentazzjoni tal-inizjattiva NaturAfrica bdiet fl-2021 f'sitt pajsaġġi reġjonali u f'diversi pajjiżi (il-Benin, il-Burundi, il-Kamerun, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u t-Togo). NaturAfrica għandha l-għan li ttejjeb l-għajxien ta' 65 miljun persuna, billi tissekwestra sa 21 biljun tunnellata karbonju, tistabbilizza 3 miljun km² art u tiżgura s-sigurtà tal-ilma. Il-Kummissjoni wiegħdet ukoll EUR 1 biljun mingħajr preċedent għall-protezzjoni, għar-restawr u għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għall-2021-2024.
- Is-servizzi ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tal-għargħar fuq skala kbira għall-Afrika tal-Punent huma proġett sponsorjat permezz tal-kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u l-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett għandu seba' sħab ta' implimentazzjoni mifruxin fuq ħames pajjiżi Afrikani: il-Benin, il-Burkina Faso, il-Kosta tal-Avorju, il-Ghana u n-Niġerja.
- Il-Faċilità globali ta' Assistenza Teknika tal-UE hija programm tal-UE li ilu jeżisti u li jgħin lill-pajjiżi sħab itejbu l-oqfsa regolatorji, itejbu l-kapaċitajiet istituzzjonali u jimmobilizzaw l-investment fl-enerġija sostenibbli.

⁽²³⁾ Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- It-tagħlim u l-apprendiment reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru fil-proġett tal-ewwel snin, kofinanzjati mill-UE, ittrasformaw il-preprimarji fi 15-il distrett muntanjuż fil-Vjetnam ċentrali f'ambjenti ta' apprendiment permezz tal-logħob li reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, li jinvolvu lill-ġenituri kemm jista' jkun fil-proċess.

F'April 2021, l-UE u l-membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP) ikkonkludew in-negozjati tal-abbozz ta' ftehim li jġedded is-sħubija b'saħħitha tagħhom, magħruf bħala l-ftehim ta' wara Cotonou. Qabel ma l-ftehim ikun jista' jiġi applikat u jidħol fis-seħħ, il-partijiet rispettivi jkollhom bżonn ilestu l-proċeduri ta' approvazzjoni interna tagħhom.

L-UE żammet il-momentum b'kuntatt kontinwu mas-sħab Afrikani tagħha u firxa diversa ta' partijiet ikkonċernati fiż-żewġ kontinenti sabiex tkompli tiddiskuti l-prijoritajiet fit-tul fil-qalba ta' Sħubija mġedda bejn l-Afrika u l-UE. Qabel is-sitt Summit UE-Unjoni Afrikana, li sar fis-17-18 ta' Frar 2022, il-ministri tal-affarijiet barranin iltaqgħu f'Kigali f'Ottubru 2021 sabiex jiddiskutu l-aktar prijoritajiet, opportunitajiet u sfidi komuni importanti għall-aġenda.

Immedija fl-2021, il-Gateway Globali⁽²⁴⁾ tistabbilixxi strateġija ġdida sabiex tagħti spinta lill-konnessjonijiet intelliġenti, nodfa u siguri fis-setturi diġitali, tal-enerġija u tat-trasport, u sabiex ittejjeb is-saħħa u l-konnettività bejn il-persuni permezz tal-edukazzjoni u permezz tar-riċerka madwar id-dinja. Tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-distakk globali fl-investiment fl-infrastruttura madwar id-dinja, f'konformità mal-impenn meħud f'Ġunju 2021 mill-mexxejja tal-G7 sabiex titnieda sħubija infrastrutturali xprunata mill-valuri, ta' standard għoli u trasparenti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-infrastruttura globali. F'approċċ ta' Tim Ewropa, l-UE, l-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej jimmobilizzaw flimkien sa EUR 300 biljun f'investimenti sal-2027. Ipoġġi s-sostenibbiltà fil-qalba tal-azzjoni tal-UE billi jirrikjedi li l-pajjiżi sħab jaderixxu mal-istat tad-dritt, u għandu enfasi qawwija fuq l-appoġġ tal-għarfien espert u għall-ħolqien ta' ambjent abilitanti sabiex jiġi attirat l-investiment u fuq il-limitazzjoni tar-riskji ta' diffikultà ta' ħlas tad-dejn fil-pajjiżi sħab.

It-tiŝiħ tar-reżiljenza jestendi għall-indirizzar tal-isfidi tal-migrazzjoni

Flimkien mal-COVID-19, fattur ewlieni ieħor ta' destabilizzazzjoni għall-pajjiżi ġirien u sħab kien jikkonċerna l-movimenti migratorji fid-direzzjoni lejn l-Istati Membri tal-UE. Dawn joħolqu sfidi sinifikanti minħabba n-numru ta' persuni li jaslu u s-sensittivitajiet politiċi, li jirriżultaw fi ħtieġa dejjem akbar sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza.

FI-2021, ir-reġim ta' Lukashenko fil-Belarusija abbuża mill-istatus fraġli tal-migranti minn pajjiżi fil-Lvant Nofsani sabiex jużahom bħala strument f'attakk ibridu, b'mod partikolari fuq il-Latvja, fuq il-Litwanja u fuq il-Polonja. Dan il-fluss migratorju ġie minbarra dawk li diġà kienu jeżistu fil-Baħar Mediterran u minn ġewwa t-Turkija. Wara li evalwat il-proposti tal-Latvja, tal-Polonja u tal-Litwanja għal azzjonijiet speċifiċi sabiex jappoġġaw il-ġestjoni tal-fruntieri, il-Kummissjoni għamlet disponibbli EUR 185 miljun sabiex ittejjeb il-kontroll tas-sorveljanza tal-fruntieri. Il-Kummissjoni aġixxiet fil-pront b'numru ta' miżuri, inkluża għajnuna ta' emerġenza ta' EUR 36,7 miljun għal-Litwanja f'Awwissu, flimkien ma' EUR 14,9-il miljun oħrajn f'Diċembru għal tagħmir imtejjeb ta' kontroll tal-fruntieri, u EUR 2,3 miljun għal-Latvja.

⁽²⁴⁾ JOIN(2021) 30 final, 1.12.2021

Assistenza addizzjonali

- L-iskjerament ta' uffiċjali fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Polonja mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.
- L-appoġġ għal-Latvja, għal-Litwanja u għall-Polonja mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fir-ritorn volontarju ta' ċittadini mhux tal-UE.
- L-iskjerament ta' uffiċjali fil-Litwanja u fil-Polonja mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi.
- L-iskjerament ta' esperti u ta' interpreti fil-Latvja u fil-Litwanja mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil.

Minbarra t-EUR 360 miljun previsti għal-Latvja, għal-Litwanja u għall-Polonja taħt l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi għall-perjodu finanzjarju 2020-2027, il-Kummissjoni għamlet disponibbli ammont supplimentari ta' madwar EUR 200 miljun għall-2021 u għall-2022.

Il-baġit tal-UE pprova appoġġ finanzjarju sinifikanti lill-pajjiżi fir-rotot migratorji. Il-Kummissjoni ressqet proposta għal EUR 3 biljun addizzjonali għall-Faċilità għar-Refuġjati, iffinanzjata esklussivament mill-baġit tal-UE, sabiex tkompli tappoġġa lir-refuġjati u lill-komunitajiet ospitanti, u impenn ta' EUR 1 biljun fis-sena, mill-2021, permezz tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni. Minħabba n-natura fit-tul tal-kriżi tar-refuġjati, l-assistenza tkompli taqleb mill-kooperazzjoni umanitarja għall-iżvilupp, li diġà bdiet fi ħdan il-qafas tat-tieni segment tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, bl-oġettiv doppju li tiġi żgurata l-kontinwità tal-appoġġ filwaqt li ssir it-tranżizzjoni għall-istrutturi nazzjonali. Il-Kummissjoni kompliet tappoġġa lir-refuġjati permezz ta' din il-faċilità, li għandha baġit operazzjonali ta' EUR 6 biljun. S'issa, ġew żborżati EUR 4,5 biljun, bi EUR 3 biljun addizzjonali allokat għall-perjodu mill-2021 sal-2023. Fl-2021, aktar minn 1,5 miljun refuġjat irċiew assistenza taħt il-komponent umanitarju tal-faċilità. Fil-viċinat tan-Nofsinhar, il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-Unjoni Ewropea b'Reazzjoni għall-kriżi Sirjana mexxielu jilħaq lil 8,4 miljun persuna, u l-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika tejjeb l-aċċess għas-servizzi pubbliċi essenzjali għal aktar minn 4 miljun persuna.

Il-politiki tal-UE għall-industrija tad-difiża jagħmlu ħilithom sabiex jiżguraw il-kompetittività, l-innovazzjoni u s-sigurtà għaċ-ċittadini kollha tal-UE

Politika ta' difiża komuni jeħtieġ li tkun sostnuta minn politika solida tal-industrija tad-difiża bbażata fuq il-kooperazzjoni u li tiffoka fuq il-kapaċitajiet strateġiċi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri, u fuq teknoloġiji emerġenti u fixkiela li huma kritiċi għas-sigurtà u għad-difiża. Minħabba li r-riċerka u l-iżvilupp għadhom lura, u l-kost tas-sistemi tad-difiża qiegħed jiżdied, il-kooperazzjoni fl-industrija tad-difiża tal-UE hija essenzjali.

Il-Fond Ewropew għad-Difiża huwa programm ambizzjuż, bilanċjat u inklużiv li jiżgura livell għoli ta' involviment tal-Istati Membri fi proġetti kooperattivi ta' riċerka u ta' żvilupp dwar id-difiża li jissodisfaw il-ħtiġijiet operazzjonali tal-forzi armati. L-użu tal-baġit tal-UE sabiex jiġu appoġġati dawn il-proġetti jrawwem il-kollaborazzjoni, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-suq u għat-titjib tal-interoperabbiltà u jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża. Il-fond tnedja fl-2021 permezz tal-adozzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma annwali tiegħu, u għandu baġit ta' EUR 7,9 biljun għall-perjodu 2021-2027, inklużi EUR 2,6 biljun għar-riċerka u EUR 5,3 biljun għall-iżvilupp xprunat mill-kapaċità.

Detalji dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża

- Fl-2021 ġew ippubblikati tlieta u għoxrin sejħa għal proposti għal total ta' **EUR 1,2 biljun f'finanzjament tal-UE b'appoġġ għal proġetti kollaborattivi ta' riċerka u ta' żvilupp dwar id-difiża.**
- Ġew allokati madwar **EUR 700 miljun għal proġetti li jindirizzaw pjattaformi ta' difiża fuq skala kbira u kumplessi** u sistemi b'has-sistemi tal-ġellieda tal-ġenerazzjoni li jmiss, il-flotot tal-vetturi tal-art, il-bastimenti b'diversi rwoli u modulari tal-għassa lil hinn mill-kosta, u d-difiża mill-missili ballistiċi.
- Sa **8 %** tal-baġit tal-2021 huwa dedikat għall-finanzjament ta' **teknoloġiji fixkiela għad-difiża**, u madwar **6 %** għal sejħiet miftuħin għal **intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.**
- L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jirrappreżentaw madwar 50 % mill-1 100 entità li ppreżentaw proposti.

Fl-2021, 28 proġett ġdid ingħataw ukoll total ta' aktar minn EUR 291,2 miljun mill-programm prekursor tal-Fond Ewropew għad-Difiża, il-programm Ewropew għall-iżvilupp fl-industrija tad-difiża.

L-aggressjoni reċenti mhux provokata u mhux ġustifikata mir-Russja kontra l-Ukrajna kompliet tenfasizza l-ħtieġa għal politika reali tad-difiża tal-UE. F'dawn l-aħħar snin, l-UE diġà kienet żiedet l-isforzi tagħha fl-oqsma kruċjali tad-difiża – inkluża l-industrija tad-difiża – u l-isparju, sabiex tagħti spinta lill-kapaċitajiet u lir-reżiljenza tagħha u b'hekk tfejji aħjar għal kriżijiet futuri.


Azzjoni miftiehma sabiex tappoġġa lill-Ukrajna u lill-Istati Membri l-aktar espsti



L-ewwel xhur tal-2022 kienu ddominati mill-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata mir-Russja kontra l-Ukrajna. L-UE tat rispons qawwi u magħqud, li jinkludi sanzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi robusti u komprensivi sabiex tiddgħajjef il-bażi ekonomika tar-Russja u miżuri b'firxa wiesgħa sabiex tappoġġa lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha.

Il-baġit tal-UE qiegħed ikollu rwol kruċjali f'dan ir-rispons. L-appoġġ *in natura* essenzjali, bħall-provvisti u t-tagħmir mediċi, qiegħed jingħadda lill-Ukrajna permezz tal-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili. Il-Kummissjoni użat pakkett ta' emerġenza ta' EUR 550 miljun sabiex tipprovdri assistenza umanitarja u ta' emerġenza sabiex tiżgura aċċess għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u għall-ikel. L-assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza se tgħin lill-Ukrajna tindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha u ssaħħaħ l-istabbiltà ekonomika. Il-Kummissjoni kienet fuq quddiem nett fl-avvenimenti ta' wegħdijiet globali sabiex tappoġġa lill-persuni spostati internament u lir-refuġjati. L-UE pprovdiet ukoll appoġġ mingħajr preċedent lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet u r-reżiljenza tal-Forzi Armati tal-Ukrajna u tiġi protetta l-popolazzjoni ċivili. Bil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju, il-Kummissjoni pproponiet pedamenti u prinċipji għal għajjnuna fit-terminu qasir u għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Dawn se jeħtieġu appoġġ li jmur lil hinn b'mod ċar mill-mezzi pprovduti mill-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.

Il-baġit tal-UE qiegħed jgħin ukoll lill-Istati Membri l-aktar esposti sabiex ilaħħqu mal-impatt umanitarju tal-influss ta' miljuni ta' persuni li qegħdin jaħarbu mill-gwerra u jidħlu fl-UE. Id-Direttiva dwar il-protezzjoni temporanja għet attivata għall-ewwel darba sabiex toffri assistenza rapida u effettiva lil persuni li jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna. Il-fondi tal-politika tal-affarijiet interni u ta' koeżjoni ġew immobilizzati sabiex jippermettu lill-Istati Membri jużaw il-finanzjament disponibbli sabiex jittrattaw b'mod urġenti l-influss tar-refuġjati. L-inizjattiva ta' koeżjoni għar-refuġjati fl-Ewropa ħolqot il-flessibbiltà neċessarja għall-Istati Membri sabiex jallokaw il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni li kien fadal u REACT-EU sabiex jipprovdi appoġġ ta' emerġenza malajr. Pereżempju, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ divers lir-refuġjati, fost l-oħrajn sabiex isibu impjegi, jibdeu jew ikomplu l-edukazzjoni u jaċċessaw l-indukrar tat-tfal.









Anness 2 – Kontroll intern u ġestjoni finanzjarja

1. Għodod b'saħħithom għall-ġestjoni u għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE f'ambjent kumpless

Huwa d-dmir tal-Kummissjoni li tagħmel l-aħjar użu possibbli mill-flus tal-kontribwenti sabiex tappoġġa l-ilfuq tal-oġġettivi ta' politika tal-UE. Għalhekk, huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-finanzjament jilħaq lill-benefiċjarji maħsubin b'mod effettiv, effiċjenti u ekonomiku, f'livell għoli ta' konformità mar-regoli applikabbli. Il-Kummissjoni tagħmel ħilitha sabiex tilħaq l-oġġla standards ta' ġestjoni finanzjarja, filwaqt li ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn livell baxx ta' żbalji, pagamenti veloċi u kostijiet raġonevoli tal-kontrolli.

1.1. Il-baġit tal-UE: varjetà wiesgħa ta' oqsma, ta' benefiċjarji u ta' nfiq ġestiti f'ambjent kumpless


Fl-2021, in-nefqa ġestita mill-Kummissjoni kienet tammonta għal EUR 172 biljun⁽²⁵⁾ (ara ċ-ċart ta' hawn taħt). Dan jinkludi s-sehem tal-baġit tal-UE ġestit mill-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁽²⁶⁾ u l-fondi fiduċjarji tal-UE. Din in-nefqa tikkorrispondi għal aktar minn 200 000 pagament, li jvarjaw minn ftit mijiet ta' euro (għall-għotjiet għall-mobilità ta' Erasmus+) sa mijiet ta' miljuni ta' euro (għal proġetti kbar bħar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali jew Galileo u Copernicus, flimkien ma' appoġġ baġitarju għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw)⁽²⁷⁾. Il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE huma diversi u numerużi ħafna.

Suq uniku, innovazzjoni u diġitali	Koeżjoni, reżiljenza u valuri	Riżorsi naturali u ambjent	Migrazzjoni u ġestjoni tal-fruntieri	Sigurtà u difiża	Viċinat u d-dinja	Amministrazzjoni pubblika Ewropea EUR 7 biljun (4 %)
EUR 17,3-il biljun (10 %)	EUR 75,8 biljun (44 %)	EUR 56,5 biljun (33 %)	EUR 2.5 biljun (1 %)	EUR 0.01 biljun (0 %)	EUR 12.7 biljun (7 %)	
						

⁽²⁵⁾ Dan ma jinkludix il-pagamenti magħmulin fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li hija koperta fl-Anness III.

⁽²⁶⁾ Ta' min jinnota li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ġie inkorporat fil-baġit ġenerali tal-UE għall-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027.

⁽²⁷⁾ L-ammont tan-nefqa rilevanti tal-Kummissjoni jikkorrispondi għall-pagamenti li saru fl-2021 nieqes il-prefinanzjament imħallas fl-2021 flimkien mal-prefinanzjament imħallas fis-snin preċedenti u approvat fl-2021 (ara l-Anness 5 għad-definizzjonijiet u għal aktar dettalji).



In-nefqa rilevanti tal-baġit tal-UE implimentata mill-Kummissjoni fl-2021, għal kull qasam ta' politika, f% u f'biljuni ta' EUR.
Sors: Ir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni Ewropea.

Simili għas-snin preċedenti, madwar tliet kwarti tal-baġit⁽²⁸⁾ (eż. in-nefqa fuq il-politika ta' koeżjoni u fuq ir-riżorsi naturali) hija implimentata taħt ġestjoni kondiviża. Dan ifisser li l-Istati Membri, jew il-korpi deżinjati minnhom, jagħżlu l-proġetti, jiddistribwixxu l-fondi u jimmaniġġjaw in-nefqa f'konformità mad-dritt tal-UE u dak nazzjonali, u jikkondividu din ir-responsabbiltà mal-Kummissjoni. Il-kumplement tal-baġit jintnefaq jew direttament mill-Kummissjoni jew inkella indirettament f'kooperazzjoni mal-entitajiet fdati. It-tabella ta' hawn taħt tiddekrivi t-tliet modi ta' ġestjoni.

Mod ta' ġestjoni	Deskrizzjoni	% tal-ispejjeż tal-2021	Eżempji ta' programmi / infiq	Atturi oħrajn involuti, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni
Ġestjoni diretta	Il-fondi jiġu implimentati mill-Kummissjoni	19 %	Orizzont 2020; Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; nefqa amministrattiva	m/a (il-finanzjament imur direttament għand il-benefiċjarji)
Ġestjoni indiretta	Il-fondi jiġu implimentati b'kooperazzjoni ma' entitajiet esterni	7 %	Erasmus+; parti mill-għajjnuna għall-iżvilupp u mill-għajjnuna umanitarja; assistenza ta' qabel l-adeżjoni	L-aġenziji, l-impriżi konġunti, in-Nazzjonijiet Uniti, il-Bank Dinji, il-Bank Ewropew tal-Investment, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, pajjiżi terzi
Ġestjoni kondiviża	Il-fondi jiġu implimentati b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet reġjonali u/jew nazzjonali tal-Istati Membri, li għandhom l-ewwel livell ta'	74 %	Fondi agrikoli; Il-Fond għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd; Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali; Il-Fond ta' Koeżjoni; Il-Fond Soċjali Ewropew	L-aġenziji tal-pagamenti għall-politika agrikola komuni: 76. L-awtoritajiet maniġerjali għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni: 492, fl-Istati Membri

⁽²⁸⁾ Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ma hijiex inkluża.

	responsabbiltà		u l-Inizjattiva Favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ; Il-fondi għall-Migrazzjoni, għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għas-Sigurtà	kollha
--	----------------	--	---	--------

L-ispejjeż tal-2021 skont il-mod ta' ġestjoni.

Sors: "Abbozz tal-kontijiet annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2021 – Rapport tal-prestazzjoni finanzjarja".

L-2021 kienet l-ewwel sena tal-qafas finanzjarju l-ġdid ta' 7 snin. Fil-prattika, il-pagamenti relatati se jibdeu jilħqu livelli sinifikanti fis-snin li ġejjin biss. FI-2021, il-pandemija kompliet taffettwa b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni u l-mod kif jaħdmu s-sħab ta' implimentazzjoni tagħna.

1.2. Sistema ta' governanza robusta li tinfed ir-responsabbiltà tal-Kulleġġ

Is-sistema ta' governanza u l-katina ta' akkontabilità użati mill-Kummissjoni Ewropea huma mfaslin għall-istruttura u għar-rwol uniċi tagħha. L-arranġamenti ta' governanza tal-Kummissjoni ssaħħew maż-żmien u ġew adattati għaċ-ċirkostanzi li jinbidlu, kif rifless fl-aħħar komunikazzjoni, maħruġa f'Ġunju 2020⁽²⁹⁾.

Bħala uffiċjal tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, il-**Kulleġġ tal-Kummissarji huwa politikament responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tal-UE**, li jinkludi l-akkontabilità għall-ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni. L-elementi kostitwenti ewlenin tal-governanza tal-baġit tal-UE – sostnuti minn diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn il-livelli politiċi u ta' ġestjoni, impenn qawwi għall-ġestjoni tal-prestazzjoni u l-konformità mal-qafas legali, it-trasparenza u l-istandards għoljin ta' mġiba etika, u rapportar definit sew – iwasslu għal katina solida ta' bini tal-aċċertament u ta' akkontabilità.

Skont il-mudell uniku tal-Kummissjoni għat-teħid deċentralizzat ta' deċiżjonijiet fl-implimentazzjoni tal-baġit, il-Kulleġġ tal-Kummissarji jiddelega l-immaniġġjar operazzjonali ta' kuljum lill-**51 uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni**⁽³⁰⁾ li jimmaniġġjaw u jmexxu lid-dipartimenti tagħhom fl-ilħuq tal-oġettivi tagħhom kif definiti fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom, filwaqt li jqisu r-riżorsi disponibbli. **L-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni huma akkontabbli** għas-sehem tal-baġit tal-UE implimentat fid-dipartiment tagħhom.

Fir-rapporti annwali tal-attività, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega jirrapportaw b'mod trasparenti dwar il-prestazzjoni u r-riżultati miksubin, dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll intern tagħhom u dwar il-ġestjoni finanzjarja tas-sehem tagħhom mill-baġit tal-UE – filwaqt li jqisu l-aċċertament ipprovdut mill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża. Kull rapport annwali tal-attività fih id-dikjarazzjoni ta' aċċertament tad-direttur ġenerali. Din tal-aħħar tista' tiġi kkwalfikata b'riżerva jekk l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni jidentifikaw kwalunkwe dgħufija li jkollha impatt sinifikanti.

⁽²⁹⁾ Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni – Il-governanza fil-Kummissjoni Ewropea ([C\(2020\) 4240](#)).

⁽³⁰⁾ It-terminu "uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega" jkopri diretturi ġenerali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, il-kapijiet tal-aġenziji eżekuttivi, l-uffiċċji, is-servizzi, il-task forces, eċċ. L-Artikolu 74(1) tar-regolament finanzjarju jiddikjara li: "L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni għandu jkun responsabbli fl-istituzzjoni tal-Unjoni kkonċernata għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż permezz tal-iżgurar ta' rappurtaġġ dwar il-prestazzjoni, u sabiex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità u ta' trattament indaqs tar-riċevituri."


B'mod parallel, huma jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni sabiex itaffu r-riskji futuri u jsaħħu s-sistemi ta' kontroll tagħhom.

Ir-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni jippreżenta s-sinteżi tar-riżultati annwali għall-baġit tal-UE fil-livell tal-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-aċċertament u tar-riżervi li jinsabu fir-rapporti annwali kollha tal-attività. Dan ir-rapport huwa parti mill-pakkett tar-rapporti integrati finanzjarji u ta' akkontabilità tal-Kummissjoni⁽³¹⁾, li huwa **adottat mill-Kulleġġ tal-Kummissarji**.

Il-proċedura ta' kwittanza baġitarja annwali li tirriżulta tippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jżommu lill-Kummissjoni politikament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tqis ir-rapportar finanzjarju u ta' akkontabilità integrat tal-Kummissjoni; ir-rapporti annwali u speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, flimkien mad-dikjarazzjoni ta' aċċertament tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti; is-seduti ta' smiġħ tal-Kummissarji u tad-diretturi ġenerali; u rakkomandazzjoni mill-Kunsill.

⁽³¹⁾ Kif meħtieġ mill-Artikolu 247 tar-regolament finanzjarju, il-pakkett tar-rapporti integrati finanzjarji u ta' akkontabilità jinkludi wkoll il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea, ir-rapport dwar is-segwitu għall-kwittanza baġitarja għas-sena finanzjarja preċedenti, ir-rapport annwali lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-awditi interni mwettqin, u l-previżjoni fit-tul tad-dħul u tal-ħruġ futuri tal-baġit tal-UE.

Il-bini tal-aċċertament u l-akkontabilità tal-Kummissjoni għall-baġit tal-UE: rwoli u responsabbiltajiet



(*) Rapportar finanzjarju u tal-kontabilità integrat:

- Kontinġent annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea
- **Rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni**
- Tbaħsir fit-tul ta' flussi tad-dħul u flussi ta' ħruġ futuri
- Rapport annwali tal-awditu intern
- Rapport dwar segwitu għar-rilaxx

Dawn l-arranġamenti ta' governanza robusti jgħinu lill-Kulleġġ tal-Kummissarji jilħaq l-oġġettivi tal-Kummissjoni, juża r-riżorsi b'mod effiċjenti u effettiv, u jiżgura li l-baġit tal-UE jiġi implimentat f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Farsa ġenerali hija ppreżentata fiċ-ċart ta' hawn fuq.

1.3. Qafas ta' kontroll intern robust li jevolvi mal-ambjent tiegħu

Il-Kummissjoni għandha fis-seħħ qafas ta' kontroll intern korporattiv b'saħħtu bbażat fuq l-oġġla standards internazzjonali⁽³²⁾.

1.3.1. Din is-sena, il-qafas ta' kontroll intern reġa' kellu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-ilfuq tal-oġġettivi tal-Kummissjoni f'ambjent li qiegħed jinbidel malajr

Fil-kuntest tal-**pandemija tal-COVID-19**, il-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni kien salvagwardja essenzjali għall-operazzjonijiet tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kompliet timmonitorja mill-qrib l-impatt tal-kriżi li għaddeja fuq l-operazzjonijiet tagħha, inkluż fuq il-bini tal-aċċertament. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza miksuba fl-2020, il-Kummissjoni kompliet timplimenta l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa sabiex tipprevjeni jew tillimita kwalunkwe impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Għall-2022, il-Kummissjoni se tibqa' viġilanti sabiex tkun tista' tiffaċċja kwalunkwe żieda ġdida ta' każijiet fir-rigward tal-pandemija.

Saret enfasi partikolari fuq l-adattament tas-sistemi ta' kontroll intern għall-ħtiġijiet tal-operazzjonijiet ta' **NextGenerationEU**. F'Diċembru 2021, il-Kummissjoni żiedet l-enfasi strateġika tal-funzjoni tar-riskju billi stabbiliet **politika ta' riskju ta' livell għoli u ta' konformità ta' NextGenerationEU** f'konformità mal-qafas ta' kontroll intern ġenerali tal-Kummissjoni, kif definit fl-2017⁽³³⁾. Jipprovdi qafas xieraq għall-maniġjar tar-riskji u għall-konformità sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-UE u sabiex jiġu żgurati l-probità, l-integrità u t-trasparenza tal-operazzjonijiet ta' NextGenerationEU bħall-operazzjonijiet ta' self, ta' maniġġjar tad-dejn u ta' għoti ta' self. Din il-politika ta' livell għoli dwar ir-riskju u l-konformità tissupplimenta l-qafas ta' governanza tal-UE ta' NextGenerationEU⁽³⁴⁾, li jiddeskrivi r-rwoli u r-responsabbiltajiet ewlenin relatati mal-qafas ta' maniġġjar tar-riskji u ta' konformità tal-operazzjonijiet ta' NextGenerationEU. Min-naħa tan-nefqa, il-Kummissjoni stabbiliet **strateġiji speċifiċi ta' awditjar u ta' kontroll** fid-dawl tar-responsabbiltà l-ġdida tagħha għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ara l-Anness 3).

⁽³²⁾ Kif stabbilit mill-Kumitat tal-Organizzazzjonijiet li Jisponsorjaw tal-Kummissjoni Treadway.

⁽³³⁾ Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni mill-Kummissarju Oettinger – Reviżjoni tal-qafas ta' kontroll intern ([C\(2017\) 2373](#)).

⁽³⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 li tistabbilixxi l-arranġamenti meħtieġa għall-amministrazzjoni tal-operazzjonijiet mutwatarji skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 u għall-operazzjonijiet ta' għoti ta' self relatati ma' self mogħti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([C\(2021\) 2502](#)).


Sabiex tikkontribwixxi għall-effettività tal-kontroll intern tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, il-Kummissjoni adottat u ppubblikat **gwida dwar l-evitar u l-maniġjar ta' kunflitti ta' interess** skont ir-regolament finanzjarju⁽³⁵⁾, li tkopri l-metodi kollha tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE (ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża). Il-gwida hija parti mill-isforzi tal-Kummissjoni sabiex tkompli ssaħħaħ il-miżuri bl-għan li tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-UE. Għandha l-għan li tissensibilizza u tippromwovi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar l-evitar ta' kunflitti ta' interess fost il-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, flimkien ma' kwalunkwe persuna involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE. Wara l-pubblikazzjoni tal-gwida, il-Kummissjoni kienet qiegħda twettaq azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u preżentazzjonijiet immirati lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lil networks ta' esperti relatati, u lin-networks speċjalizzati interni tagħha. Tali azzjonijiet u preżentazzjonijiet immirati se jkomplu jsiru matul l-2022 u lil hinn minnha.

1.3.2. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni jivvalutaw is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom bħala effettivi minkejja l-persistenza tal-pandemija tal-COVID-19

Għall-2021, il-prinċipji ta' kontroll intern huma rrispettati u qegħdin jiffunzjonaw tajjeb. Il-valutazzjoni mwettqa tikkonferma li d-dipartimenti tal-Kummissjoni għamlu sforzi kontinwi sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet (essenzjalment minuri) identifikati fl-2020. Dawn l-isforzi kellhom impatt pożittiv l-aktar fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju, li l-Kummissjoni tathom attenzjoni kbira, b'mod partikolari fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID u tal-isfidi speċifiċi tal-politika affaċċjati matul dawn l-añħar diversi snin.

⁽³⁵⁾ L-avviż tal-Kummissjoni – Gwida dwar l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ġestjoni tagħhom skont ir-Regolament Finanzjarju ([2021/C 121/01](#)).

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li, għal xi prinċipji ta' kontroll intern, għad hemm lok għal titjib minuri, u fi ftit każijiet, għal titjib maġġuri. Dan jikkonċerna prinċipalment l-attivitajiet ta' kontroll, fejn il-valutazzjoni hija marbuta l-aktar mar-riżultati tal-kontroll (jiġifieri r-rati ta' żball residwu oġġla minn 2 %) jew mas-sejbiet tal-awditjar (eż. dewmien fit-tlestija tal-valutazzjonijiet tal-pilastru fil-ġestjoni indiretta – ara wkoll ir-riżultati tal-kontroll għall-intestatura 6).



Valutazzjoni tal-funzjonament tas-17-il prinċipju ta' kontroll intern: in-numru ta' dipartimenti tal-Kummissjoni li rrapportaw li l-prinċipji ta' kontroll intern ġew irrisspettati u ffunzjonaw tajjeb fl-2020 u fl-2021.
Sors: Ir-rapporti annwali tal-attività tal-Kummissjoni Ewropea.


Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi qegħdin jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati. Barra minn hekk, fl-2021 reġgħu ġew stabbiliti inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, bħall-“gimġha ta' sensibilizzazzjoni” organizzata b'mod konġunt mill-aġenziji eżekuttivi. Flimkien mal-iskambju regolari ta' prattiki ta' kontroll intern tajbin, dan jikkontribwixxi għaż-żamma ta' kultura ta' kontroll intern b'saħħitha madwar l-istituzzjoni.

1.4. L-istrategġji ta' kontroll pluriennali jiżguraw li l-flus tal-kontribwenti jintefqu sewwa

1.4.1. L-istrategġji ta' kontroll huma pluriennali u differenzjati għar-riskju

Fi hndan is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni, bħala maniġers tal-baġit tal-UE, jimplimentaw **strategġji ta' kontroll pluriennali** mfaslin sabiex **jipprevjenu** l-iżbalji u, jekk ma jkunx possibbli li jiġu evitati l-iżbalji, **jidentifikawhom** u **jikkoreġuhom**. Jeħtieġ li jibnu l-aċċertament tagħhom minn **isfel għal fuq** u **f'dettall**, jiġifieri skont il-programm jew segment rilevanti ieħor tan-nefqa. Dan jippermetti lill-Kummissjoni **tidentifika dgħufijiet** u żbalji b'mod dettaljat u differenzjat għal kull programm jew segment tan-nefqa, sabiex **tidentifika l-għeruq ta' dak li jikkawża** l-iżbalji sistemiċi (eż. il-kompleksità tar-regoli f'ċerti oqsma ta' politika, bħar-riċerka u l-koeżjoni), sabiex **jittieħdu azzjonijiet korrettivi mmirati** u sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe tagħlimiet meħudin jintużaw sabiex jittejjbu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u jitqiesu fit-tfassil ta' programmi finanzjarji futuri.

Il-programmi ta' nfiq tal-UEv huma **pluriennali** skont it-tfassil, u hekk ukoll l-istrategġiji ta' kontroll relatati. Dan jimplika li d-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji jistgħu jseħħu fi kwalunkwe żmien sal-punt tal-għeluq fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja ta' programm. Barra minn hekk, l-istrategġiji ta' kontroll huma **differenzjati skont ir-riskji**, jiġifieri huma aġġustati għall-modi differenti ta' ġestjoni, għall-atturi involuti, għall-oqsma ta' politika u/jew għall-arranġamenti ta' finanzjament u għar-riskji assoċjati rispettivi tagħhom.



Iċ-ċiklu pluriennali ta' kontroll tal-Kummissjoni Ewropea. Għar-riżultati tal-2021 imsemmijin fiċ-ċrieki, ara t-taqsima 2.1. Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

1.4.2. Il-prevenzjoni hija l-ewwel difiża kontra l-iżbalji

Il-mekkaniżmi preventivi ewlenin tal-Kummissjoni jikkonsistu f'kontrolli u f'awditi *ex ante* (ara l-Anness 5 fil-Volum III), inklużi verifiki tal-ġestjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri qabel u wara li jiddikjaraw in-nefqa lill-Kummissjoni taħt ġestjoni kondiviża, kif ukoll awditi tas-sistemi kkomplementati minn awditi ta' kampjuni rappreżentattivi tal-operazzjonijiet sabiex jiġu identifikati d-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-sħab ta' implimentazzjoni. Dawn il-kontrolli preventivi jwasslu għar-rifjut ta' ammonti ineliġibbli qabel ma l-Kummissjoni tagħmel pagamenti (finali) u għall-interruzzjoni u għas-sospensjoni tal-pagamenti sakemm jiġu jissewwew in-nuqqasijiet fis-sistemi. Barra minn hekk, il-gwida pprovduta lill-benefiċjarji u lis-sħab ta' implimentazzjoni tgħin ukoll sabiex jiġu evitati l-iżbalji.

Taħt ġestjoni kondiviża, il-korrezzjonijiet implimentati mill-Istati Membri, qabel ma jissottomettu l-pretensjonijiet tal-kostijiet tagħhom, jirriżultaw mill-kontrolli u mill-awditi, inklużi awditi tas-sistemi u tal-operazzjonijiet li huma jwettqu *ex ante* u *ex post* fil-livell tagħhom. Korrezzjonijiet bħal dawn jiġu applikati l-aktar permezz ta' tnaqqis tan-nefqa ineliġibbli minn pretensjonijiet għal pagamenti lill-Kummissjoni jew kontijiet iċċertifikati.

L-ammonti kkoreġuti fil-livell tal-Istati Membri jistgħu jerġgħu jintużaw, f'ċerti ċirkostanzi. Dan iservi bħala inċentivi għall-Istati Membri sabiex jikkoreġu nefqa irregolari qabel ma jissottomettu l-pretensjonijiet tal-kostijiet tagħhom lill-Kummissjoni.

1.4.3. Id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji jikkomplementaw il-prevenzjoni

Meta l-mekkaniżmi ta' prevenzjoni ma kinux effettivi, huwa importanti li l-iżbalji li jaffettwaw in-nefqa tal-UE jiġu identifikati *a posteriori*, permezz ta' kontrolli *ex post* li l-Kummissjoni twettaq fuq l-ammonti li tkun aċċettat u ħallset (ara l-Anness 5 fil-Volum III). Imbagħad dawn l-iżbalji jiġu kkoreġuti mill-Kummissjoni matul l-istess sena jew fis-snin sussegwenti, permezz ta' rkupri jew permezz ta' tpaċija mill-benefiċjarji finali taħt **ġestjoni diretta u indiretta jew mill-Istati Membri taħt **ġestjoni kondiviża**.**

Fir-rigward tal-agrikoltura, il-biċċa l-kbira tal-korrezzjonijiet finanzjarji jikkorrispondu għal każijiet li fihom ġew identifikati żbalji sistemiċi u ġew applikati korrezzjonijiet għan-nefqa rilevanti għal aġenzija tal-pagamenti jew għal programm operazzjonali partikolari. Dawn jirrigwardjaw prinċipalment nuqqasijiet li jaffettwaw il-pagamenti li saru fis-snin preċedenti.

Fir-rigward tal-koeżjoni, il-livell ta' tali korrezzjonijiet tal-Kummissjoni huwa spjegat mill-fatt li l-biċċa l-kbira tal-korrezzjonijiet huma implimentati mill-Istati Membri, inklużi dawk tal-iżbalji li jinstabu mill-Kummissjoni, mill-Qorti tal-Awdituri u mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Dan jippermetti lill-Istat Membru juża mill-ġdid l-ammonti korrispondenti għan-nefqa eliġibbli. Jekk is-sistemi ta' kontroll jaħdmu kif suppost fil-livell tal-Istati Membri, il-ħtieġa għal korrezzjonijiet fil-livell tal-Kummissjoni hija ħafna aktar limitata u, għalhekk, in-numru ta' tali korrezzjonijiet huwa aktar baxx.

Barra minn hekk, id-dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll, identifikati permezz ta' awditi bbażati fuq ir-riskju u/jew tas-sistemi, jiġu indirizzati wkoll, u s-sistemi jiġu kkoreġuti. Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża u indiretta, dan isir fl-ewwel lok mill-Istati Membri u mis-sħab ta' implimentazzjoni. Għal aktar informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-UE, ara l-Anness 5 fil-Volum III.

1.4.4. Kapaċità korrettiva għall-fondi tal-UE

FI-2021, il-kapaċità korrettiva għall-fondi ġestiti mill-Kummissjoni tikkorrispondi għaż-żieda ta':

- il-korrezzjonijiet implimentati mill-Istati Membri qabel ma jissottomettu l-pretensjonijiet tal-kostijiet tagħhom, li jammontaw għal EUR 4 557 miljun;
- ir-riżultat tal-miżuri preventivi implimentati mill-Kummissjoni permezz ta' tnaqqis u permezz ta' aġġustamenti oħrajn qabel il-pagament/l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, li jammontaw għal EUR 298 miljun;

- il-korrezzjonijiet implimentati mill-Kummissjoni wara l-ħlas/l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni, li jammontaw għal EUR 765 miljun.

In-numru ta' korrezzjonijiet implimentati wara l-ħlas mill-Kummissjoni naqas meta mqabbel mal-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti, l-aktar minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-sistema ta' aċċertament f'diversi livelli u l-kontijiet tal-programmi annwali introdotti fl-2014-2020 għall-koeżjoni, meta l-korrezzjonijiet jiġu implimentati l-aktar mill-Istati Membri irrispettivament minn jekk l-iżbalji korrispondenti jkunux ġew identifikati minnhom jew mill-Kummissjoni⁽³⁶⁾. Fl-2021, il-korrezzjonijiet deċiżi mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-awditi u tal-kontrolli tagħha stess ammontaw għal EUR 193 miljun. Il-kapaċità korrettiva ġenerali żdiedet meta mqabbla mal-2020, meta kienet affettwata mill-effett ta' darba tar-rimborżi magħmulin lill-Istati Membri wara s-sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatati mal-fondi agrikoli (għal aktar dettalji, ara l-Anness 5 fil-Volum III).

1.5. Ġlieda kontra l-frodi: l-istrategġija Ewropea kontra l-frodi

Il-Kummissjoni għandha tolleranza żero għall-frodi. Għandu jiġi enfasizzat li l-frodi tirrappreżenta parti limitata ħafna tal-infiq irregolari, li ħafna minnu huwa relatat ma' żbalji.

Il-Kummissjoni għamlet progress tajjeb fl-istrategġija korporattiva tagħha kontra l-frodi. Skont l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jipproteġu l-baġit tal-UE kontra frodi u attivitajiet illegali oħrajn. L-istrategġija korporattiva kontra l-frodi kurrenti, adottata f'April 2019, u l-pjan ta' azzjoni tagħha, għandhom rwol sinifikanti fil-prevenzjoni tal-użu ħażin possibbli tal-flus tal-UE. L-OLAF jissorvelja l-implimentazzjoni tagħha. Sa Novembru 2021, sar progress tajjeb, b'47 mit-63 azzjoni li tlestew u bil-maġġoranza l-kbira tal-azzjonijiet li fadal li huma mistennijin jitlestew sa nofs l-2022.

F'konformità mal-istrategġija tagħha kontra l-frodi, il-Kummissjoni saħħet il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tan-*Network għall-Prevenzjoni u għad-Detezzjoni tal-Frodi*, li jiġbor flimkien il-korrispondenti kontra l-frodi tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi taħt it-tmexxija tal-OLAF. F'dan il-kuntest, fl-2021 13-il servizz tal-Kummissjoni aġġornaw l-istrategġiji lokali tagħhom kontra l-frodi f'kooperazzjoni mal-OLAF. Sa tmiem l-2021, 90 % tal-istrategġiji lokali kollha kontra l-frodi kienu ġew aġġornati sa mill-adozzjoni tal-istrategġija tal-Kummissjoni kontra l-frodi fl-2019.

Attivitajiet sinifikanti oħrajn fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi fl-2021 kienu jinkludu t-tnedija ta' studju dwar il-futur tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet. L-Istati Membri jużaw din is-sistema sabiex jirrapportaw każijiet ta' frodi u irregolaritajiet oħrajn identifikati f'ġestjoni kondiwiża. Il-Kummissjoni tuża din l-informazzjoni sabiex tiżviluppa r-rapport annwali tagħha dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni adottat ir-rapport tagħha tal-2020 f'Settembru 2021⁽³⁷⁾.

Fl-2021, l-OLAF kompli jwettag ukoll attivitajiet investigattivi, billi rrapporta dwarhom fir-rapporti annwali tiegħu⁽³⁸⁾.

⁽³⁶⁾ Din tikkorrispondi għall-istruttura l-ġdida fl-2014-2020 meta mqabbla mal-perjodu preċedenti.

⁽³⁷⁾ Għal aktar informazzjoni, ara r-[rapporti annwali dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE](#).

⁽³⁸⁾ Għal aktar informazzjoni, ara r-[rapporti annwali tal-OLAF](#).

Ġlieda kontra l-frodi fil-prattika: il-protezzjoni tal-UE minn offerti foloz ta' vaċċini kontra l-COVID-19

L-iscammers jaħtfu kwalunkwe opportunità sabiex jagħmlu profitt illeċitu. Sa mill-bidu tal-pandemija, l-OLAF innota kif il-frodaturi kienu qegħdin jippruvaw jieħdu vantaġġ mill-urġenza tas-sitwazzjoni u minnuqqas inizjali ta' tagħmir ta' sikurezza personali, a skapitu tas-saħħa u tas-sikurezza tan-nies fl-Ewropa. L-operaturi frawdolenti ppruvaw jinfiltraw is-suq tal-UE b'maskri, b'kittijiet tal-ittejtjar, b'diżinfettanti u bi prodotti oħra relatati mal-COVID-19 foloz jew ta' standard inferjuri. Il-ħidma tal-OLAF sabiex dawn jiġu miġġielda komplet fl-2021, u sa tmiem is-sena tneħħew aktar minn 100 miljun prodott falz jew ta' standard inferjuri.

Hekk kif ġew żviluppanti vaċċini kontra l-COVID-19, l-investigaturi tal-OLAF baqgħu attenti għal tentattivi ġodda possibbli ta' frodi. Fi Frar 2021, l-OLAF ħareġ twissija pubblika ċarissima kontra scams possibbli relatati mal-vaċċini kontra l-COVID-19. L-OLAF kien qiegħed jirċievi informazzjoni minn sorsi governattivi fl-Istati Membri tal-UE dwar offerti minn intermedjarji allegati sabiex ibigħu kwantitajiet kbar ta' vaċċini, l-aktar tat-tip approvat għall-użu fl-UE.

L-għan tal-frodaturi – kif stabbilixxa l-OLAF – kien li jikkonvinċu lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jagħmlu depożiti kbar sabiex jiżguraw il-bejgħ, u sabiex jaħarbu bil-flus. L-intermedjarji rrappreżentaw kumpaniji opportunistiċi li kienu inattivi sa f'it qabel l-offerti tagħhom, jew li qabel kienu qegħdin jinneozjaw f'tipi differenti ħafna ta' oġġetti. Dawn il-kumpaniji spiss kienu jinsabu f'pajjiżi mhux tal-UE sabiex jagħmlu l-identifikazzjoni tagħhom aktar diffiċli u jagħmluha aktar diffiċli li jiġu investigati.

L-investigaturi tal-OLAF wettqu l-immappjar tas-sitwazzjonijiet, stabbilew in-natura suspettuża tagħhom u qasnu l-informazzjoni mal-Istati Membri u mal-Europol. Fejn neċessarju, l-OLAF ħadem ukoll flimkien mas-sħab internazzjonali tiegħu.

Sal-lum, dawn it-tentattivi ta' qerq jew offerti foloz flimkien jirrappreżentaw kważi 1,2 biljun doċa ta' vaċċin bi prezz totali ta' domanda ta' aktar minn EUR 16,4-il biljun. In-numru ta' rapporti bħal dawn żdied b'mod rapidu fil-ġimgħat ta' wara t-twissija tal-OLAF, iżda eventwalment stabbilizza ruħu hekk kif ix-xejriet inkixfu bħala t-tentattivi ta' frodi li fil-fatt kienu.

Minkejja l-pandemija kontinwa, l-investigazzjonijiet u l-operazzjonijiet kontra l-frodi ma waqfux ma' prodotti relatati mal-COVID-19, u varjaw minn xorb alkoħoliku falz sa ġugarelli perikolużi, u mill-kummerċ illeċitu ta' gassijiet li jagħmlu ħsara lill-klima sal-kuntrabandu tal-iskart. Bħal kull sena, l-OLAF skopra wkoll diversi każijiet ta' frodi mmirati lejn fondi tal-UE, bi skemi transfruntiera kumplessi li ppruvaw jisirqu mijiet ta' miljuni ta' euro mill-kontribwenti tal-UE.

Il-prevenzjoni u s-sanzjonar tal-frodi komplew ukoll permezz tas-**sistema ta' identifikazzjoni bikrija u ta' esklużjoni (EDES)**, li tippermetti d-detezzjoni bikrija ta' operaturi ekonomiċi mhux affidabbli u l-esklużjoni tagħhom mill-implimentazzjoni ta' fondi tal-UE taħt ġestjoni diretta u indiretta. Il-proċedimenti tal-EDES huma bbażati fuq informazzjoni miġbura permezz ta' awditi u permezz ta' kontrolli mwettqin mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni, permezz ta' sentenzi finali jew permezz ta' deċiżjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet nazzjonali, permezz ta' deċiżjonijiet minn organizzazzjonijiet internazzjonali u, fil-biċċa l-kbira, permezz ta' investigazzjonijiet tal-OLAF. L-EDES taħdem fuq il-bażi ta' interazzjoni b'saħħitha u produttiva bejn l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni responsabbli u l-bord tal-EDES.

L-2021 kienet ikkaratterizzata minn xejra stabbli fil-każijiet sottomessi lill-panel interistituzzjonali tal-EDES għal sanzjonijiet amministrattivi possibbli (jiġifieri esklużjoni u/jew penali finanzjarji u, fejn applikabbli, il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet). Dawn jiġu ddeterminati f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità (jiġifieri b'kunsiderazzjoni tas-serjetà tas-sitwazzjoni, inkluż l-impatt fuq l-interessi finanzjarji u fuq l-immagħni tal-UE; iż-żmien li għadda mindu seħħet l-imġiba ħażina; id-durata u r-rikorrenza tal-imġiba ħażina; il-grad ta' intenzjoni ħażina jew ta' negliġenza; u l-ammont inkwistjoni).

1.6. Implimentazzjoni tar-reġim ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE

Sa mill-adozzjoni tar-regolament dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE f'Diċembru 2020⁽³⁹⁾, l-UE, għall-ewwel darba, għandha għodda speċifika sabiex tiproteġi l-baġit tagħha minn ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt.

Ir-regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u jikkomplementa proċeduri oħrajn stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-UE għall-protezzjoni tal-baġit. Għandu l-għan li jiproteġi l-baġit tal-UE kontra ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jaffettwa jew li jirriskja serjament li jaffettwa l-ġestjoni finanzjarja tajba tiegħu jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Kummissjoni ilha minn Jannar 2021 tivvaluta l-informazzjoni disponibbli sabiex tidentifika ksur possibbli rilevanti skont ir-regolament. F'Novembru 2021, intbagħtu ittri lil żewġ Stati Membri, l-Ungerija u l-Polonja, li fihom intalbet informazzjoni li tkun tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont ir-regolament. F'April 2022, il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel notifika lill-Ungerija skont ir-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità, li nediet il-proċedura li tista' twassal għall-impożizzjoni ta' miżuri kontra Stat Membru għal ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt. Għal aktar żviluppi dwar l-implimentazzjoni tar-reġim ta' kondizzjonalità, ara t-Taqsima 4.

⁽³⁹⁾ [Ir-Regolament \(UE, Euratom\) 2020/2092](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1.

2.1. Ir-riżultati tal-kontroll tal-Kummissjoni jikkonfermaw li l-baġit tal-UE huwa protett sewwa

Fuq il-bażi tal-awditi u tal-kontrolli mwettqin, kull sena d-dipartimenti tal-Kummissjoni jistmaw il-livell ta' riskju għal-legalità u għar-regolarità tal-infiq tal-UE f'żewġ stadji fiċ-ċiklu ta' kontroll pluriennali: fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq tal-programmi.


Riżultati ġenerali għall-2021

Riskju fil-waqt tal-pagament: **1,9 %**.

Riskju fl-għeluq: **0,8 %**.

Korrezzjonijiet għal pagamenti tal-passat: **EUR 5,6 biljun**.

Riżervi: **16, b'impatt finanzjarju totali ta' EUR 987 miljun**.



Ir-riskju fil-waqt tal-pagament huwa stima tal-iżbalji li ma setgħux jiġu evitati minkejja l-kontrolli *ex ante* u li jaffettwaw il-pagamenti magħmulin. Dawn l-iżbalji jinstabu permezz ta' kontrolli u permezz ta' awditi *ex post*. Ir-riskju fl-għeluq huwa stima tal-iżbalji li se jibqgħu fit-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tal-programmi ladarba jkunu saru l-kontrolli u l-korrezzjonijiet *ex post* kollha. Dan huwa ugwali għar-riskju fil-waqt tal-pagament nieqes stima konservattiva tal-korrezzjonijiet futuri, li se jseħħu bejn is-sena ta' rapportar u t-tmiem taċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm.

Il-Kummissjoni tqis li l-baġit huwa protett b'mod effettiv meta, sa mhux aktar tard mill-għeluq tal-programmi – jiġifieri meta jkunu ġew implimentati l-kontrolli, il-korrezzjonijiet, l-irkupri, eċċ. kollha – ir-riskju fl-għeluq ikun anqas minn 2 %. Dan huwa l-livell limitu ta' materjalità użat ukoll mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Għal aktar dettalji dwar dawn il-kunċetti u l-metodoloġija użata sabiex jiġu ddeterminati dawn l-istimi, flimkien mar-riżultati tal-kontrolli għal kull qasam ta' politika, ara l-Anness 5.

Għall-2021, ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq kumplessivi tal-Kummissjoni għadhom allinjati mal-2020, peress li t-tnejn jinsabu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %.


Is-sitwazzjoni għal kull qasam ta' politika hija deskritta hawn taħt.

L-2021 kienet sena ta' tranżizzjoni, bit-tnejdja uffiċjali tal-programmi l-ġodda għall-perjodu 2021-2027 filwaqt li l-programmi preeżistenti kienu għadhom għaddejnin.

Billi r-*Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni u l-Prestazzjoni għall-Baġit tal-UE* huwa sommarju tal-51 rapport annwali tal-attività, kull wieħed minnhom huwa allokat fl-intier tiegħu għal waħda mis-seba' intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali (li kienu sitt "oqsma ta' politika" fl-edizzjonijiet preċedenti tar-rapport annwali dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni). Għad-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u għall-Ispazju, meta titqies l-importanza ta' dan id-dipartiment taħt l-intestatura "Sigurtà u difiża", in-nefqa rilevanti għad-difiża u għas-sigurtà ġiet iżolata min-nefqa l-oħra ta' dan id-direttorat u tressqet taħt l-intestatura rilevanti. Għal finijiet ta' tqabbil, ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq għal kull intestatura għas-snin preċedenti ġew ikkalkolati mill-ġdid fuq il-bażi ta' din l-istruttura l-ġdida.

2.1.1. Preżentazzjoni tan-nefqa b'riskju aktar baxx, medju u ogħla

Il-Kummissjoni tidentifika liema programmi għandhom riskju ogħla, li jippermettilha tiffoka l-azzjoni tagħha fejn tkun l-aktar mistħoqqa. Minħabba l-approċċ empiriku fil-fond tagħha, il-Kummissjoni għandha *data* affidabbli li turi s-sitwazzjoni diversifikata tal-fondi ġestiti (ara ċ-ċart ta' hawn taħt). Fuq il-bażi tar-**riskju fil-waqt tal-pagament** – qabel ma tiġi implimentata kwalunkwe korrezzjoni futura – il-Kummissjoni tista' taqsam in-nefqa annwali b'mod preċiż f'riskju aktar baxx fil-waqt tal-pagament (meta r-riskju jkun anqas minn 1,9 %), f'riskju medju fil-waqt tal-pagament (bejn 1,9 % u 2,5 %) u f'riskju ogħla fil-waqt tal-pagament (aktar minn 2,5 %). Għar-riżorsi naturali u għall-koeżjoni, din l-analiżi tiġi applikata wkoll fil-livell ta' aġenziji tal-pagamenti u tal-programmi operazzjonali individwali fl-Istati Membri. Din tippermetti lill-Kummissjoni tidentifika liema programmi/segmenti tan-nefqa huma ta' riskju ogħla u ttiprovdi l-appoġġ tagħha b'mod effiċjenti u tindirizza dgħufijiet speċifiċi anke għal politiki li, meqjusin b'mod kumplessiv, ikunu ta' riskju aktar baxx, bħall-politika agrikola komuni.



Il-kategorizzazzjoni tan-nefqa tal-Kummissjoni Ewropea f'segmenti ta' riskju ogħla; medju u aktar baxx, bħala perċentwali tat-total tan-nefqa rilevanti għall-2021.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea.

Għalhekk, in-nefqa tal-Kummissjoni hija maqsuma f'kategoriji ta' riskju aktar baxx, medju u ogħla kif ġej.

- Riskju aktar baxx.** Dan is-segment ammonta għal EUR 95 biljun fl-2021 (55 % tan-nefqa, simili għas-56 % tas-sena l-oħra). Dan jinkludi n-nefqa ta' xi aġenziji tal-pagamenti għall-politika agrikola komuni, flimkien mal-programmi operazzjonali għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-koeżjoni b'riskju aktar baxx fil-waqt tal-pagament; in-nefqa relatata mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie; l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka; il-kontribuzzjonijiet lill-aġenziji (l-Aġenzija Spazjali Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali, eċċ.); Erasmus+; l-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza; il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; il-Fond għas-Sigurtà Interna; l-għajnuna umanitarja; l-għajnuna għall-iżvilupp mogħtija permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u nefqa amministrattiva.
- Riskju medju.** Dan ammonta għal EUR 39 biljun fl-2021 (23 % tan-nefqa meta mqabbel ma' 16 % fl-2020). Dan jinkludi n-nefqa ta' xi aġenziji tal-pagamenti għall-politika agrikola komuni u għall-programmi operazzjonali għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-koeżjoni b'riskju medju fil-waqt tal-pagament; għotjiet fi programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp u tal-viċinat; u n-nefqa taħt Orizzont 2020. Għal dan tal-aħħar, dan huwa titjib meta mqabbel mas-snin preċedenti, meta din in-nefqa kienet riskju ogħla, u dawn ir-riżultati pożittivi jkollhom jiġu kkonfermati fis-snin li ġejjin.

- **Riskju ogħla.** Dan ammonta għal EUR 38 biljun fl-2021 (22 % tan-nefqa meta mqabbel ma' 28 % fl-2020). Dan jinkludi n-nefqa ta' xi aġenziji tal-pagamenti għall-politika agrikola komuni; il-programmi operazzjonali għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u għall-koeżjoni b'riskju ogħla fil-waqt tal-pagament jew b'nuqqasijiet serji⁽⁴⁰⁾; u n-nefqa relatata ma' għotjiet kumplessi fi programmi oħrajn ta' finanzjament (pereżempju l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – Enerġija).

Mill-analiżi dettaljata tal-Kummissjoni, jidher li l-livell ta' żball huwa relatat mill-qrib man-natura tal-finanzjament. Il-maġġoranza tal-programmi jew tas-segmenti tan-nefqa, li jikkorrispondu għal aktar minn 50 % tan-nefqa rilevanti tas-sena, għandhom riskju pjuttost aktar baxx fil-waqt tal-pagament minħabba li jinkludu pagamenti sempliċi bbażati fuq l-intitolamenti. Min-naħa l-oħra, xi programmi jew segmenti tan-nefqa li fihom jintużaw skemi pjuttost kumplessi bbażati fuq ir-rimborż, jidhru b'riskju relattivament ogħla fil-waqt tal-pagament. Minkejja dan, is-sistemi ta' kontroll fis-seħħ jippermettu li r-riskji relatati ma' xi wħud mill-programmi l-aktar kumplessi jiġu mmitigati u, b'riżultat ta' dan, jitnaqqas il-livell ta' riskju fil-waqt tal-pagament.

Il-Kummissjoni qiegħda timmonitorja mill-qrib ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq għall-programmi u qiegħda tiegħu azzjoni ulterjuri sabiex tnaqqas ir-rati ta' żball. Għall-kategoriji ta' riskju medju u ogħla b'mod partikolari, il-Kummissjoni tkompli taħdem lejn tnaqqis ulterjuri fir-rati ta' żball billi żżid is-sensibilizzazzjoni tal-benefiċjarji u tas-sħab ta' implimentazzjoni dwar kwistjonijiet, taġġusta l-istrategġiji ta' kontroll fejn neċessarju, tapplika t-tagħlimiet meħudin għal programmi futuri u tissimplifika r-regoli kull fejn ikun possibbli.

2.1.2. Riżultati tal-kontroll skont il-qasam ta' politika

Intestatura 1 – Suq uniku, innovazzjoni u diġitali

Għas-**"Suq uniku, innovazzjoni u diġitali"**, kemm ir-riskju fil-waqt tal-pagament (1,3 %) kif ukoll ir-riskju fl-għeluq (1,0 %) huma ferm anqas minn 2 % u qegħdin jonqsu meta mqabblin mal-2020, b'1,7 % u b'1,3 % rispettivament. Fl-2021, il-**miżuri preventivi u korrettivi tal-Kummissjoni ammontaw għal EUR 162 miljun** – EUR 142 miljun preventivi u EUR 20 miljun korrettivi, allinjati mal-ammonti fl-2020, li kienu EUR 146 miljun u EUR 26 miljun rispettivament.

It-tnaqqis fir-riskju fil-waqt tal-pagament u fl-għeluq meta mqabbel mal-2020 u mal-2019 huwa dovut għat-tnaqqis fir-rati ta' żball għal Orizzont 2020. **Orizzont 2020** jirrappreżenta 44 % tan-nefqa f'dan il-qasam ta' politika, u konsegwentement ir-riskju tiegħu fil-waqt tal-pagament (2,3 %) jikkontribwixxi sostanzjalment għar-riskju ġenerali relatat mal-pagament. Għal diversi snin, id-dipartimenti tar-riċerka kienu qegħdin jiefdu azzjoni sabiex iġibu r-riskju fl-għeluq kemm jista' jkun qrib jew anqas minn 2 %⁽⁴¹⁾. Għall-ewwel darba, l-objettiv intlaħaq.

⁽⁴⁰⁾ Fil-każ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Fond ta' Koeżjoni u tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-livell ta' riskju tqies għoli wkoll, irrispettivament mir-riskju fil-waqt tal-pagament, meta l-opinjoni tal-awditjar maħruġa fir-rapporti annwali tal-attività dwar il-funzjonament tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programmi operazzjonali kienet avversa jew inkella kwalifikata.

⁽⁴¹⁾ Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li takkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għar-regolament dwar Orizzont 2020 tiddikjara dan li ġej: "Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li, fir-rigward tal-infiq fuq ir-riċerka taħt l-Orizzont 2020, riskju ta' żball, fuq bażi annwali, f'medda bejn 2 u 5 % huwa objettiv realistiku li jqis l-ispejjeż tal-kontrolli, il-miżuri ta' simplifikazzjoni proposti biex titnaqqas il-kumplessità tar-regoli u r-riskju inerenti relatat assoċjat mal-ispejjeż ta' rimborż tal-proġett ta' riċerka. L-għan aħħari għal-livell residwu ta' żbalji fl-

intestatura, ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq huma fil-biċċa l-kbira relatati mal-livell osservat għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni⁽⁴⁶⁾, minħabba l-volum tan-nefqa rilevanti (madwar 94 % tat-total). L-Istati Membri implimentaw korrezzjonijiet finanzjarji għal ammont ta' EUR 3 763 miljun⁽⁴⁷⁾. Dan jinkludi miżuri preventivi u korrettivi li jirriżultaw, minn naħa, mill-ħidma tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar u, min-naħa l-oħra, mill-ħidma tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Il-Kummissjoni implimentat miżuri preventivi u korrettivi għal ammont totali ta' EUR 118-il miljun, inklużi EUR 84 miljun f'korrezzjonijiet finanzjarji netti.

Għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni, minkejja l-isforzi kontinwi u t-titjib fil-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għadu materjali. Huwa stmat li huwa fil-medda ta' bejn **1,8 % u 2,5 %**⁽⁴⁸⁾ ⁽⁴⁹⁾, **simili għall-2020** (1,9 % sa 2,4 %). Il-korrezzjonijiet futuri stmati huma wkoll komparabbli mal-2020 u, għalhekk, **ir-riskju fl-għeluq għadu stabbli għal 1,2 %**.

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni juru tnaqqis fir-riskju fil-waqt tal-pagament, minn medda ta' 2,1 % sa 2,6 % fl-2020 għal medda ta' 1,9 % sa 2,5 % fl-2021. Dan it-tnaqqis huwa attribwit għat-titjib fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għal numru ta' programmi.

Il-Fond Soċjali Ewropew jippreżenta medda simili ta' riskju fil-waqt tal-pagament fl-2021, minn 1,7 % sa 2,5 %, li tirrappreżenta żieda minn medda ta' 1,4 % sa 1,9 % fl-2020. Din iż-żieda hija dovuta għall-approċċ prudenti segwit mill-Kummissjoni għal numru ta' programmi li għalihom ir-rati ta' żball irrapportati żdiedu sakemm tingħata informazzjoni definittiva.

L-2021 kienet l-ewwel sena tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid. Madankollu, ir-regolament dwar id-dispożizzjonijiet komuni għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027 ġie adottat f'Ġunju. Peress li l-Istati Membri issa qegħdin jaħdmu fuq it-tnejja tal-programmi tagħhom u, għall-aktar avvanzati, għadhom kif bdew bl-għażla tal-proġetti, ma huwa mistenni l-ebda pagament għajr il-prefinanzjament għal diversi snin.

Minkejja l-isforzi kontinwi u t-titjib fil-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għall-koeżjoni għadu oġġla mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 %. Dan huwa prinċipalment dovut għall-kumplessità inerenti tal-proġetti ffinanzjati minn dawn il-fondi, għall-bosta atturi kkonċernati u għad-diffikultà li jiġu indirizzati xi regoli kumplessi b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist jew tal-għajjuna mill-Istat.

Il-kategoriji ewlenin ta' irregolaritajiet identifikati mill-awtoritajiet tal-awditjar tal-Istati Membri u mill-Kummissjoni huma simili għal dawk identifikati mill-Qorti tal-Awdituri: nefqa ineliġibbli, żbalji fl-akkwist pubbliku, nuqqasijiet fir-rendikonti tal-entrati u n-nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn essenzjali. Dan juri li **l-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-awditjar jidentifikaw** b'mod xieraq, iżda mhux dejjem kompletament, **id-diversi tipi ta' irregolaritajiet** li jikkontribwixxu għar-riskju fil-waqt tal-pagament⁽⁵⁰⁾.

⁽⁴⁶⁾ Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva Favur l-Impjeg taż-Żgħażaġġ, il-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.

⁽⁴⁷⁾ Korrezzjonijiet finanzjarji għall-2007 – 2013 u nefqa mnaqqsa mill-kontijiet għall-perjodu 2014, ara wkoll il-Volum II, l-Anness 5, it-Taqsima 5.4.

⁽⁴⁸⁾ Il-valur massimu tal-medda jiġi ddeterminat fil-waqt li jitqies l-aġġar xenarju possibbli fid-dawl tal-proċeduri ta' awditjar li jkun għaddejjin.

⁽⁴⁹⁾ Dan huwa fi ħdan il-medda tal-livell ta' żball ta' bejn 0,9 % u 6,1 % stmata mill-Qorti tal-Awdituri fir-[rapport annwali tagħha tal-2020](#) (Anness 5.1, p. 154). Il-livell oġġla ta' żball stmat mill-Qorti xi drabi jista' jkun spjegat mid-diverġenzi fl-interpretazzjoni tar-regoli nazzjonali jew fil-metodu użat sabiex jiġi ddeterminat l-ammont ta' żball.

⁽⁵⁰⁾ Din il-valutazzjoni hija kkonfermata mill-istudju riċenti "Single audit approach – Root causes of the weaknesses in the work of the Member States' managing and audit authorities", imwettaq mis-Centre for

Hemm riskji inerenti ta' żball minħabba proġetti u regoli kumplessi. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, id-dgħufijiet identifikati ma jkunux sistemiċi, u bl-azzjoni rimedjali stabbilita, is-sitwazzjoni tas-sistema rilevanti normalment terġa' ssir sodisfaċenti fi żmien sena jew mhux aktar minn sentejn. Barra minn hekk, l-iżbalji jew id-dgħufijiet misjubin fi programm wieħed ma jfissrux li jkunu preżenti żbalji jew dgħufijiet simili kullimkien fl-Istat Membru kkonċernat. Bis-saħħa tar-risultati tal-kontrolli tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, tinkiseb stampa b'sottilezzi speċifiċi u differenzjata skont il-programm u skont l-awtorità. Dan jippermetti lill-Kummissjoni tikkonkludi li **l-biċċa l-kbira tal-programmi jiffunzjonaw tajjeb jew tajjeb biżżejjed**⁽⁵¹⁾, u li **numru limitat ta' programmi jippreżentaw nuqqasijiet sistemiċi u rikorrenti** fuq diversi snin, li fuqhom il-Kummissjoni mbagħad tiffoka l-azzjonijiet tagħha. Fl-aħħar kategorija ta' programmi, dawn jiġu rrapportati b'mod trasparenti fir-riżervi maħruġin.

Fi tmiem l-2021, inħarġu **erba' riżervi** fir-rigward tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

- Żewġ riżervi huma relatati mal-perjodu 2014-2020 u jinkludu l-programmi kollha li, matul is-sena, ippreżentaw dgħufijiet sinifikanti fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom jew li għalihom ir-rata ta' żball kienet ogħla mil-livell limitu ta' materjalità jew, anqas ta' spiss, li għalihom ix-xogħol tal-awditjar fil-livell tal-Istati Membri tqies insuffiċjenti jew mhux sodisfaċenti.
- Żewġ riżervi huma relatati mal-perjodu 2007-2013, li fir-rigward tiegħu għad iridu jingħalqu xi programmi. Ir-riżervi ma humiex kwantifikati minħabba li ma sar l-ebda pagament fl-2021.

In-numru ta' programmi taħt riżerva għall-perjodu 2014-2020 (68) huwa simili għan-numru ta' programmi taħt riżerva fl-2020 (61). L-impatt finanzjarju żdied minn EUR 341 miljun għal EUR 423 miljun, li huwa allinjat maż-żieda fil-pagamenti totali. Ir-riżervi jitneħħew biss ladarba jkunu ttieħdu miżuri korrettivi suffiċjenti. Normalment, ir-raġunijiet għar-riżervi ma jkunux strutturali, u jridu jgħaddu minn sena (1) sa sentejn (2) sabiex titneħħa riżerva⁽⁵²⁾. Għal aktar dettalji dwar ir-riżervi, ara l-Volum III, l-Anness 5.

Il-Kummissjoni tkompli tiegħu azzjoni sabiex tappoġġa lill-awtoritajiet tal-programmi fit-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom u sabiex iġibu r-riskju fl-għeluq għall-koeżjoni taħt it-2 %.

Fl-2021, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, ħadet diversi tipi ta' azzjoni sabiex tkompli ttejjeb l-effettività tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll u sabiex tagħti spinta lill-prevenzjoni, lill-identifikazzjoni u lill-korrezzjoni ta' żbalji, inklużi dawn li ġejjin.

- Monitoraġġ kontinwi, analiżi u indirizzar tal-għeruf ta' dak li jikkawża l-iżbalji li baqgħu ma ġewx identifikati fil-livell tal-Istati Membri.
- Azzjoni ta' bini tal-kapaċità sabiex tittejjeb il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet maniġerjali u tal-awditjar tal-Istati Membri u sabiex dawn jiġu mgħammrin aħjar bl-għan li jittrattaw l-aktar partijiet kumplessi tal-implimentazzjoni tal-fondi. Dan jinkludi, pereżempju, il-provvista, mingħajr ħlas, tal-għodda tal-estrazzjoni tad-*data* ARACHNE sabiex tgħin fl-identifikazzjoni ta'

Strategy & Evaluation Services fuq it-talba tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit. Skont dan l-istudju, "Minkejja n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni u fil-kontroll tan-nefqa tal-UE, b'mod ġenerali, il-ħidma tal-korpi tal-awditjar fl-Istati Membri hija perċepita bħala affidabbli u robusta."


⁽⁵¹⁾ 91 % tal-programmi taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u taħt il-Fond ta' Koeżjoni u 89 % tal-programmi taħt il-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.

⁽⁵²⁾ 78 % tar-riżervi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Fond ta' Koeżjoni u 88 % tar-riżervi tal-Fond Soċjali Ewropew, tal-Inizjattiva Favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn jitneħħew f'anqas minn sentejn (2).

irregolaritajiet, ta' frodi u ta' kunflitti ta' interess possibbli, flimkien mal-professjonalizzazzjoni tal-akkwirenti.

- L-għoti ta' gwida online, ta' eżempji ta' prattika tajba u ta' spjegazzjonijiet, u l-promozzjoni ta' skambji bejn il-pari sabiex jiġu appoġġati l-awtoritajiet kontraenti u tal-programmi.
- Il-promozzjoni ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati, li huma anqas suxxettibbli għal żball, billi jingħataw assistenza u appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex iħejju u jivvalutaw l-iskemi ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati għall-programmi tal-2021-2027. Il-Kummissjoni f'admet bla heda fuq it-tfassil u fuq l-implimentazzjoni ta' proċessi xierqa sabiex tappoġġa dawn il-karatteristiċi l-ġodda, inklużi miżuri sabiex ittejjeb l-użu ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati u ta' finanzjament mhux marbut ma' skemi ta' kostijiet, ta' kontroll u ta' awditi aktar proporzjonati, ta' rapportar aktar ibbażat fuq il-konformità u ta' flessibilità mtejbja sabiex il-programmi jiġu adattati għal kundestri soċjoekonomiċi u territorjali ġodda.

Fir-rigward tas-snin kontabilistiċi preċedenti, wara l-finalizzazzjoni ta' proċeduri kontradittorji stretto, l-Istati Membri implimentaw korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali. Dan wassal għal riskju fl-għeluq ta' anqas minn 2 % għal kull waħda mill-aħħar diversi snin kontabilistiċi, u jikkonferma l-kapaċità korrettiva għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Dan il-perċentwal ikompli jonqos sal-għeluq tal-programmi.



Intestatura 3 – Riżorsi naturali u ambjent

Għal “Riżorsi naturali u ambjent”, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għadu taħt il-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % u, b'livell ta' 1,8 %, naqas meta mqabbel mal-2020 (1,9 %). Il-korrezzjonijiet futuri stmati żdiedu bi ftit għal 1,5 % tan-nefqa tal-2021 (1,4 % fl-2020), li jwassal għal riskju fl-għeluq⁽⁵³⁾ stmat għal 0,3 % (0,5 % fl-2020). Dan jikkorrispondi wkoll għar-riżultati tal-kontrolli għan-nefqa għall-agrikoltura, li jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tan-nefqa f'dan il-qasam ta' politika (98 %), bil-bqija li hija ddedikata għan-nefqa fuq l-affarijiet marittimi u s-sajd⁽⁵⁴⁾, fuq l-ambjent u fuq il-klima.

Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jkomplu jipproteġu l-interessi finanzjarji tal-UE. Fl-2021, il-Kummissjoni wettqet korrezzjonijiet finanzjarji fl-ammont ta' **EUR 631 miljun**. L-Istati Membri implimentaw korrezzjonijiet għal ammont totali ta' **EUR 794 miljun**, inklużi EUR 528 miljun għal żbalji identifikati u kkoreġuti fuq bażi *ex ante* u EUR 266 miljun għal dawk irkuprati *ex post*.

Għall-politika agrikola komuni, ir-riskju fil-waqt tal-pagament kompli x-xejra 'l isfel osservata matul dawn l-aħħar diversi snin. Il-pagamenti diretti taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, li jammontaw għal kważi 70 % tal-pagamenti, raw tnaqqis progressiv fir-riskju fil-waqt tal-pagament minn 1,8 % fl-2018 għal 1,4 % fl-2021. Minħabba regoli kumplessi ta' eliġibbiltà, ir-riskju fil-waqt tal-pagament għadu oġġla mil-livell limitu ta' materjalità għall-iżvilupp rurali u għall-miżuri tas-suq. Hemm ukoll, ir-riskju fil-waqt tal-pagament kompli jonqos, għal 2,9 % u għal 2,1 % rispettivament, bħala

⁽⁵³⁾ Billi ma hemm l-ebda għeluq għall-miżuri tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, fil-qasam tan-nefqa agrikola, ir-riskju fl-għeluq huwa ssostitwit bl-ammont finali f'riskju.

⁽⁵⁴⁾ In-nefqa tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, għalkemm inkluża taħt l-intestatura “Riżorsi naturali”, issegwi l-istess mekkaniżmu eżekuttiv bħan-nefqa għall-koeżjoni.

riżultat tat-titjib kontinwu fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll fl-Istati Membri, li fihom is-Sistemi Integrati ta' Amministrazzjoni u ta' Kontroll, li jinkludu s-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Irqajja' tal-Art, għandhom rwol sinifikanti wkoll għall-Fond għall-Iżvilupp Rurali u għall-miżuri relatati mal-annimali.

In-nefqa relatata mas-**sajd u mal-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi** għadhom b'riskju inerenti baxx. It-tnaqqis fir-riskju fil-waqt tal-pagament tal-għotjiet tal-programm LIFE matul l-aħħar diversi snin għandu jiġi enfasizzat.

Fi tmiem l-2021, kien hemm **ħames riżervi** għal segmenti tan-nefqa jew għal programmi li fihom kienu ġew identifikati dgħufijiet fil-kontrolli u/jew rati ta' żball ogħla minn 2 %.


- Tliet riżervi għall-agrikoltura, dwar il-**miżuri tas-suq tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija** (li jaffettwaw sitt Stati Membri), il-**pagamenti diretti** (li jaffettwaw lil 14-il aġenzija tal-pagamenti f'seba' Stati Membri), u l-**miżuri tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali** (li jaffettwaw 26 aġenzija tal-pagamenti fi 17-il Stat Membru li (temporanjament) esperjenzaw dgħufijiet fil-kontrolli u/jew rati ta' żball għoljin).
- Riżerva ġdida minnhom għad-dgħufijiet fil-kontrolli fi Stat Membru wieħed fir-rigward tal-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**.
- Riżerva mhux kwantifikata rikorrenti minnhom għar-**reġistru tal-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet**.

Ir-riżerva għad-dgħufijiet fil-kontrolli fi Stat Membru minnhom fir-rigward tal-**Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd**, maħruġa fl-2020, tneħħiet fl-2021 peress li kienet ġiet solvuta l-kwistjoni sottostanti.

Fil-każijiet kollha li fihom in-nuqqasijiet identifikati wasslu għal riżervi, hemm segwiti: il-proċeduri għall-approvazzjoni tal-konformità sabiex fl-aħħar mill-aħħar jipproteġu l-baġit tal-UE, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju meħudin mill-Istati Membri u, fejn neċessarji, l-interruzzjoni jew it-tnaqqis/is-sospensjoni tal-pagamenti lill-Istati Membri. Dan l-approċċ sistematiku u mmirat b'mod preċiż fl-aħħar mill-aħħar jippermetti l-protezzjoni tal-baġit tal-UE (għal aktar dettalji, ara l-Volum III, l-Anness 5).

Intestatura 4 – Ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri

Għall-“**Ġestjoni tal-migrazzjoni u tal-fruntieri**”, kemm ir-**riskju fil-waqt tal-pagament (1,9 %)** kif ukoll ir-**riskju fl-għeluq (1,3 %)** naqsu f'it meta mqabblin mal-2020, u għal darb'oħra baqgħu **taħt it-2 %**. Fl-2021, il-**miżuri preventivi u korrettivi** ammontaw għal **EUR 17-il miljun** – EUR 8 miljun preventivi u EUR 9 miljun korrettivi.



Dan il-qasam ta' politika jikkonsisti f'nefqa b'riskju baxx. Il-kontribuzzjonijiet għall-aġenziji deċentralizzati u għall-ftehimiet ta' delegazzjoni rrappreżentaw 40 % tan-nefqa rilevanti għall-2021, b'rata ta' żball qrib iż-0,5 %, filwaqt li l-ġestjoni kondiviża u l-implimentazzjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna u tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni jirrappreżentaw 44 % tan-nefqa rilevanti, b'riskju fil-waqt tal-pagament ta' 1,12 %. Għal dan is-segment, jinħarġu riżervi meta, fil-livell tal-Istati Membri, ir-rata ta' żball residwu tkun ogħla minn 2 % jew ikunu


ġew identifikati nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

Fi tmiem l-2021, inġarġu **tliet riżervi**.

- Inġarġet riżerva waħda għall-ġestjoni kondiviża fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 dwar il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u l-Fond għas-Sigurtà Interna, ikkwantifikata għal Stat Membru wieħed.
- Inġarġet it-tieni riżerva għall-azzjonijiet tal-UE u għall-għotjiet ta' assistenza ta' emerġenza, fejn ir-rata ta' żball residwu laħqet it-2,85 %. Ittiegħdet azzjoni ta' ġestjoni sabiex jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet, u r-regoli ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni diretta tal-għotjiet ġew issimplifikati ħafna bit-tbeġħid progressiv mill-kundizzjonijiet speċifiċi ta' eliġibbiltà fil-livell tal-programmi u bl-allinjament fil-livell korporattiv.
- Barra minn hekk, id-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni ħareġ riżerva għal raġunijiet ta' reputazzjoni relatati ma' dgħufijiet identifikati fl-implimentazzjoni effettiva tal-mandat il-ġdid tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Essenzjalment, ir-responsabbiltà għall-azzjonijiet korrettivi hija f'idejn l-aġenzija. Madankollu, bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija, il-Kummissjoni hija involuta b'mod attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom.

Ir-riżerva mhux kwantifikabbli relatata mal-istrumenti ta' ġestjoni kondiviża taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 tneħħiet għall-2021, peress li l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet korrettivi ġiet iffinalizzata għal kważi l-Istati Membri kollha taħt riżerva (għal aktar dettalji, ara l-Volum III, l-Anness 5).

Intestatura 5 – Sigurtà u difiża




Għas-**“Sigurtà u difiża”**, ir-riskju fil-waqt tal-pagament u r-riskju fl-għeluq, li t-tnejn huma ta' **0,5 %**, huma baxxi ħafna, u ferm anqas minn 2 %. Peress li t-tipi ta' pagamenti għal din l-attività huma ta' riskju baxx ħafna (l-aktar il-pagamenti lill-aġenziji), ma hemm l-ebda ammont għall-miżuri preventivi u korrettivi. Dan huwa allinjat mal-livell ta' żball irrapportat fl-2020.

Fl-2021, il-biċċa l-kbira tal-iżborżi taħt din l-intestatura kienu jikkonsistu f'pagamenti ta' prefinanzjament, taħt il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża, li ammontaw għal madwar EUR 200 miljun. Dawn ma humiex inklużi fin-nefqa rilevanti peress li huma pagamenti avvanzati li għadhom taħt is-sjeda tal-Kummissjoni. In-nefqa rilevanti ta' EUR 13,8-il miljun tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u għall-akkwisti li għandhom riskju baxx fil-waqt tal-pagament, ta' 0,5 %.

Sabiex tilħaq l-objettiv tagħha, il-Kummissjoni fil-biċċa l-kbira tiddependi fuq entitajiet fdati u fuq aġenziji regolatorji, u fuq kooperazzjoni mill-qrib ma' diversi sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Intestatura 6 – Viċinat u d-dinja

FI-2021, għall-“Viċinat u d-dinja”, kemm ir-riskju fil-waqt tal-pagament (1,1 %) kif ukoll ir-riskju fl-għeluq (0,9 %) huma simili għall-2020, u huma ferm anqas minn 2 %. FI-2021, il-miżuri preventivi u korrettivi tal-Kummissjoni ammontaw għal EUR 131 miljun – EUR 110 miljun preventivi u EUR 21 miljun korrettivi, li huwa wkoll simili għall-2020 b'EUR 110 miljun u EUR 16-il miljun rispettivament.



F'dan il-qasam ta' politika, il-programmi jiġu implimentati kważi bl-istess mod taħt ġestjoni diretta u indiretta. Minkejja l-ambjent kumpless li fih jiġu implimentati dawn il-programmi, il-biċċa l-kbira tas-segmenti tan-nefqa, bħall-akkwist taħt ġestjoni diretta u appoġġ baġitarju, huma ta' riskju baxx. Dan huwa dovut għall-profil tar-riskju inerenti tal-operazzjonijiet u għall-prestazzjoni tas-sistemi ta' kontroll relatati.

Il-kwistjonijiet identifikati fis-snin preċedenti komplew jaffettwaw ftit segmenti, jiġifieri nuqqas ta' dokumenti ta' sostenn adegwati, żbalji fil-kalkolu tal-kostijiet iddikjarati, kostijiet mhux ibbaġitjati ddikjarati u nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku. L-azzjonijiet meħudin sabiex jiġu indirizzati dawn id-dgħufijiet jinkludu s-simplifikazzjoni u l-kjarifika tal-proċeduri u tal-kundizzjonijiet kuntrattwali għall-għotjiet, il-promozzjoni tal-użu ta' finanzjament ibbażat fuq ir-riżultati u l-

kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar żbalji li jseħħu ta' spiss mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-kontroll.

Sfida speċifika waħda għall-2021 kienet it-tlestija ta' kontrolli *ex ante* addizzjonali fuq is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-sħab ta' implimentazzjoni⁽⁵⁵⁾ – imsejħin ukoll valutazzjonijiet tal-pilastru – sal-31 ta' Diċembru 2021. Dan mhux dejjem kien il-każ. Il-valutazzjonijiet tal-pilastru tas-sħab ewlenin huma mistennija li jitlestew fl-ewwel nofs tal-2022, peress li l-maġġoranza l-kbira tar-rapporti finali waslu u bħalissa qegħdin jiġu analizzati sabiex jiġi vvalutat jekk ikunux meħtieġa miżuri superviżorji addizzjonali. Għalkemm ma jistgħux jiġu konklużi ftehimiet ġodda ta' kontribuzzjoni qabel ma jiġu ffinalizzati l-valutazzjonijiet tal-pilastru, u għadhom qegħdin jiġu nnegożjati xi ftit ftehimiet ta' sħubija tal-qafas finanzjarju, ġew stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi minimizzat l-impatt fuq l-implimentazzjoni ta' interventi ta' ġestjoni indiretta. Miżuri bħal dawn jinkludu żieda sostanzjali fil-kuntatt mal-entitajiet (l-aktar ma' aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti) sabiex jitħaffef il-proċess, bir-riżultat li, minn Marzu 2022, il-valutazzjonijiet kollha tal-pilastru ma' sħab ewlenin ġew iffinalizzati jew jinsabu fi stadju avanzat. Barra minn hekk, ġew stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi (miżuri superviżorji) għall-iffirmar ta' kuntratti ma' dawn l-entitajiet f'każijiet debitament ġustifikati u eċċezzjonali sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli tal-Kummissjoni. L-implimentazzjoni ta' kuntratti li għaddejjin komplet bħas-soltu, u l-emendi kienu għadhom possibbli.


Wara l-isforzi konsiderevoli li saru fl-2021 u fis-snin ta' qabel sabiex jiġu indirizzati l-kawżi tal-iżbalji, id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir neħħa r-riżerva tiegħu relatata ma' għotjiet taħt ġestjoni diretta fi tmiem l-2021. Dawn l-isforzi qiegħed ikompli jkollhom impatt pożittiv fl-2022. B'mod partikolari, id-DĠ għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir tejjeb l-analiżi u żied is-sensibilizzazzjoni dwar it-tipi ta' żbalji. Tnejn għadha dwar miżuri addizzjonali sabiex jitnaqqsu l-iżbalji

⁽⁵⁵⁾ Dan huwa meħtieġ mir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ir-regolament finanzjarju.

fl-għotjiet, b'rakkomandazzjonijiet b'hat-talba ta' dokumenti ta' sostenn fuq bażi ta' kampjun matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-kuntratti ta' għotja jew it-tweġġ ta' kontrolli msaħħin (eż. monitoraġġ akbar u/jew kontrolli fuq il-post) fuq l-azzjonijiet/il-kuntratti jew fuq il-benefiċjarji. Intbagħtet analiżi dettaljata tat-tipi ta' żbalji lill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni kollha b'sottodelega li ntabu jimmonitorjaw u jtejbju l-kontrolli fuq l-implimentazzjoni tal-għotjiet. Azzjonijiet rimedjali oħrajn kienu jinkludu sessjonijiet ta' informazzjoni ma' benefiċjarji (ġodda) sabiex jispjegaw l-obbligi kuntrattwali tagħhom u jipprovdu informazzjoni ċara dwar l-aktar sorsi frekwenti ta' żbalji fil-ġestjoni tal-għotjiet.

Id-DĠ għall-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir żamm ir-riżerva tiegħu dwar proġetti fil-Libja u fis-Sirja. F'dawn il-pajjiżi, id-delegazzjonijiet ma jistgħux jimplementaw attivitajiet standard ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni minħabba l-impossibbiltà li l-persunal jintbagħat sabiex iwettaq żjarat ta' proġetti fuq il-post jew verifiki simili oħrajn minħabba restrizzjonijiet fuq is-sigurtà u politiki. Ġew stabbiliti diversi miżuri, b'hat-tesorveljanza, kuntratti ma' esperti indipendenti għall-monitoraġġ ta' proġetti fil-qasam, rieżami bbażat fuq ir-riskju tal-portafoll tal-kuntratti u kontroverifika tal-informazzjoni minn sorsi differenti. Dan tejjeb il-fehim tad-dinamika lokali u ppermetta reazzjonijiet aktar rapidi u aħjar sabiex jiġi indirizzat ambjent instabbli u erratiku ħafna. Madankollu, iż-żewġ pajjiżi għadhom żoni attivi ta' kunflitt u l-elementi ewlenin li jiġġustifikaw ir-riżerva għadhom validi.

Intestatura 7 – Amministrazzjoni pubblika Ewropea



Fl-aħħar nett, l-intestatura “**Amministrazzjoni pubblika Ewropea**” tiġbor flimkien is-servizzi u d-dipartimenti li jimmaniġġjaw in-nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni taħt il-mod ta' ġestjoni diretta, b'hall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Flas tal-Intitolamenti Individwali, li jirrappreżenta aktar minn 80 % tan-nefqa rilevanti taħt din l-intestatura. Ir-**riskju fil-waqt tal-pagament** huwa stabbilit b'mod prudenti għal **0,5 %** għal dan it-tip ta' nefqa b'riskju baxx. Billi l-biċċa l-kbira tas-sistemi ta' kontroll korrispondenti jinvolvu b'mod predominanti kontrolli *ex ante*, il-korrezzjonijiet futuri stmati sikwit jiġu stabbiliti f'livell konservattiv ta' 0,0 %. B'hekk, ir-**riskju fl-għeluq** huwa kważi daqs ir-riskju fil-waqt tal-pagament u għadu baxx ħafna, f'livell ta' **0,5 %**. Fl-2021, il-**miżuri preventivi tal-Kummissjoni ammontaw għal EUR 4 miljun**, ftit anqas mill-ammont fl-2020 (EUR 6 miljun).

Min-**naħa tad-dħul**, wara t-telf ta' riżorsi proprji tradizzjonali minħabba importazzjonijiet sottovalutati ta' tessuti u ta' żraben miċ-Ċina fir-Renju Unit – li wasslu għal riżerva – il-proċess ta' kwantifikazzjoni dwar in-nuqqas ta' akkuratizza tal-ammonti ta' riżorsi proprji tradizzjonali ttrasferiti lill-baġit tal-UE għadu għaddej. Il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet is-sentenza tagħha fit-8 ta' Marzu 2022, u fiha kkonfermat il-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Filwaqt li l-Qorti approvat l-approċċ statistiku żviluppat mill-Kummissjoni sabiex tikkwantifika t-telf, hija talbet rieżami tal-ammont attwali ddikjarat. Għalhekk, tinżamm ir-riżerva kwantifikata korrispondenti għall-perjodu 2011-2017. Spezzjonijiet addizzjonali fl-Istati Membri kollha kkonfermaw aktar każijiet ta' frodi ta' sottovalwazzjoni għal ammonti li għadhom ma jistgħux jiġu kkwantifikati iżda li se jiġu stmati matul l-2022.

2.2. Miżuri ta' effiċjenza stabbiliti

Il-Kummissjoni tistinka kontinwament sabiex ittejjeb l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tagħha bl-għan li tilħaq l-oġġettivi tagħha taħt restrizzjonijiet baġitarji stretti. Il-proċessi qegħdin jiġu ssimplifikati sabiex ikun żgurat l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi limitati.

Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat it-**trasformazzjoni diġitali** tal-Kummissjoni u l-implimentazzjoni ta' flussi tax-xogħol mingħajr karti, li jirriżultaw f'titjib fl-effiċjenza.

F'konformità mal-istrateġija diġitali tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda timxi lejn amministrazzjoni mingħajr karti


Fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi moderni, l-użu tal-firem elettroniċi qiegħed isir norma. F'dan il-kontest, **il-firem elettroniċi kwalifikati qegħdin jintużaw b'mod wiesa' fil-Kummissjoni Ewropea**, peress li huma meqjusin bħala soluzzjoni effiċjenti ħafna li tippermetti lill-utenti jiffirmaw id-dokumenti elettronikament b'mod faċli u sikur. Il-firem elettroniċi kwalifikati jikkonformaw mal-ogħla rekwiżiti legali, kif iddefiniti mir-regolament dwar l-identifikazzjoni elettronika, l-awtentikazzjoni u s-servizzi fiduċjarji, sabiex jiżguraw l-orijini u l-integrità ta' dokument.

Sa tmiem l-2021, aktar minn 2 500 utent kienu kisbu firem elettroniċi kwalifikati billi użaw il-Firma tal-UE (EU Sign) sabiex jiffirmaw id-dokumenti b'mod diġitali. Sa minn tmiem l-2020, is-servizz beda joffri proċessi ta' reġistrazzjoni diġitalizzati u ssimplifikati sabiex l-utenti jkunu jistgħu jiffrankaw il-ħin u jkollhom esperjenza tal-utenti aħjar. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' tali firem għadha għaddejja u qiegħda tkompli taqbad fost id-delegazzjonijiet tal-UE.

Il-mutwalizzazzjoni tal-proċessi hija sors ieħor ta' titjib fl-effiċjenza. Inizjattivi ulterjuri meħudin fl-2021 f'dan is-sens inkludew l-estensjoni mill-Kummissjoni tas-servizzi tat-teżor tagħha għal seba' aġenziji oħrajn u l-ħolqien tad-direttorat konġunt tal-awditjar il-ġdid għall-koeżjoni li jinkludi l-attivitajiet kollha tal-awditjar għan-nefqa tal-koeżjoni.

FI-2021, il-Kummissjoni kompliet ukoll tiżviluppa għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva aktar effiċjenti.

- It-tnedija uffiċjali ta' **Microsoft 365** tirrappreżenta kontribut importanti għall-effiċjenza tal-Kummissjoni billi ġie pprovdut sett ġdid ta' soluzzjonijiet kollaborattivi integrati korporattivi, li se jsaħħu l-kooperazzjoni interna, il-produttività individwali u opportunitajiet usa' ta' komunikazzjoni interna u esterna.
- Il-pjattaforma l-ġdida tat-teknoloġija tal-informazzjoni finanzjarja korporattiva, **SUMMA**, bdiet tissostitwixxi gradwalment is-sistema ABAC. L-għan tal-proġett SUMMA huwa li jikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni tal-UE. Se jistandardizza u jssimplifika l-proċessi tat-teżor, finanzjarji u kontabilistiċi tal-Kummissjoni u ta' 55 istituzzjoni u entità oħra tal-UE, u se jiffaċilita l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz ta' rapportar integrat u kapaċitajiet analitiċi mtejbmin. Tliet aġenziji pilota mxew għal SUMMA fi tmiem l-2021, hekk kif kienu skedati.
- Il-Kummissjoni għamlet ukoll progress tajjeb fil-migrazzjoni ta' programmi ġodda ta' finanzjament għall-**eGrants**. Mid-39 programm ta' finanzjament tal-UE li huma mistennijin jużaw is-sistema l-ġdida fil-perjodu 2021-2027, 33 kienu lestew il-migrazzjoni mill-bidu sal-aħħar sa tmiem l-2021.



FI-2021, 98 % tal-pagamenti (f'termini ta' ammonti) saru fl-iskadenza legali tal-pagamenti (ara l-graff), minkejja l-fatt li l-ambjent tax-xogħol kien għadu affettwat ħafna mill-pandemija tal-COVID-19, u bis-saħħa tal-inizjattivi msemmijin hawn fuq. Dan huwa ta' importanza kbira peress li ħafna benefiċjarji jiddependu fuq dawn il-pagamenti sabiex iwettqu l-attivitajiet u l-proġetti tagħhom, li, min-naħa tagħhom, jikkontribwixxu għall-oġettivi

2.3. Il-kost tal-kontrolli huwa proporzjonat mar-riskji

FI-2021, wara l-valutazzjoni kkombinata tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-ekonomija tagħhom, id-dipartimenti tal-Kummissjoni kollha kkonkludew li, b'mod ġenerali, **il-kontrolli tagħhom kienu kosteffettivi.**

Ir-riżorsi allokatati **għall-kontrolli huma allinjati mar-riskji** relatati man-natura tal-programmi u/jew mal-kuntest li fih jiġu implimentati. **Il-kost tal-kontrolli baqa' ġeneralment stabbli maż-żmien.** Madankollu, xi dipartimenti rrapportaw żieda żgħira f'termini relattivi, li ma hijiex dovuta għal kostijiet ta' kontroll ogħla *per se*, iżda pjuttost għal volum imnaqqas ta' pagamenti FI-2021. Dan jista' jiġi spjegat mill-kontinwazzjoni tal-kriżi tal-COVID-19 u/jew minn dewmien fl-adozzjoni ta' programmi ġodda. Il-varjetà tal-programmi ta' nfiq u l-karatteristiċi differenti tagħhom ma jippermettux tqabbil sinifikattiv tal-kostijiet ta' kontroll tagħhom. Madankollu, jistgħu jiġu identifikati xi fatturi komuni tal-kostijiet, kif muri fil-kaxxa ta' hawn taħt.

Eżempji ta' fatturi ewlenin tal-kostijiet komuni

- **Il-kumplessità intrinsika tal-programmi ġestiti.** L-għotjiet ibbażati fuq ir-rimborż tal-kostijiet reali jimplikaw kontrolli li jirrikjedu ħafna ħaddiema għall-kuntrarju ta' finanzjament ibbażat fuq somom f'daqqa jew fuq għażliet ta' kostijiet issimplifikati.
- **Il-kumplessità tal-ambjent li fih jiġu implimentati l-programmi.** Il-kost tal-kontrolli x'aktarx li jkun ogħla fil-każ ta' struttura organizzazzjonali fuq diversi siti jew meta s-sħab u/jew il-benefiċjarji jkunu jinsabu barra mill-ġurisdizzjoni tal-UE.
- **Il-volumi u l-ammonti li għandhom jiġu pproċessati.** Numru kbir ta' pagamenti ta' valur baxx jiġġeneraw kostijiet ta' kontroll ogħla mill-pagamenti rikorrenti tal-massa, filwaqt li l-qafas regulatorju jeħtieġ ċerti kontrolli inkompressibbli. Dan jirriżulta f'diżekonomiji ta' skala.
- **It-tip ta' ġestjoni.** Taħt ġestjoni indiretta u kondiviża, il-kost tal-kontrolli jinqasam bejn il-Kummissjoni u s-sħab ta' implimentazzjoni tagħha, filwaqt li għall-ġestjoni diretta l-piż jinġarr kompletament mill-Kummissjoni.

Għall-fini ta' trasparenza u ta' kompletezza, fir-rapporti annwali tal-attività tagħhom, dawk id-dipartimenti li jitrattaw il-ġestjoni kondiviża u/jew indiretta rrapportaw ukoll dwar il-kost tal-kontrolli fl-Istati Membri u fl-entitajiet fdati separatament mill-kost tal-kontrolli tal-Kummissjoni stess.

3. Aċċertament tal-ġestjoni

3.1. Valutazzjonijiet, aċċertament u riżervi ddikjarati mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni

Fid-dikjarazzjonijiet ta' aċċertament tagħhom tal-2021⁽⁵⁶⁾, **il-51 uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni kollha⁽⁵⁷⁾ iddikjaraw li kellhom aċċertament raġonevoli** li (1) l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti tagħhom tippreżenta “stampa vera u ġusta” (jiġifieri affidabbli, kompluta u korretta) tas-sitwazzjoni fid-dipartimenti tagħhom; (2) ir-riżorsi assenjati għall-attivitajiet tagħhom intużaw għall-iskop intenzjonat tagħhom u f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba; u (3) il-proċeduri ta' kontroll stabbiliti jagħtu l-garanziji neċessarji dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti, filwaqt li jqisu l-karattru pluriennali ta' xi programmi u n-natura tal-pagamenti kkonċernati.

Fil-kuntest tal-proċess tagħhom ta' bini ta' aċċertament globali u mill-perspettiva ta' ġestjoni tagħhom, l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni jwettqu wkoll analiżi aktar dettaljata għal kull programm jew segment tal-portafoll tagħhom. Dawn jużaw l-informazzjoni disponibbli kollha, speċjalment ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom, sabiex jidentifikaw kwalunkwe dgħufija sinifikanti potenzjali f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi. Fi tmiem kull sena finanzjarja, huma jiddeterminaw jekk l-impatt finanzjarju ta' tali dgħufija jkunx probabbli li jkun 'il fuq mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % u/jew jekk l-impatt fuq ir-reputazzjoni jkunx sinifikanti. Jekk iva, **jikkwalifikaw id-dikjarazzjoni tal-aċċertament tagħhom b'riżerva** għas-segment speċifiku tal-portafoll affettwat.

Għall-2021, 10 uffiċjali tal-awtorizzazzjoni nħarġu dikjarazzjoni kwalifikata, li rriżultat f'total ta' 16-il riżerva (dan huwa ftit anqas milli għall-2020, meta ġew irrapportati 19-il riżerva, minn 11-il dipartiment) kif ġej.

- Inżammu total ta' 13-il riżerva mis-snin preċedenti, li 12 minnhom huma relatati mal-programmi ta' nfiq, bl-oħrajn relatati man-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE. Dawn ir-riżervi nżammu prinċipalment minħabba li l-kawżi ewlenin tal-livell materjali ta' żball jistgħu jiġu mmitigati parzjalment iżda mhux eradikati kompletament taħt l-oqfsa legali attwali tal-programmi.
- Tliet riżervi huma ġodda fl-2021. Dawn huma dovuti għal livell materjali ta' żball, jew għal dgħufijiet serji misjubin fis-sistemi ta' kontroll tas-sħab ta' implimentazzjoni (l-Istati Membri jew l-aġenziji).
- Erba' riżervi li kienu preżenti fl-2020 tneħħew fl-2021 minħabba li l-kwistjonijiet sottostanti kienu ġew solvuti.
- Sittax-il riżerva tneħħew (tnejn) jew ma nħarġux bis-saħħa tar-regola *de minimis* (14), li biha r-riżervi ma jitqisux sinifikanti meta tkun involuta nefqa limitata (anqas minn 5 % tal-pagamenti tad-direttorat ġenerali jew tas-servizz) u l-impatt finanzjarju li jirriżulta huwa baxx (anqas minn EUR 5 miljun). L-impatt finanzjarju totali ta' dawn il-każijiet, ta' EUR 4,8 miljun, huwa limitat ħafna.

⁽⁵⁶⁾ [Rapporti annwali tal-attività.](#)

⁽⁵⁷⁾ It-terminu “uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni” jkopri diretturi ġenerali tad-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-kapijiet tal-aġenziji eżekuttivi, tal-uffiċċji, tas-servizzi u tat-task forces.

L-impatt finanzjarju totali tar-riżervi kollha huwa ta' EUR 987 miljun għall-2021, jiġifieri 19 % anqas mill-EUR 1 219-il miljun fl-2020. Dan it-tnaqqis huwa relatat mat-tnaqqis fir-rati ta' żball misjubin fl-agrikoltura. Għal kull riżerva, jiġu stabbiliti azzjonijiet ta' mitigazzjoni sabiex jiġu indirizzati d-dgħufijiet sottostanti u jiġu mmitigati r-riskji li jirriżultaw (għad-dettalji ara t-Taqsima 2.2.2).

L-Anness 5 fil-Volum III jipprovdi lista sħiħa tar-riżervi għall-2021, flimkien ma' spjegazzjonijiet u ma' dettalji ulterjuri.

3.2. **Ħidma tas-Servizz tal-Awditjar Intern u opinjoni ġenerali**

Id-direttorati ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni jibbażaw ukoll l-aċċertament tagħhom fuq il-ħidma mwettqa mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Is-Servizz tal-Awditjar Intern jawditja s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontrolli fi ħdan il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, li jipprovdu assigurazzjoni indipendenti u oġġettiva fuq l-adegwatezza u fuq l-effettività tagħhom. Kif mitlub mill-karta tal-missjoni tiegħu⁽⁵⁸⁾, is-Servizz tal-Awditjar Intern ħareġ opinjoni ġenerali annwali dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-Kummissjoni, ibbażata fuq il-ħidma tal-awditjar imwettqa minnu fil-qasam tal-ġestjoni finanzjarja fil-Kummissjoni matul it-3 snin preċedenti (2019-2021). L-opinjoni ġenerali tqis ukoll l-informazzjoni minn sorsi oħrajn, jiġifieri r-rapporti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni tal-awditjar, **l-awditur intern kien tal-fehma li, fl-2021, il-Kummissjoni kienet implimentat proċeduri ta' governanza, ta' maniġjar tar-riskji u ta' kontroll intern li, meta jitqiesu ikoll flimkien, huma adegwati sabiex jagħtu aċċertament raġonevoli dwar l-ilħuq tal-oġġettivi finanzjarji tagħha.** Madankollu, l-opinjoni ġenerali hija kwalifikata fir-rigward tar-riżervi magħmulin mill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni magħmulin fid-dikjarazzjonijiet tal-aċċertament tagħhom, maħruġin fir-rapporti annwali tal-attività rispettivi tagħhom. Fir-rigward tal-opinjoni ġenerali, l-awditur intern ikkunsidra wkoll l-impatt kombinat tal-ammonti kollha stmati li huma f'riskju fil-waqt tal-pagament, minħabba li dawn imorru lil hinn mill-ammonti mqegħdin taħt riżerva. Minħabba dawn l-elementi, is-Servizz tal-Awditjar Intern iqis li l-baġit tal-UE huwa protett b'mod adegwat fit-totalità tiegħu u matul iż-żmien.

Mingħajr ma kkwalfika l-opinjoni ulterjorment, l-awditur intern żied tliet "osservazzjonijiet", li huma deskritti fl-Anness 6 ta' dan ir-rapport, rigward:

- l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE fil-kuntest tal-kriżi attwali relatata mal-pandemija tal-COVID-19;
- l-istrateġiji ta' superviżjoni rigward partijiet terzi li jimplimentaw politiki u programmi;
- ir-rapportar dwar il-kapaċità korrettiva tas-sistemi ta' kontroll pluriennali.

Bl-għan li jikkontribwixxi għall-kultura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Kummissjoni u l-enfasi akbar fuq il-valur għall-flus, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq ukoll awditi tal-prestazzjoni fl-2021 bħala parti mill-pjan tal-awditjar strateġiku tiegħu. Ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw, kollha ħlief waħda⁽⁵⁹⁾ aċċettati minn dawk awditjati, jikkonċernaw it-tnejn għall-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027, l-istrateġiji ta' superviżjoni għall-implimentazzjoni tal-programmi minn partijiet

⁽⁵⁸⁾ Communication to the Commission – Mission charter of the Internal Audit Service of the European Commission (C(2020) 1760).

⁽⁵⁹⁾ Rakkomandazzjoni importanti waħda ġiet miċħuda mill-parti awditjata. Il-maniġment aċċetta r-riskju residwu u implimenta parti mir-rakkomandazzjoni u ma kienet meħtieġa l-ebda diskussjoni ulterjuri fil-livell tal-grupp preparatorju tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar.

terzi, is-sistemi ta' kontroll intern fir-rigward tal-legalità u r-regolarità u tal-konformità, tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u tas-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Għar-rakkomandazzjonijiet kollha, il-partijiet awditjati abbozzaw pjanijiet ta' azzjoni, li ġew sottomessi lis-Servizz tal-Awditjar Intern u vvalutati minnu bħala sodisfaċenti. Fl-aħħar nett, is-Servizz tal-Awditjar Intern segwa l-politika stretta ta' segwitu tiegħu u vvaluta l-implimentazzjoni attwali tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mid-dipartimenti tal-Kummissjoni fuq bażi regolari. Il-ħidma tal-awditjar ikkonfermat li 94 % tar-rakkomandazzjonijiet maħruġin bejn l-2017 u l-2021 u mogħtijin segwitu mis-Servizz tal-Awditjar Intern kienu implimentati b'mod adegwat u effettiv mill-partijiet awditjati. Dan ir-riżultat jindika li s-servizzi tal-Kummissjoni huma diliġenti fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u fil-mitigazzjoni tar-riskji identifikati mis-Servizz tal-Awditjar Intern. L-Anness 6 jinkludi aktar informazzjoni dwar l-aċċertament ipprovdut mis-Servizz tal-Awditjar Intern. Barra minn hekk, rapport tal-ħidma tal-awditur intern jintbagħat mill-Kummissjoni lill-awtorità tal-kwittanza f'konformità mal-Artikolu 118(8) tar-regolament finanzjarju, bħala parti mill-pakkett tar-rapporti integrati finanzjarji u ta' akkontabilità.

3.3. Aċċertament miksub permezz tal-ħidma tal-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar

Il-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar jissorvelja kwistjonijiet tal-awditjar fi ħdan il-Kummissjoni u jirrapporta kull sena lill-Kulleġġ tal-Kummissarji. Jiżgura l-indipendenza tas-Servizz tal-Awditjar Intern, jissorvelja l-kwalità tal-ħidma tal-awditjar intern, u jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar intern u estern (jiġifieri mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri) jitqiesu kif xieraq mid-direttorati ġenerali u mis-servizzi tal-Kummissjoni u li dawn jingħataw segwitu xieraq.

Matul is-sena ta' rapportar 2021, li kienet immarkata mill-kontinwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19, u wara l-invażjoni mhux ġustifikata u mhux provokata mir-Russja tal-Ukrajna fil-bidu tal-2022, **il-kumitat kompla jaqdi rwol importanti fit-tisħiħ tal-governanza, tal-prestazzjoni organizzazzjonali u tal-akkontabilità fl-organizzazzjoni kollha.** Huwa kellu erba' sessjonijiet ta' laqgħat, li ffokaw fuq l-oġettivi ewlenin stabbiliti fil-programmi ta' ħidma tal-2021 u tal-2022. Kompla wkoll jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-COVID-19 b'raba mal-oqsma ta' responsabbiltà tiegħu, sabiex jikseb aktar riassigurazzjoni dwar il-mitigazzjoni effettiva u l-kopertura xierqa tal-awditjar ta' riskji għoljin relatati mal-miżuri ta' rispons għall-COVID-19 u ta' rkupru minnha.

Il-kumitat ta segwitu għat-talba tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex tkun involuta b'mod aktar sistematiku fil-ħidma tiegħu. Stieden lid-Direttur tal-Presidenza tal-Qorti tal-Awdituri għal tnejn mil-laqgħat tal-grupp preparatorju tiegħu sabiex jippreżenta l-istrateġija pluriennali u l-programmi ta' ħidma annwali tal-awditur estern għall-2021 u għall-2022. Il-kumitat kellu diskussjoni tematika ppjanata dwar is-sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni, li seħħet ftit wara t-tifqigħa tal-gwerra ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna u kienet partikolarment f'waqtha fid-dawl taż-żieda mistennija fin-numru ta' theddidiet ċibernetiċi.

Il-kumitat kien sodisfatt bl-indipendenza u bil-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern. Esprima s-sodisfazzjon tiegħu bir-riżultat pożittiv tal-valutazzjoni tal-kwalità esterna tas-Servizz tal-Awditjar Intern għall-2017-2021, li huwa fattur importanti relatat mal-aċċertament dwar il-kwalità tax-xogħol tal-awditjar intern. Il-kumitat kien sodisfatt ukoll li l-ippjanar tal-awditur intern ikopri b'mod adegwat il-qasam tal-awditjar u għadu jkopri l-oqsma ta' riskju ewlenin. Ir-rata ta' implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditur intern baqgħet għolja ħafna (jiġifieri tkopri 94 % għar-rakkomandazzjonijiet maħruġin u mogħtijin segwitu fil-perjodu 2017-2021), u sa Jannar 2022 kien hemm tmien rakkomandazzjonijiet tal-awditjar importanti ħafna biss li kienu ilhom pendenti aktar minn 6 xhur. Il-kumitat kompla wkoll jissorvelja l-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-

Qorti tal-Awdituri, u kien sodisfatt meta, għall-14-il darba konsekuttiva, il-Qorti tat opinjoni li kkonfermat l-affidabbiltà tal-kontijiet konsolidati tal-UE.

L-Anness 8 fil-Volum III jinkludi aktar informazzjoni dwar il-ħidma u l-konklużjonijiet tal-kumitat.

3.4. L-opinjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-kontijiet tal-2020 u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet

Ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ippubblikat f'Ottubru 2021, **għal darb'oħra ta' opinjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet tal-UE**, għall-14-il sena konsekuttiva.

Filwaqt li d-**dħul** għadu wkoll **ħieles minn żball materjali**, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tenniet **opinjoni negattiva dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-2020**. Il-livell ta' **żball** kumplessiv għall-baġit tal-UE (**2,7 %**) stmat mill-Qorti baqa' fl-istess livell tan-nefqa tal-2019, komparabbli mas-snin 2017 u 2018 (2,4 % u 2,6 % rispettivament) u ferm aktar baxx milli fl-2016 u qabel.

L-opinjoni kuntrarja tal-Qorti hija prinċipalment spjegata mis-sehem ta' dik li hija tqis bħala nefqa ta' riskju għoli. In-nefqa ta' riskju għoli, li spiss tkun soġġetta għal regoli kumplessi u hija bbażata l-aktar fuq ir-rimborż tal-kostijiet, tkopri b'mod partikolari l-koeżjoni, in-nefqa fuq ir-riċerka, l-iżvilupp rurali, il-miżuri tas-suq taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u xi partijiet ta' azzjonijiet esterni. In-nefqa ta' riskju għoli kienet tirrappreżenta 59 % tal-popolazzjoni awditjata għall-2020, li hija loġika bl-aċċellerazzjoni fil-pagamenti ta' koeżjoni f'dan l-istadju taċ-ċiklu tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020.

Fir-rigward tal-akbar żewġ oqsma tan-nefqa tal-UE, il-livell stmat ta' żball tal-Qorti baqa' qrib il-livell ta' materjalità fil-każ ta' riżorsi naturali⁽⁶⁰⁾, li ammonta għal 40,8 % tal-popolazzjoni awditjata. Fil-każ tal-politika ta' koeżjoni, li ammontat għal 32,8 % tal-popolazzjoni awditjata, il-livell stmat ta' żball tal-Qorti naqas minn 4,4 % fl-2019 għal 3,5 % għall-2020. In-nefqa amministrattiva baqgħet ħielsa minn żball materjali.

Il-Kummissjoni tagħti segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, li jirriżultaw kemm mir-rapporti annwali kif ukoll mir-rapporti speċjali. Tirrapporta dwar il-miżuri meħudin fir-rapporti annwali tal-attività. Barra minn hekk, tirrapporta fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kumitat tal-Progress tal-Awditjar tal-Kummissjoni. Dan tal-aħħar iwettaq ċerti attivitajiet ta' monitoraġġ f'dan ir-rigward skont il-mandat aġġornat tiegħu⁽⁶¹⁾.

Il-Qorti tal-Awdituri timmonitorja wkoll **l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha** mill-Kummissjoni u tipprovdi feedback, sabiex tgħin lill-Kummissjoni ttejjeb l-attivitajiet ta' segwitu tagħha. *Fir-Rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-prestazzjoni tal-baġit tal-UE – Status fi tmiem l-2020*, il-Qorti stħarrġet sa liema punt il-Kummissjoni kienet segwiet l-implimentazzjoni tal-149 rakkomandazzjoni tal-awditjar indirizzati lilha fi 18-il rapport speċjali ppubblikati fl-2016. Il-Qorti nnotat li l-Kummissjoni kienet implimentat kważi 80 % tar-rakkomandazzjonijiet fis-sħuħija tagħhom (67 %)

⁽⁶⁰⁾ 2 % għall-2020, meta mqabbla ma' 1,9 % għall-2019.

⁽⁶¹⁾ Communication to the Commission from Commissioner Reynders in agreement with the President – Update of the charter of the Audit Progress Committee of the European Commission ([C\(2020\) 1165](#)).

jew fil-biċċa l-kbira tal-aspetti tagħhom (12 %), u 9 % oħrajn f'xi aspetti. Mis-16-il rakkomandazzjoni li l-Qorti qieset li ma ġewx implimentati, għall-ewwel il-Kummissjoni ma kinitx aċċettat 11. Dawn ir-riżultati huma allinjati mas-snin preċedenti.

3.5. Kwittanza tal-baġit għall-2020

Il-Parlament Ewropew **ta l-kwittanza lill-Kummissjoni** għas-sena finanzjarja 2020 b'maġġoranza ċara fl-4 ta' Mejju 2022, wara li eżamina r-rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-pakkett tar-rapporti integrati finanzjarji u ta' akkontabilità tal-Kummissjoni u r-rakkomandazzjoni ta' kwittanza tal-Kunsill. Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew stieden ukoll lil kummissarji u lil diretturi ġenerali partikolari għal skambji ta' fehmiet matul il-proċedura ta' kwittanza. Matul il-proċedura, il-partijiet ikkonċernati ewlenin – il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri – iffokaw fuq kif jistgħu jittejbu r-riżultati miksubin mill-baġit tal-UE u kif għandu jitnaqqas aktar il-livell ta' żball. Id-dibattitu semma wkoll kwistjonijiet bħall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, l-implimentazzjoni mingħajr xkiel u l-assorbiment tal-fondi tal-UE, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji tal-fondi tal-UE, inkluż billi jsir użu akbar mis-sistemi ta' informazzjoni interoperabbli, u r-riżorsi proprji tradizzjonali. Din is-sena, l-awtorità tal-kwittanza kienet speċjalment interessata li tfittex li taċċerta mill-ġdid li l-baġit tal-UE baqa' protett tajjeb matul il-pandemija. Bħas-soltu, il-Kummissjoni **qiegħda tiegħu azzjoni sabiex timplimenta dawn ir-rakkomandazzjonijiet** u tirrapporta dwar is-segwitu f'rapport dedikat.

4. Żviluppi ulterjuri: prospettiva għall-2022 u lil hinn minnha

4.1. Għodod addizzjonali għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE

4.1.1. Reviżjoni tar-regolament finanzjarju

Wara reviżjoni maġġuri fl-2018, il-Kummissjoni pproponiet emenda mmirata tar-regolament finanzjarju⁽⁶²⁾. Minħabba li l-bidliet miġjubin mir-reviżjoni tal-2018 jeħtieġu ż-żmien sabiex jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom, din ir-reviżjoni tiffoka fuq l-allinjament mal-baġit il-ġdid fit-tul, ċertu titjib fuq il-maniġġar ta' kriżijiet wara t-tagħlimiet meħudin matul il-kriżi tal-COVID-19 u protezzjoni msaħħa tal-interessi finanzjarji tal-UE.

4.1.2. L-użu tal-għodda unika għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju

Taħt il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, flimkien mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u mar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, il-Kummissjoni ħadet impenn li tagħmel għodda waħda għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju disponibbli għall-Istati Membri sabiex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom, bil-ħsieb tal-applikazzjoni ġeneralizzata tagħha mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni qiegħda tadatta l-għodda mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri taħt il-qafas finanzjarju pluriennali preċedenti (Arachne) sabiex tqis il-perjodu tal-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid u r-rekwiżiti relatati, flimkien mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Kummissjoni se tkompli toffri appoġġ lill-Istati Membri sabiex tippermetti l-użu effettiv tagħha. Dan jinkludi l-għoti ta' preżentazzjonijiet, ta' sessjonijiet ta' taħriġ u ta' workshops u l-għoti ta' appoġġ tekniku u ta' pariri lill-awtoritajiet interessati, inkluż dwar kif jintegraw l-għodda għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju fil-proċessi ta' kuljum tagħhom. Fir-reviżjoni li għaddejja tar-regolament finanzjarju, il-Kummissjoni pproponiet li ssaħħaħ l-użu ta' din l-għodda unika għall-estrazzjoni ta' *data* u għall-għoti ta' punteġġ tar-riskju.


4.1.3. Implimentazzjoni tar-regolament dwar il-kondizzjonalità

Fis-16 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat il-validità tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE, li kienet ġiet ikkontestata minn żewġ Stati Membri, l-Ungerija u l-Polonja.

F'Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-regolament. Wara l-ħidma mwettqa matul l-2021, f'April il-Kummissjoni baġtet l-ewwel notifika lill-Ungerija taħt ir-reġim ġenerali ta' kondizzjonalità. Din nediet proċedura li tista' twassal għall-impożizzjoni ta' miżuri kontra Stat

⁽⁶²⁾ Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), COM(2022)223.

Membru għall-ksur tal-prinċipji tal-istat tad-dritt li jaffettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE b'mod dirett biżżejjed. Il-Kummissjoni timmonitorja b'mod kostanti s-sitwazzjoni fl-Istati Membri. Se tiskatta l-proċedura skont ir-regolament dwar il-kondizzjonalità jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet.



Annex 3 – Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza strument għdid ibbażat fuq il- prestazzjoni għas- servizz tal-irkupru tal- UE

Strument innovattiv u bbażat fuq il-prestazzjoni sabiex jgħin li wieħed joħroġ aktar b'saħħtu mill-kriżi tal-COVID-19

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument ġdid ibbażat fuq il-prestazzjoni għas-servizz tal-irkupru tal-UE. Il-faċilità hija mfassla sabiex ittaffi l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija tal-COVID-19 u sabiex l-ekonomiji u s-soċjetajiet Ewropej isiru aktar sostenibbli, reżiljenti u mħejjin aħjar għall-isfidi u għall-opportunitajiet tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Proposta f'Mejju 2020 mill-Kummissjoni, u fis-seħħ mill-bidu tal-2021⁽⁶³⁾, hija tagħmel disponibbli EUR 723,8 biljun (fi prezzijiet kurrenti) – EUR 385,8 biljun f'self u EUR 338 biljun f'għotjiet – għal dak l-għan. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti ambizzjużi li jkunu allinjati mal-prijoritajiet tal-UE u li jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont il-qafas tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u soċjali.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija strument uniku, xprunat mid-domanda u bbażat fuq il-prestazzjoni.

- **L-Istati Membri huma l-benefiċjarji tal-faċilità.** Jirċievu appoġġ minnha sabiex jimplimentaw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Għalhekk, ladarba l-fondi jiġu żborżati, jidħlu fil-baġit nazzjonali.
- Il-fondi jiġu **żborżati mal-ilħuq ta' objettivi intermedji u ta' miri predefiniti** li jkejlu l-implimentazzjoni, sal-2026, tar-riformi u tal-investimenti mfasslin bħala tveġiba għall-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri.
- Il-faċilità, li hija ffinanzjata mill-istrument Ewropew għall-irkupru, NextGenerationEU, hija strument eċċezzjonali **u temporanju.**
- Hija **ffinanzjata permezz ta' fondi miġburin fis-swieq kapitali** mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni Ewropea.


Sabiex jirċievu appoġġ mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sa tmiem l-2021, 26⁽⁶⁴⁾ **Stat Membru tal-UE ppreżentaw pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni.** Il-pjanijiet iridu jgħaddu minn 11-il kriterju ta' valutazzjoni stabbiliti mir-regolament, inkluż li l-ebda miżura inkluża fil-pjan ma tista' tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali (il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti") u li **tal-anqas 37 % tal-allokkazzjoni totali tal-pjan tikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi u tal-anqas 20 % għall-objettivi diġitali.**

Ir-riformi u l-investimenti inklużi f'dawn il-pjanijiet għandhom jikkontribwixxu għas-sitt pilastru ta' politika li jiddefinixxu l-ambitu tal-faċilità, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni u l-isfidi speċifiċi tal-Istat Membru rilevanti.

Is-sehem tal-finanzjament li jikkontribwixxi għal kull pilastru huwa ppreżentat fil-graff ta' hawn taft.

⁽⁶³⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021.

⁽⁶⁴⁾ L-Istati Membri kollha minbarra n-Netherlands.



Il-kontribuzzjoni tal-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-pilastru ta' politika rispettivi. Il-partijiet ħodor tal-kolonna jirrappreżentaw daww il-miżuri li ġew assenjati għall-pilastru tal-politika bħala oqsma ta' politika primarji, filwaqt li l-partijiet il-blu jirrappreżentaw miżuri assenjati bħala oqsma ta' politika sekondarji. Dawn l-assenjazzjonijiet jirriflettu l-fatt li r-riformi u l-investimenti jistgħu jikkontribwixxu għal diversi pilastru ta' politika. Għalhekk, il-kontribuzzjoni totali għall-pilastru kollha hija doppju tal-kost stmat tal-pjanijiet approvati għall-irkupru u r-reżiljenza.

Sar progress kbir fl-istabbiliment tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-implimentazzjoni tagħha qabdet sew

Tnejn u għoxrin pjan ta' rkupru u reżiljenza ġew ivvalutati b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u adottati mill-Kunsill fl-2021. Fl-2021, il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib flimkien mal-Istati Membri kollha sabiex tgħinhom iħejju l-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, filwaqt li stabbiliet aġenda nazzjonali ta' riformi u ta' investimenti li għandhom jiġu implimentati sal-31 ta' Awwissu 2026, f'konformità mar-rekwiżiti tar-regolament. Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fit-tħejjija tal-pjanijiet tagħhom, il-Kummissjoni stabbiliet kuntatti informali sa minn Ottubru 2020, u ppubblikat gwida aġġornata⁽⁶⁵⁾ f'Jannar 2021 dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta. Sal-aħħar ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni kienet irċiviet uffiċjalment 26⁽⁶⁶⁾ pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u kienet ressqet valutazzjoni pożittiva għal 22 minnhom⁽⁶⁷⁾.

Il-Kummissjoni żgurata proċess effiċjenti għall-fażijiet kollha tat-tħejjija, tan-negozjar u tal-valutazzjoni tal-pjanijiet. Minbarra skambji intensi ma' kull Stat Membru speċifiku, il-Kummissjoni pprovdiet gwida bil-miktub dwar it-tħejjija tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza, dwar l-implimentazzjoni teknika tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u dwar diversi kwistjonijiet speċifiċi, bħal lista ta' kontroll dwar is-sistemi ta' kontroll. Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri fit-tressiq ta' pjanijiet ambizzjużi bi

⁽⁶⁵⁾ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni – Gwida għall-Istati Membri – Pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (SWD(2021) 12).

⁽⁶⁶⁾ In-Netherlands għadhom ma ssottomettewx il-pjan tagħhom.

⁽⁶⁷⁾ Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu diġà waslu sas-sajf tal-2021.

stadji importanti u b'miri ċari u realistċi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, filwaqt li qieset il-kuntest nazzjonali u l-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli.

B'mod kumplessiv, il-valutazzjoni u l-approvazzjoni eventwali tal-ewwel 22 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fl-2021 seggeww proċess mingħajr xkiel. Wara diskussjonijiet intensi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-fażi ta' tnejn tal-pjanijiet, il-Kummissjoni vvalutat kull pjan f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, filwaqt li żgurati approċċ konsistenti u trasparenti – spjegat permezz ta' dokumenti ta' ħidma tal-persunal ippubblikati fuq kull pjan li ġie vvalutat b'mod pożittiv. Sa tmiem l-2021, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet b'mod pożittiv il-valutazzjoni tagħha ta' 22 pjan⁽⁶⁸⁾, li l-koll ġew approvati mill-Kunsill permezz ta' deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni⁽⁶⁹⁾. Dawn il-pjanijiet jammontaw għal allokkazzjoni totali ta' EUR 291 biljun f'finanzjament mhux ripagabbli u ta' EUR 154 biljun f'self lill-Greċja, lill-Italja, lill-Ċipru, lill-Polonja, lill-Portugall, lill-Rumanija u lill-Slovenja. Il-pjanijiet jinkludu total ta' 3 742 miżura (madwar terz relatati mar-riformi u żewġ terzi relatati mal-investimenti) u total ta' 5 155 oġġettiv intermedju u mira li għandhom jintlaħqu sal-2026. Fi tmiem l-2021, il-Kummissjoni kienet qiegħda tivvaluta l-pjanijiet għall-Bulgarija, għall-Ungerija, għall-Polonja u għall-Liżvezja.

Wara l-adozzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni kkonkludiet ftehim ta' finanzjament (u, fejn rilevanti, ftehim ta' self) mal-Istat Membru kkonċernat, li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u tar-rekwiżiti għas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri. Il-ftehimiet ta' finanzjament jinvolvu wkoll l-ammont ta' prefinanzjament li għandu jinfexx immedjatament lill-Istati Membri u l-kundizzjonijiet għas-sottomissjoni ta' talba għall-pagament. B'kollox, sal-aħħar tal-2021 ġew iffirmati 22 ftehim ta' finanzjament u erba' ftehimiet ta' self.

Minbarra l-prefinanzjament, il-finanzjament jiġi żborżat f'diversi pagamenti parzjali, li kull wieħed minnhom jiddependi mill-ilhug ta' sett speċifiku ta' oġġettivi intermedji u ta' miri relatati mar-riformi u mal-investimenti li l-Istati Membri ħadu impenn li jimplimentaw. Il-profil tal-iżborż u l-oġġettivi intermedji u l-miri speċifiċi li għandhom jintlaħqu ġew miftehm in f'kull każ bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti, u finalment ġew approvati mill-Kunsill. Fl-2021, il-Kummissjoni ħarġet EUR 54 biljun f'pagamenti ta' prefinanzjament lill-dawk l-Istati Membri li għalihom il-pjan kien ġie vvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u approvat mill-Kunsill. Wieħed mit-22 Stat Membru f'dan il-grupp ma talabx prefinanzjament, u għalhekk 21 Stat Membru bbenefikaw minn prefinanzjament. Għal dawn, il-prefinanzjament għen sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-miżuri ta' investiment u ta' riforma deskritti fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-pagamenti ta' prefinanzjament l-koll twettqu fi żmien 5 ijiem ta' xogħol wara l-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament (u/jew ftehimiet ta' self, fejn rilevanti) bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru, ferm qabel l-iskadenza tal-pagamenti ta' xahrejn (2). Klawżola ta' retroattività, li żgurati li l-miżuri meħudin sa mill-bidu tal-pandemija tal-COVID-19 (jiġifieri minn Frar 2020) kienu eliġibbli sabiex jiġu inklużi fil-pjanijiet, ipprovdiet aktar ċertezza u żgurati li l-Istati Membri setgħu jibdeu l-implimentazzjoni saħansitra qabel ma l-pjanijiet tagħhom ġew adottati formalment.

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u tar-Reżiljenza⁽⁷⁰⁾, **pjattaforma pubblika online mwaqqfa mill-Kummissjoni, turi b'mod faċilment aċċessibbli l-progress tal-Istati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza – kif muri mill-oġġettivi intermedji u mill-miri vvalutati mill-Kummissjoni bħala milhugin** – u l-iżborżi li saru. Turi wkoll indikaturi komuni sabiex jiġi rrapportat il-progress u sabiex jiġu evalwati l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-pjanijiet nazzjonali.

⁽⁶⁸⁾ Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fi żmien anqas mill-perjodu ta' valutazzjoni ta' xahrejn (2) wara s-sottomissjoni uffiċjali tagħhom prevista fl-Artikolu 19(1) tar-regolament.




















⁽⁶⁹⁾ Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fi żmien anqas minn xahar (1) wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni tagħha. L-aħħar tlieta mit-22 pjan ġew approvati mill-Kunsill fid-29 ta' Ottubru 2021.




⁽⁷⁰⁾ [It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u tar-Reżiljenza \(europa.eu\)](#).

Bħala faċilità bbażata fuq il-prestazzjoni, il-pagamenti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri, minbarra l-prefinanzjament, huma bbażati fuq l-issodisfar sodisfaċenti tal-oġettivi intermedji u tal-miri ddefiniti fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li japprovaw il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza. L-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jitħallas f'pagamenti parzjali lill-Istat Membru, li jikkorrispondu għal sett ta' oġettivi intermedji u ta' miri kif stabbiliti fl-annessi ta' dawn id-deċiżjonijiet. Il-mekkaniżmi ta' verifika għal kull oġettiv intermedju u mira u l-metodi għall-monitoraġġ u għall-kopertura tal-aspetti essenzjali tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet huma deskritti fl-arranġamenti operazzjonali, li jridu jiġu ffirmati bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru qabel ma l-Istat Membru jkun jista' jissottometti l-ewwel talba għall-pagament tiegħu. Sa mill-aħħar tal-2021, ġew konklużi f'ames arranġamenti operazzjonali, mal-Greċja, ma' Spanja, ma' Franza, mal-Italja u mas-Slovakkja, u erba' Stati Membri ppreżentaw l-ewwel talbiet għall-pagament regolari tagħhom. FI-2022, huma mistennijin madwar 30 talba oħra.

Il-Kummissjoni żborżat l-ewwel pagament, ta' EUR 10 biljun lil Spanja qabel tmiem l-2021, wara li rċiviet it-talba għall-pagament f'Novembru 2021. Minħabba t-tip u ż-żmien ta' implimentazzjoni tal-oġettivi intermedji rilevanti, u peress li Spanja kienet ikkondividiet il-biċċa l-kbira tal-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni qabel is-sottomissjoni uffiċjali tat-talba għall-pagament, il-Kummissjoni setgħet tipproċessa t-talba għall-pagament malajr.

Is-sitwazzjoni ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, sal-31 ta' Diċembru 2021, hija miġbura fil-qosor hawn taħt.

	Pjanijiet approvati	Ftehimiet ta' finanzjament iffirmati	Ftehimiet ta' self iffirmati	Ftehimiet operazzjonali iffirmati	Prefinanzjament żborżat	Talbiet għall-pagament riċevuti	L-ewwel pagament żborżat
 II-Belġju	•	•			•		
 Iċ-Ċekja	•	•			•		
 Id-Danimarka	•	•			•		
 II-Ġermanja	•	•			•		
 L-Estonja	•	•			•		
 L-Irlanda	•	•					
 II-Greċja	•	•	•	•	•	•	
 Spanja	•	•		•	•	•	•
 Franza	•	•		•	•	•	
 II-Kroazja	•	•			•		
 L-Italja	•	•	•	•	•	•	
 Ċipru	•	•	•		•		
 II-Latvja	•	•			•		
 II-Litwanja	•	•			•		
 II-Lussemburgu	•	•			•		
 Malta	•	•			•		
 L-Awstrija	•	•			•		
 II-Portugall	•	•	•		•		
 Ir-Rumanija	•	•			•		

	Pjanijiet approvati	Ftehimiet ta' finanzjament iffirmati	Ftehimiet ta' self iffirmati	Ftehimiet operazzjoni li iffirmati	Prefinanzjament żborżat	Talbiet għall-pagament riċevuti	L-ewwel pagament żborżat
 Is-Slovenja	•	•			•		
 Is-Slovakkja	•	•		•	•		
 Il-Finlandja	•	•					

Is-sistemi ta' kontroll huma mfasslin għan-natura bbażata fuq il-prestazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

FI-2021, b'mod parallel mal-valutazzjoni tal-pjanijiet, il-Kummissjoni ħadmet fuq l-istabbiliment tal-proċessi ta' kontroll intern rilevanti u fuq l-istrateġiji ta' kontroll imfasslin għall-fatt li l-faċilità hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni u li l-Istati Membri huma l-benefiċjarji. Barra minn hekk, ir-regolament jistipula li l-Istati Membri jgħorru r-responsabbiltà sabiex jiżguraw li l-faċilità tiġi implimentata f'konformità mar-regoli tal-UE u dawk nazzjonali u mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Fil-livell tal-Istati Membri

L-Istati Membri huma primarjament responsabbli sabiex jiżguraw li l-fondi riċevuti jiġu implimentati f'konformità mad-dritt tal-UE u nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni u tal-korrezzjoni tal-frodi, tal-korruzzjoni u tal-kunflitti ta' interess u tal-evitar ta' finanzjament doppju. L-Istati Membri jstabilixxu oqfsa xierqa ta' kontroll u ta' monitoraġġ fil-livell nazzjonali sabiex jiżguraw il-monitoraġġ effettiv tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u l-għbir ta' evidenza dwar l-ilfuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri, u fl-aħħar mill-aħħar sabiex jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Dan huwa rifless ukoll fil-ftehimiet ta' finanzjament u ta' self.

Kull Stat Membru ddeskriva s-sistema nazzjonali ta' kontroll għall-implimentazzjoni tal-miżuri proposti bħala parti mill-pjan nazzjonali tiegħu, u l-Kummissjoni analizzat is-sistemi kif stabbiliti fil-pjanijiet bħala parti mill-valutazzjoni tagħha. Jekk sistema ta' kontroll tqieset insuffiċjenti, il-pjan ma setax jiġi approvat. Meta l-Kummissjoni vvalutat li s-sistemi ta' kontroll kienu adegwati b'mod kumplessiv iżda li kien hemm bżonn ta' aktar titjib, kienet teħtieġ li l-oġġettivi intermedji dwar l-awditi u l-kontrolli jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Tali nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri kienu jinkludu, pereżempju: li s-sistema tar-repożitorji għall-għbir u għall-ħżin tad-data, kif meħtieġa mir-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ma tkunx kompletament fis-seħħ fiż-żmien tal-valutazzjoni; in-nuqqas ta' mandati legali formali għad-diversi korpi inkarigati mill-implimentazzjoni u mill-awditjar tal-fondi; kapaċità amministrattiva insuffiċjenti min-naħa tal-korpi ta' implimentazzjoni u tal-awditjar inkarigati mill-implimentazzjoni tal-pjan; u n-nuqqas ta' strateġija ċara tal-awditjar jew ta' miżuri kontra l-frodi. Il-pagamenti lill-Istati Membri jistgħu jsiru biss ladarba jintlaħqu dawn l-oġġettivi intermedji.

Fil-livell tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni hija responsabbli sabiex tiżgura l-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tagħha lill-Istati Membri. Peress li l-faċilità hija strument ibbażat fuq il-prestazzjoni, il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti jiddependu fuq l-ilħuq attwali tal-oġġettivi intermedji u tal-miri stabbiliti fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Konsegwentement, **il-kontrolli tal-Kummissjoni jiffokaw fuq l-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri, filwaqt li l-kostijiet effettivament imġarrbin mill-benefiċjarju ma humiex soġġetti għal kontrolli mill-Kummissjoni.** Skont ir-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni xorta waħda għandha d-dritt li tikkoreġi irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess li ma ġewx ikkoreġuti mill-Istati Membri nfushom, flimkien ma' finanzjament doppju jew ma' ksur serju tal-ftehimiet ta' finanzjament u ta' self.

B'mod ġenerali, sabiex tibni l-aċċertament tagħha, il-Kummissjoni tiddependi fuq il-kontrolli tal-Istati Membri. Dan jimplika l-kisba tal-aċċertament li s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jkunu effettivi fil-prevenzjoni u fid-detezzjoni ta' irregolaritajiet serji jew ta' ksur tal-obbligu tal-ftehimiet ta' finanzjament. Barra minn hekk, meta jkun neċessarju, il-Kummissjoni tikkomplementa l-kontrolli tal-Istati Membri bil-kontrolli tagħha stess fi tliet stadji.

Matul il-valutazzjoni tagħha tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Istati Membri, il-Kummissjoni vverifikat jekk is-sistemi ta' kontroll deskritti mill-Istati Membri fil-pjanijiet jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament. Dan jinkludi spjegazzjoni ta' kif se juru lill-Kummissjoni li l-oġġettivi intermedji jew il-miri predefiniti ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti u kif se jiżguraw li d-*data* relatata tkun affidabbli, inklużi l-mekkaniżmi ta' kontroll sabiex tiġi żgurata tali affidabbiltà. Barra minn hekk, l-Istati Membri kellhom jiddeskrivu s-sistema ta' kontroll li jużaw sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitti ta' interess u l-finanzjament doppju. Meta l-Kummissjoni qieset li s-sistema ta' kontroll ta' Stat Membru kienet adegwata b'mod ġenerali, iżda li kien għad hemm lakuni żgħar li setgħu jiġu kkoreġuti, ġew introdotti oġġettivi intermedji u miri addizzjonali sabiex jiġi żgurat li l-lakuni jitneħħew qabel l-ewwel żborż regolari.

Matul l-implimentazzjoni tal-faċilità, ladarba l-Istati Membri jissottomettu t-talbiet għall-pagament tagħhom, il-Kummissjoni tivvaluta jekk intlaħqux b'mod sodisfaċenti l-oġġettivi intermedji u l-miri u ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha għall-iżborż. B'mod partikolari, l-Istati Membri jeftiġilhom jakkumpanjaw kull talba għall-pagament b'dawn:

- dikjarazzjoni ta' ġestjoni li tikkonferma li l-fondi ntużaw għall-iskop maħsub tagħhom, li l-informazzjoni pprovduta tkun korretta, u li s-sistemi ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-aċċertament neċessarju li l-fondi ntużaw f'konformità mar-regoli applikabbli; u
- sommarju tal-awditi mwettqin, inklużi kwalunkwe dgħufija identifikata u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.

Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali u tista' tiddeċiedi li twestaq kontrolli addizzjonali sabiex tikseb l-aċċertament komplementari neċessarju tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri qabel ma tagħmel il-pagament. Jekk oġġettiv intermedju wieħed jew aktar ma jkunux intlaħqu b'mod sodisfaċenti, il-pagamenti jistgħu jiġu sospiżi u, fl-aħħar mill-aħħar, jitnaqqsu proporzjonalment.

Il-Kummissjoni twestaq ukoll awditi tas-sistema dwar l-affidabbiltà tas-sistemi fis-seħħ għall-ġbir, għall-aggregazzjoni u għall-ħżin ta' *data* affidabbli relatata mal-oġġettivi intermedji u mal-miri. Barra minn hekk, tal-anqas darba għal kull Stat Membru, hija twestaq awditi tas-sistema tal-miżuri implimentati mill-Istati Membri sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, b'mod aktar partikolari l-miżuri għall-prevenzjoni, għall-identifikazzjoni u għall-korrezzjoni ta' każijiet ta' frodi, korruzzjoni, ta' kunflitti ta' interess u ta' finanzjament doppju u sabiex jiġi evitat ksur serju tal-ftehim ta' finanzjament. Dan jinkludi wkoll il-funzjonament tas-sistemi sabiex tinġabar u tinħażen *data* dwar l-

Artikolu 22(2)(d) tar-regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jiġifieri dwar ir-riċevituri finali u l-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji tagħhom.

Wara li jsiru l-iżborżi lill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' twettaq kontrolli u awditi ex post⁽⁷¹⁾ sabiex tivverifika l-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri. Il-Kummissjoni tista' twettaq ukoll awditi *ad hoc* f'każ ta' suspett ta' irregolaritajiet serji. Jekk ikun neċessarju, il-Kummissjoni tirkupra ammonti proporzjonati jew teħtieġ ripagament bikri tas-self. Fil-każ ta' irregolaritajiet serji li ma jkunux diġà ġew irkuprati mill-Istati Membri nfishom, il-Kummissjoni tirkupra l-ammonti proporzjonati mill-Istati Membri.

Barra minn hekk, l-arranġamenti operazzjonali jipprevedu skambji regolari bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'tal-anqas skambji trimestrali sabiex jittieħed rendikont tal-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

Il-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni kwalitattiva tar-riżultati tal-kontroll u tal-livell ta' riskju assoċjat mal-operazzjonijiet. Għall-kuntrarju ta' programmi oħrajn tal-UE (ara wkoll l-Anness 5), din il-valutazzjoni ma tiġix ikkwantifikata b'rata ta' żball. Ir-rati ta' żball jirriflettu valutazzjoni kwantitattiva, li tkun pertinenti meta n-nefqa tista' tiġi attribwita direttament għal kriterju kwantitattiv⁽⁷²⁾. Il-pagamenti fil-kuntest tal-faċilità huma bbażati fuq valutazzjoni kwalitattiva tal-ilħuq tal-oġġettivi intermedji u tal-miri, li huwa diffiċli li jissarrfu f'termini kwantitattivi. Anke meta l-oġġettivi intermedji u l-miri ma jkunux ġew issodisfati b'mod sodisfaċenti, u jsir tnaqqis, dan it-tnaqqis ma jistax jikkorrispondi għal ammont ta' nefqa ineliġibbli. Barra minn hekk, l-investimenti u r-riformi inklużi fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza huma diversi ħafna, kemm fi Stat Membru kif ukoll bejn l-Istati Membri, li jipprevjenu kwalunkwe estrapolazzjoni statistika. F'dan il-kuntest, ma tistax tiġi ddeterminata rata ta' żball sinifikanti.

Il-valutazzjoni kwalitattiva tal-Kummissjoni tkun ibbażata fuq taħlita tar-riżultati minn (1) l-awditi tal-Istati Membri, ipprovduti fis-sommarju tal-awditi li jrid jakkumpanja kull talba għall-pagament; (2) l-awditi tal-Kummissjoni; (3) il-valutazzjoni tat-talbiet għall-pagament; u (4) kontrolli oħrajn imwettqin mill-Kummissjoni fil-livell tal-Istati Membri fil-kuntest ta' programmi oħrajn ta' finanzjament bħall-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegajn għall-faċilità kkonferma li kellu aċċertament raġonevoli

Id-Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ġie ddeżinjat bħala l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni għall-faċilità. F'Jannar 2021, huwa ħoloq unità ġdida għall-kontroll u għall-evalwazzjoni sabiex jappoġġa l-aċċertament globali. L-istrateġija tal-awditjar ġiet approvata f'Diċembru 2021. L-oġġettiv huwa li jiġi vvalutat jekk l-awtoritajiet nazzjonali stabbilewx is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tagħhom sabiex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-talbiet għall-pagament sottomessi lill-Kummissjoni, li kwalunkwe każ ta' frodi, ta' korruzzjoni, ta' kunflitt ta' interess u ta' finanzjament doppju li jiġi skopert

⁽⁷¹⁾ F'konformità mal-ftehim ta' finanzjament, jistgħu jitwettqu awditi *ex post* sa 5 snin li jibdew mid-data wara li jkun ġie ppreżentat l-aħħar pagament.

⁽⁷²⁾ Jiġifieri f'każijiet ta' rimborż tal-kostijiet effettivament imġarrbin, jew ta' nefqa bbażata fuq l-intitolamenti meta jkun previst ammont eżatt fil-bażi legali għal kwantità partikolari: ammont partikolari ta' euro għal kull ettaru eliġibbli taħt il-politika agrikola komuni, ammont partikolari ta' euro ta' benefiċċju tal-familja għal kull wild għan-nefqa amministrattiva jew kwalunkwe rata fissa jew ammont standard ieħor, jew kost unitarju, li jkun marbut direttament ma' kwantità partikolari.

jiġi kkoreġut b'mod adegwat u, meta jkun neċessarju, li jittieħdu miżuri korrettivi sabiex jiġi indirzzat ksur sinifikanti tal-ftehim ta' finanzjament.

FI-2021, il-biċċa l-kbira tas-sena kienet dedikata għall-ħidma preparatorja għas-sottomissjoni tal-pjanijiet mill-Istati Membri u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet mill-Kummissjoni. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-iżborżi għall-2021 kienu jikkonsistu fi prefinanzjament, kien hemm pagament uniku ta' EUR 10 biljun lil Spanja. Dan il-pagament kien jikkonċerna l-ilħuq ta' 52 objettiv intermedju, prinċipalment relatati ma' riformi li diġà kienu twettqu sat-tieni trimestru tal-2021. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni pożittiva tal-evidenza tal-ilħuq tal-objettivi intermedji fit-talba għall-pagament, l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni b'delegazzjoni kellu aċċertament raġonevoli tal-legalità u tar-regolarità tal-pagament li sar fl-2021 taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Getting in touch with the EU

In person

All over the European Union there are hundreds of Europe Direct centres. You can find the address of the centre nearest you online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_en).

On the phone or in writing

Europe Direct is a service that answers your questions about the European Union. You can contact this service:

- by freephone: 00 800 6 7 8 9 10 11 (certain operators may charge for these calls),
- at the following standard number: +32 22999696,
- via the following form: european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_en.

Finding information about the EU

Online

Information about the European Union in all the official languages of the EU is available on the Europa website (european-union.europa.eu).

EU publications

You can view or order EU publications at op.europa.eu/en/publications. Multiple copies of free publications can be obtained by contacting Europe Direct or your local documentation centre (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_en).

EU law and related documents

For access to legal information from the EU, including all EU law since 1951 in all the official language versions, go to EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

EU open data

The portal data.europa.eu provides access to open datasets from the EU institutions, bodies and agencies. These can be downloaded and reused for free, for both commercial and non-commercial purposes. The portal also provides access to a wealth of datasets from European countries.

